

# Ngħixu fil-komunità

KTIEB GĦAS-SITT SENA TAL-KATEKEŻI

# Ngħixu fil-Komunità

KTIEB GĦAS-SITT SENA TAL-KATEKEŻI

segretarjat għall-katekeżi

# ngħixu fil-komunità

KTIEB GĦAS-SITT SENA TAL-KATEKEŻI

Pubblikazzjoni tas-Segretarjat għall-Katekeżi
tal-Arċidjoċesi ta' Malta, 2017
Xogħol ikkummissjonat u awtorizzat
mill-Kummissjoni Kateketika Nazzjonali, Malta
**© 2017 SEGRETARJAT GĦALL-KATEKEŻI**

Kitba ta' Sr Alexandra Chircop f.c.j.
f'koordinazzjoni mat-Tim Adolexxenti
Disinn ta' Alan Bonello (www.designedbyal.com)
Koordinazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' dan il-ktieb
ta' Rev. Dr Carl Mario Sultana u Ms Mariosa Micallef
Qari tal-Provi ta' Sr Alexandra Chircop f.c.j.
u Bertram Portelli

Ħajr lil Rev. Dr. Carl M. Sultana, Delegat tal-Arċisqof
għall-Katekeżi, lil Fr Stefan Bonanno u lit-tim tiegħu
fil-Media Centre għall-kollaborazzjoni tagħhom,
lill-parroċċi, skejjel indipendenti, liż-żewġ sezzjonijiet
tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija li ħadu sehem
fil-proġett pilota li frott tiegħu għandna dan il-ktieb
u lit-tim tal-adolexxenti tal-kontribut siewi tagħhom.

Is-siltiet mill-Bibbja ttieħdu bil-permess
tal-Għaqda Biblika Maltija.

Stampat: Salesian Press

**IMPRIMATUR**
DATUM IN CURIA ARCHIEPISCOPALI
MELITENSIS, FLORIANÆ
DIE 9A IUNII AD2017
+ CHARLES J. SCICLUNA
ACHIEPISCOPIS MELITENSIS
PRES. CONF. EPISC. MELIT

**NIHIL OBSTAT**
DIE 9A IUNII AD2017
SAC. HECTOR SCERRI
CENS. THEOL.

# Preżentazzjoni



Jalla dan il-ktieb bit-tema Ngħixu fil-Komunità, jkun ta' għajnuna siewja f'idejn il-katekisti fl-akkumpanjament tagħhom mal-adolexxenti kemm fit-tħejjija tagħhom sabiex jirċievu is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof kif ukoll għall-għajxien tagħhom fil-komunità matul iż-żmien.

Jalla dan il-ktieb ikun mezz sabiex l-adolexxenti u l-familji jagħrfu jagħtu aktar spazju lil Alla fil-ħajja tagħhom u jagħrfu japprezzaw aktar li t-Tagħlim tal-Knisja u l-Liturġija joffru akkumpanjament siewi fil-ħajja tagħhom bħala ċittadini Nsara responsabbli.

Nirringrazzja lil Alla għall-kobor tiegħu bla tarf, tal-grazzji kbar li Hu xeħet fuq kull persuna li bħala tim ħdimna flimkien għat-tiswir ta' dan il-ktieb.

Nirringrazzja lil kull persuna li b'xi mod jew ieħor kienet ta' għajnuna f'dan il-proġett kateketiku.

SR ALEXANDRA CHIRCOP
KOORDINATRIĊI TA' DAN IL-PROĠETT

# Daħla

Ftit ftit wasalna fuq l-għatba tal-adolexxenza u fi ftit xhur oħra niċċelebraw ukoll is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof jew tal-Konfermazzjoni. Dan huwa perjodu sabiħ fil-ħajja tagħna, li fih niskopru ħafna affarijiet ġodda dwarna infusna u dwar dawk kollha li jkunu madwarna. Huwa żmien ukoll li fih irridu negħlbu sfidi ġodda li niltaqgħu magħhom matul ħajjitna.

Dawn l-isfidi jistgħu jkunu ta' natura differenti. Hemm minnhom li huma marbutin mal-edukazzjoni tagħna u hemm oħrajn ta' natura aktar soċjali, bħall-ħbieb li se nagħżlu u ma' min se nagħmluha. Imma fuq kollox fiż-żmien tal-adolexxenza niltaqgħu ma' ħafna sfidi li għandhom x'jaqsmu mal-fidi u mal-mod kif ngħixu dak li aħna nemmnu fih. Issa ma għadniex tfal u allura l-isfidi jkunu akbar. Waħda mill-akbar sfidi li niltaqgħu magħha hija l-fatt li aħna ma nistgħu ngħixu maqtugħin għalina nfusna imma mal-oħrajn f'komunità.

Huwa minħabba f'hekk li matul din is-sena se nsiru nafu aktar dwar l-Ispirtu s-Santu u kif l-Ispirtu s-Santu jgħaqqadna f'komunità waħda, għalkemm aħna nibqgħu individiwi differenti minn xulxin. Jalla ngħixu din l-isfida flimkien, u nikbru u ngħixu fil-komunità bħala nies li jemmnu, u għalhekk li jixtiequ jagħmlu l-aħjar deċiżjonijet li juru dak li aħna nemmnu fih.

**REV. DR CARL-MARIO SULTANA**
DELEGAT GĦALL-KATEKEŻI

# Werrej

## 1. KURŻITÀ: MIN HU L-ISPIRTU S-SANTU?

I. Niskopru 'l-Ispirtu s-Santu . . . . . 1
II. Ir-Rigal li tana Ġesù: l-Ispirtu Qaddis . . . . . 14
III. Nippartećipa fl-għażla tiegħi . . . . . 24

## 2. L-ISPIRTU S-SANTU FIL-ĦAJJA TAGĦNA

I. Esperjenzi dejjem ġodda . . . . . 37
II. Nikber ftit, ftit kuljum: Il-Frott tal-Ispirtu . . . . . 50
III. Il-Karizmi tal-Ispirtu s-Santu għas-servizz tal-Umanità . . . . . 70

## 3. IL-VERITÀ FL-IMĦABBA, L-IMĦABBA BIL-VERITÀ

I. L-għejun tal-verità sabiex fuqhom infasslu l-imġiba tagħna . . . . 81
II. Niskopru u nrawmu l-Kuxjenza . . . . . 90
III. Ngħix, Inħobb u Naqdi . . . . . 112

## 4. L-ISPIRTU S-SANTU: ĦABIB TA' DEJJEM

I. Nitolbu b'metodi u b'mezzi differenti . . . . . 131
II. Niskopru s-Sagramenti . . . . . 148
III. Ejja Spirtu Qaddis . . . . . 178

L-EWWEL KAPITLU

# 1 Kurżità: Min hu l-Ispirtu s-Santu?



L-EWWEL TEMA

# Niskopru l-Ispirtu s-Santu

Hawn min jgħid, li l-Ispirtu s-Santu ftit nafuh. Forsi għandhom raġun. Spiss nisimgħu min jitkellem u jgħallem dwar Alla l-Missier u dwar Ġesù Kristu, imma ftit nitgħallmu dwar l-Ispirtu s-Santu. Madanakollu l-Ispirtu s-Santu għandu rwol importanti ħafna għaliex bħall-Missier u bħall-Iben huwa wkoll huwa Alla. Dan ifisser li l-Ispirtu s-Santu li kien preżenti sa mill-bidu tal-ħolqien għadu magħna sal-lum fil-ħolqien, fil-ħajja tal-Knisja u fil-ħajja tagħna bħala komunità ta' Nsara.

Il-preżenza tal-Ispirtu s-Santu kienet sa mill-bidu tal-ħolqien. Insibu dan fil-ktieb tal-Ġenesi li huwa l-ewwel ktieb tal-Bibbja u li jirrakkontalna l-ġrajja tal-ħolqien.

> *“Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art:*
> *u kienet l-art taħwid u baħħ;*
> *u d-dlam kien fuq wiċċ l-abbissi*
> *u fuq wiċċ l-ibħra*
> *kien jittajjar l-ispirtu t'Alla*.”*
>
> ĠEN 1, 1-2

** Il-kelmiet ‘l-Ispirtu t'Alla’ huma referenza għall-Ispirtu s-Santu.*



## 1.1 IL-MISTOQSIJA L-AKTAR IMPORTANTI HAWNHEKK HIJA:

# Min hu l-Ispirtu s-Santu?

### NIPPRUVAW NISKOPRU ’L-ISPIRTU S-SANTU

**1** L-Ispirtu s-Santu huwa **wieħed mit-tliet persuni tat-Trinità Qaddisa:** Il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.

**2** L-Ispirtu s-Santu huwa **ħaġa waħda mal-Missier u mal-Iben;** it-tlieta flimkien huma t-Trinità Qaddisa. Huma tliet persuni, ilkoll indaqs, jiġifieri m’hemmx min hu ikbar jew aħjar mill-ieħor. It-tliet persuni jaħdmu flimkien b’ħafna mħabba għalina. Il-ħolqien kollu huwa frott tal-imħabba ta’ bejniethom. Għalhekk, il-Missier huwa daqs l-Iben u daqs l-Ispirtu s-Santu. L-Iben huwa daqs il-Missier u daqs l-Ispirtu s-Santu. **L-Ispirtu s-Santu huwa daqs il-Missier u daqs l-Iben.** Huma tliet persuni li lkoll flimkien huma Alla wieħed.

**3 L-Ispirtu s-Santu huwa persuna ħajja.** Bl-għajnejn tagħna ma nistgħux narawh imma nistgħu nemmnu u nistgħu wkoll nirrelataw Miegħu, jiġifieri nistgħu nitolbuh. Anzi għandna nitolbuh. Bħalma nitolbu lil Ġesù u lil Alla l-Missier, hekk ukoll nistgħu nitolbu lill-Ispirtu s-Santu b’ħafna fidi u fiduċja.

L-Ispirtu s-Santu għandu rwol importanti ħafna fil-ħajja tagħna bħala persuni Nsara. Huwa jgħallimna u jiggwidana sabiex ħajjitna tkun dik li tixraq lill-persuna Nisranija.

## 1.2 IR-RWOL TAL-ISPIRTU S-SANTU FIL-ĦAJJA TAGĦNA TA' PERSUNI NSARA

» Bħala persuni Nsara ma nistgħux ngħixu mingħajr l-Ispirtu s-Santu. Għandna bżonnu fil-oqsma kollha tal-ħajja tagħna.

» Ir-rwol prinċipali tal-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tagħna huwa li jgħinna **nħobbu** kif jixtieqna Ġesù. Aktar ma jkollna relazzjoni tajba mal-Ispirtu s-Santu, aktar nitgħallmu nħobbu.

» Rwol ieħor tal-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tagħna huwa dak ta' **avukat/difensur,** jiġifieri ta' xi ħadd li jiddefendi. Jekk aħna nitolbuh, Huwa jgħinna niddefendu l-fidi tagħna f'Ġesù



Kristu; jgħinna niddefendu t-tagħlim ta' Ġesù Kristu bil-kliem u bil-mod ta' kif ngħixu l-ħajja tagħna bħala persuni Nsara.

Ġesù stess qalilna dan meta Huwa – Ġesù - wiegħed lill-appostli li ser jibagħtilhom l-Ispirtu s-Santu.

> *“Imma d-Difensur, l-Ispirtu s-Santu,*
> *li l-Missier jibgħat f'ismi,*
> *jgħallimkom kollox*
> *u jfakkarkom dak kollu*
> *li għidtilkom.”*
>
> ĠW 14, 26

» Irwol ieħor importanti tal-Ispirtu s-Santu għall-ħajja tagħna huwa dak ta' gwida. L-Ispirtu s-Santu huwa dak li **jiggwidana lejn il-verità.** Għan-Nisrani, il-verità tinsab biss f'Ġesù Kristu. Għalhekk, l-Ispirtu s-Santu jiggwidana sabiex **nifhmu** aħjar il-missjoni ta' Ġesù. Huwa jagħmel dan sabiex jgħinna niskopru kif ngħixu bħala Kristjani fil-ħajja ta' kuljum.



Ġesù stess qalilna:

> “*Meta jiġi hu, l-Ispirtu **tal-verità,***
> *iwassalkom għall-verità kollha;*
> *għaliex hu ma jgħid xejn minn tiegħu,*
> *imma jgħid dak li jisma’,*
> *u jħabbrilkom il-ġejjieni.”*
>
> ĠW 16, 13



» Il-Knisja Kattolika hija **mmexxija mill-Ispirtu s-Santu.** Huwa fatt illi kieku l-Knisja hija mmexxija mill-bnedmin, kieku ilha li spiċċat. Imma minkejja d-dgħufija tal-bnedmin matul dawn l-elfejn sena, hija xorta kompliet teżisti u kompliet il-missjoni ta’ Ġesù.

» L-Ispirtu s-Santu li għadu fostna llum nirċevuh mill-Missier u mill-Iben permezz tal-Knisja. L-Ispirtu s-Santu nirċevuh fis-sagramenti kollha, b’mod partikulari fil-Magħmudija, fis-Sagrament tal-Konfermazzjoni u fl-Ordni Sagri.



## 1.3 L-ISPIRTU S-SANTU FIL-ĦAJJA TAGĦKOM

B'mod partikulari f'dan iż-żmien tal-adolexxenza, 'l-Ispirtu s-Santu għandkom iżżommuh bħala ħabib sinċier li dejjem lest biex jgħinkom.

» Huwa jgħinkom **tifhmu** l-kliem, it-tagħlim, l-azzjonijiet u l-ħidma ta' Ġesù, jiġifieri l-missjoni tiegħu.

Din il-missjoni niskopruha permezz tal-Kelma t'Alla u tat-tagħlim tal-Knisja.

Għalhekk tajjeb li qabel ma tibdew taqraw u titolbu bil-Bibbja, titolbu lill-Ispirtu s-Santu sabiex jgħinkom tifhmu l-messaġġ li l-Mulej irid iwasslilkom permezz tal-Kelma Tiegħu.

» Meta titolbu lill-Ispirtu s-Santu, Huwa **jgħinkom fl-istudju** u f'dak kollu li tkunu qed tagħmlu u ser tagħmlu. Sintendi, intom tridu tagħmlu l-parti tagħkom ukoll.

Qabel ma tibdew l-istudju tagħkom, jew tkunu sejrin għal xi eżami, itolbu lill-Ispirtu s-Santu sabiex jgħinkom tifhmu dak li qed tistudjaw u tifhmu sewwa xi tridu tagħmlu/tiktbu waqt l-eżami.

» Meta titolbu lill-Ispirtu s-Santu li huwa Spirtu ta' mħabba u ta' għerf, Huwa jgħinkom biex tagħmlu **għażliet u deċiżjonijiet tajbin.**

» L-Ispirtu s-Santu **jgħinkom ukoll sabiex issiru qaddisin, jiġifieri ssiru persuni aktar tajbin milli intom.** Faċli ħafna li bl-iskuża ta' kurżità wieħed jibda ħajja ta' vizzji li mbagħad meta jibda jikber u jimmatura jkun ħafna diffiċli biex joħroġ minnhom.

Għalhekk tajjeb li ssiru ħbieb mal-Ispirtu s-Santu u titolbuh jgħinkom ħalli kemm jista' jkun tibqgħu persuni tajbin; itolbuh jgħinkom biex jekk taqgħu f'xi dnub ma taqtgħux qalbkom, imma mingħajr ma toqogħdu tistħu, tersqu sabiex iġġeddu r-relazzjoni tagħkom ma' Alla permezz tas-Sagrament tal-Qrar.

**MILL-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN:**

*"Madanakollu, ngħidilkom is-sewwa, jaqblilkom li jiena mmur; għaliex jekk ma mmurx; id-Difensur ma jiġix għandkom; imma jekk immur, nibagħthulkom."*

ĠW 16, 7

"Meta jiġi l-Ispirtu tal-Verità, iwassalkom għall-verità."

ĠW 16, 12

## 1.4 IS-SIMBOLI TAL-ISPIRTU S-SANTU U T-TIFSIRA TAGĦHOM

Fil-Knisja Kattolika nsibu diversi simboli li jfissru l-Ispirtu s-Santu. Is-simboli l-aktar importanti huma l-ilma, in-nar u l-ħamiema. Barra minn dawn, bħala azzjoni simbolika, jiġifieri azzjoni li fiha tifsira warajha, insibu d-dilka biż-żejt u t-tqegħid tal-idejn mill-Isqof jew qassis waqt is-Sagramenti.

### I. SIMBOLI:

**L-ilma:** L-ilma huwa simbolu tal-azzjoni tal-Ispirtu s-Santu fil-Magħmudija. San Pawl kiteb hekk fl-Ewwel ittra lill-Korintin:

> *"Għax aħna wkoll, ilkoll tgħammidna fi Spirtu wieħed..."*
>
> 1 KOR 12, 13

L-ilma huwa simbolu tal-Ispirtu Qaddis. L-ilma jagħti l-ħajja; immela l-Ispirtu s-Santu jagħti l-ħajja. Meta nitwieldu nibdew il-ħajja tagħna naturali. Permezz tal-Magħmudija nibdew ħajja ġdida fi Kristu. Dan kollu huwa ħidma tal-Ispirtu s-Santu.

**In-Nar:** In-nar ukoll huwa simbolu tal-Ispirtu s-Santu. Permezz tan-nar ħafna affarijiet jiġu ttrasformati, jiġifieri jieħdu sura differenti. Pereżempju permezz tan-nar isir il-ħġieġ li jista' jiġi trasformat, jiġifieri mibdul f'mudelli differenti. Permezz tan-nar, biċċa ħadida tista' tiġi mibdula f'diversi affarijiet u b'ħafna disinnji wkoll. In-nar għandu dik il-qawwa, dik l-enerġija b'saħħitha li tbiddel l-affarijiet.



Niftakru ftit f'Pentekoste. Dakinhar dehru ilsna tan-nar fuq l-appostli u fuq dawk kollha li kienu fiċ-ċenaklu. Wara din il-ġrajja, l-appostli u kull min kien fiċ-ċenaklu tbiddlu minn persuni beżżiegħa għal persuni kuraġġużi, hekk li ħarġu jxandru u jitkellmu dwar Ġesù ta' Nażaret.

> *Meta wasal jum Għid il-Ħamsin, huma kienu lkoll flimkien f'post wieħed. F'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, u mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin. U dehrulhom ilsna qishom tan-nar, li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom. Imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu b'ilsna oħra, skont ma l-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu."*
>
> ATTI 2, 1-4

**Il-Ħamiema:** Fl-erba' Evanġelji nsibu li waqt il-Magħmudija ta' Ġesù, l-Ispirtu Qaddis niżel fuqu f'forma ta' ħamiema. Fil-Ktieb tal-Ġenesi insibu:

> *... u fuq wiċċ l-ibħra kien jittajjar l-Ispirtu ta' Alla."*
>
> ĠEN 1, 2

Għalhekk fl-arti Kristjana nsibu s-simbolu tal-ħamiema għall-Ispirtu s-Santu li hu l-Ispirtu Qaddis, l-Ispirtu t'Alla.

B'mod wiesa', fl-arti kollha, is-simbolu tal-ħamiema jirrappreżenta l-paċi, il-ġentilezza, u

s-sbuħija, tliet kwalitajiet li faċilment insibuhom fl-Ispirtu s-Santu: Spirtu li jagħtina l-paċi, il-ġentilezza u s-sbuħija tar-ruħ u dik ta'madwarna.

## II. AZZJONIJIET SIMBOLIĊI
## AZZJONIJIET LI FIHOM ĦAFNA TIFSIRIET

**Id-Dilka biż-żejt:** F'xi wħud mis-Sagramenti, waqt iċ-ċerimonja (ir-rit), il-persuni li jkunu qed jirċievu s-sagramenti jiġu midluka biż-żejt mill-qassis jew mill-Isqof. Dawn is-sagramenti huma: il-Magħmudija (l-isqof, il-qassis jew id-djaknu), il-Konfermazzjoni (l-isqof jew il-qassis), l-Ordni Sagri (l-isqof), id-Dilka tal-Morda (l-isqof jew il-qassis). Id-dilka biż-żejt fil-Knisja Kattolika hija meqjusa bħala azzjoni simbolika li tirrappreżenta lill-Ispirtu s-Santu.

Ir-Rumani kienu jidilku lis-suldati tagħhom biż-żejt taż-żebbuġa sabiex isaħħuhom. Waqt dawn it-tliet



Sagramenti, meta niġu midluka biż-żejt, l-isqof, il-qassis jew id-djaknu f'każ ta' Magħmudija, jitlob lill-Ispirtu s-Santu sabiex jinżel f'dik il-persuna, u jimlieha bil-qawwa Tiegħu.



**It-tqegħid tal-idejn:** Fl-Atti tal-Appostli nsibu li n-nies irċevew l-Ispirtu s-Santu permezz tat-tqegħid tal-idejn.

> *"Imbagħad l-appostli qiegħdu jdejhom fuqhom, u huma rċevew l-Ispirtu s-Santu."*
>
> ATTI 8, 17

L-istess jiġri llum. Meta l-qassis jew l-isqof iqiegħed idejh fuq il-persuna li tkun qed tirċievi s-sagramenti huwa jitlob lill-Ispirtu s-Santu sabiex jinżel fuq dik il-persuna.

## SFIDA

Matul din il-ġimgħa itlob lill-Ispirtu s-Santu sabiex jiggwidak f'dak kollu li tagħmel. Ipprova għid din it-talba: Spirtu Qaddis, urini x'għandi nagħmel. Tista' wkoll titlob: Spirtu Qaddis, għinni nagħmel għażliet tajbin.

# Djarju

Ikteb jew pinġi talba lill-Ispirtu s-Santu li fiha tesprimi fiex tixtiequ jiggwidak jew fiex tixtiequ jgħinek sabiex tkun adolexxent jew adolexxenta aħjar milli inti.

## KATEKEŻI FAMILJA
## QARI MILL-EWWEL ITTRA TA' SAN PAWL LIT-TESSALONKIN

*"Ixxekklux 'l-Ispirtu, tmaqdrux il-profezija, ippruvaw kollox; it-tajjeb żommuh, u, fuq kollox, warrbu kull xorta ta' ħażen.*

*U Alla tas-sliem iqaddiskom f'kollox, u jżommkom sħaħ bla mittiefsa fl-ispirtu, fir-ruħ u fil-ġisem, sa ma jiġi Sidna Ġesù Kristu. Fidil hu Alla li sejħilkom, u huwa jagħmel dan."*

1 TESS 5, 19-23

## TALBA MAL-FAMILJA:
## SILTA MINN TALBA GĦALL-MIĠJA TAL-ISPIRTU S-SANTU

Spirtu qaddis, imħabba bla tmiem,
ejja fina bil-ħeġġa tiegħek,
ejja kebbes il-qlub tagħna.



IT-TIENI TEMA

# Ir-Rigal li tana Ġesù: l-Ispirtu Qaddis

## 2.1 ĠESÙ META KIEN FUQ DIN L-ART, WIEGĦED LILL-APPOSTLI LI KIEN SE JIBAGĦTILHOM L-ISPIRTU S-SANTU

### L-appostli u 't-telfa' tal-*leader* tagħhom

L-appostli, minkejja li kienu ordnati saċerdoti u isqfijiet fl-aħħar ċena, kienu nies fraġli. Wara l-mewt ta' Ġesù, minkejja li emmnu u dehrilhom



wara li qam mill-mewt, xorta kienu rġiel maħkuma mill-biża'. Kienu raw b'għajnejhom stess x'ġara lil Ġesù. Kienu beżgħanin għalihom infushom u għall-familji tagħhom. U dan bir-raġun!

L-appostli kellhom konflitt kbir ġo fihom: riedu jibqgħu dixxipli ta' Ġesù, jiġifieri persuni li jimxu fuq dan it-tagħlim Tiegħu; riedu wkoll li jkunu appostli, jiġifieri persuni li jgħallmu dan it-tagħlim, imma kienu beżgħana mir-riskji li dan kien jitlob.

Kien għalhekk li Ġesù qabel ma tela' s-sema wegħidhom li ser jibagħtilhom l-Ispirtu Santu li Huwa stess sejjaħlu d-difensur; dak id-difensur li lejh kellhom jirrikorru sabiex l-ewwel u qabel kollox jgħinhom jiddefendu rwieħom mill-ħakma tal-biża' li kellhom, u jiddefendu wkoll dak li kienu jemmnu fih: Ġesù u t-tagħlim Tiegħu.

Fl-Evanġelju ta' San Ġwann insibu dan:

> *“Għedtilkom dan*
> *meta għadni magħkom.*
> *Imma d-Difensur,*
> *l-Ispirtu s- Santu,*
> *li l-Missier jibgħat f'ismi,*
> *jgħallimkom kollox*
> *u jfakkarkom dak kollu*
> *li għedtilkom.*
> *Jiena nħallilkom is-sliem;*
> *nagħtikom is-sliem tiegħi;*
> *ma nagħtihulkomx*
> *kif tagħtih id-dinja.*
> *Tħallux qalbkom titħawwad*
> *u anqas titbeżża'.*
>
> ĠW 14, 25

## 2.2 IR-RIGALI TAL-ISPIRTU S-SANTU GĦALINA BĦALA NSARA

**AĦSEB**

Semmu xi wħud minn dawn ir-rigali hekk kbar, rigali li tistgħu tifhmu u tipprattikaw fl-età tagħkom bħala adolexxenti.

### A. Ir-Rigali Spiritwali tal-Ispirtu s-Santu f'Jum Pentekoste

L-Ispirtu s-Santu ta ħafna rigali spiritwali lill-appostli u lil kull min kien qed jitlob magħhom dakinhar li Huwa niżel fuqhom. Dawn ir-rigali hekk kbar, jimmarkaw l-attitudni tal-Knisja u tagħna bħala Nsara, jiġifieri huma juruna kif għandna nġibu ruħna ma' ħutna l-bnedmin kollha.

### B. Is-Sens ta' Komunità: It-Talb flimkien u l-qawwa tiegħu

L-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-appostli u fuq dawk kollha li kienu magħhom meta huma kienu lkoll flimkien jitolbu.

Naraw il-ħtieġa u l-qawwa ta' meta aħna lkoll nitolbu flimkien. Għalina l-Insara li nitolbu flimkien bħala komunità huwa importanti u huwa bżonn, għaliex it-talb jgħaqqadna flimkien u jfakkarna li għandna bżonn xulxin.

### Ċ. Il-Kuraġġ

Permezz tal-Ispirtu s-Santu l-appostli mtlew **bil-kuraġġ,** hekk li minn persuni mimlija biża', ħarġu barra u bdew ixandru l-aħbar dwar Ġesù Kristu li huwa bata, miet u qam mill-mewt. Din hija l-aħbar t-tajba għalina l-Insara. B'dan il-mod, il-komunità tal-appostli flimkien mad-dixxipli, jiġifieri l-Knisja, bdiet il-missjoni bħala Knisja, jiġifieri bdiet ixxandar l-Aħbar it-Tajba lill-popli

tad-dinja kollha. Dan wera kuraġġ kbir min-naħa tal-appostli. In-nies indunaw li kien ġralhom xi ħaġa mhux tas-soltu għaliex qatt ma kienu rawhom hekk mimlija kuraġġ.

Barra minn dan, sar miraklu kbir ieħor, li filwaqt li l-appostli kienu qed jitkellmu bl-Aramajk – il-lingwa tal-Lhud ta' dak iż-żmien – in-nies bdew jifhmuhom bil-lingwa tagħhom. Dan jurina li l-Ispirtu s-Santu jista' jgħin lil kulħadd biex jifhem l-Aħbar t-Tajba ta' Ġesù Kristu.

### D. Attitudni inklussiva u missjunarja – li nħobbu, li naċċettaw, li ngħinu, u li niddjalogaw ma' kulħadd.

Permezz tal-Ispirtu s-Santu l-appostli saru persuni b'qalb u b'attitudni **inklussiva,** għaliex huma ħarġu jxandru lil Ġesù fil-pjazza quddiem kulħadd . Huma ma marrux jitkellmu dwar Ġesù mal-Lhud biss, imma marru fil-pjazza quddiem kulħadd għaliex l-Aħbar t-Tajba ta' Ġesù hi għal kulħadd.



L-Aħbar it-Tajba, li Ġesù bata, miet u qam mill-mewt għaliex iħobbna u sabiex isalva lil kulħadd, hija għall-popli kollha ta' kull kultura, kulur, razza u nazzjon; hija għad-dinja kollha. Għalhekk dakinhar ta' Pentekoste, il-Knisja bdiet il-missjoni tagħha ta' inklussività – Knisja li tgħallem u tgħin lil kulħadd – *a church without borders*. Il-Knisja hija Kattolika – Knisja li taċċetta, tgħin u tiddjaloga ma' kulħadd.



## E. Is-Sensittività tagħna bħala Nsara

F'jum Pentekoste, l-Ispirtu s-Santu ta lill-appostli r-rigal li jitkellmu b'lingwi differenti, jiġifieri filwaqt li huma kienu qed jitkellmu bl-Aramajk in-nies min-nazzjonalitajiet differenti kienu qed jifhmuhom bil-lingwa tagħhom. Hawnhekk naraw li l-Ispirtu s-Santu jridna nkunu persuni **sensittivi**



għall-bżonnijet u għall-kulturi tal-oħrajn. Li nkunu sensittivi jfisser li nkunu kapaċi nħossu mal-oħrajn u għall-oħrajn; ifisser li nkunu persuni li kapaċi nħobbu. Fejn hemm l-Ispirtu s-Santu hemm l-imħabba. Fejn hemm l-imħabba vera hemm is-sensittività. Kien għalhekk li l-appostli kellhom imħabba kbira lejn Ġesù u lejn in-nies li ħarġu jgħallmu dwar Ġesù u dwar l-Aħbar it-Tajba Tiegħu.

### F. Il-Paċi u l-Ferħ

L-appostli kienu **lkoll flimkien jitolbu u lkoll flimkien ħarġu ferħana** jxandru lil Ġesù ta' Nażaret. L-Ispirtu s-Santu għen lill-appostli biex ikunu komunità magħquda, ilkoll bi ħsieb wieħed, ilkoll jaħdmu flimkien għall-ġid tagħhom infushom u għall-ġid tal-oħrajn. Fejn hemm Ġesù, fejn hemm l-Ispirtu s-Santu, dejjem hemm il-ferħ, il-paċi, u l-għaqda.

L-Ispirtu s-Santu jurina li meta nitolbu, l-aktar meta nitolbu flimkien, qalbna u l-attitudni tagħna lejn l-oħrajn ikunu aktar mimlija mħabba. Aktar ma nħobbu aktar inkunu sensittivi għall-oħrajn, aktar inkunu inklussivi, aktar inkunu lesti li naqsmu l-messaġġ mal-oħrajn u aktar inkunu persuni ta' paċi u persuni li jġibu l-għaqda.

## 2.3 NISKOPRU L-FESTA TA' PENTEKOSTE FIR-RELIĠJON LHUDIJA U DIK KRISTJANA



### Il-Festa ta' Pentekoste għal-Lhud

Pentekoste li bil-Grieg ifisser 'il-ħamsin jum', għal-Lhud tal-Antik Testment (bl-Ebrajk din il-festa tissejjaħ 'Shouvat') hija l-Festa tal-Ġimgħat, jew il-Festival tal-Ġimgħat (Eżodu 34, 22; Dewt 16, 10). Tissejjaħ ukoll il-Festival jew il-Festa tal-Ħsad (Eżodu 23, 16 ), Jum l-ewwel Frott, bl-Ebrajk 'Yom ha-Bikkurim' (Numri 28, 26 ).

Minbarra dan, skont it-Tradizzjoni Lhudija, Pentekoste jikkommemora l-jum li fih Alla ta l-Għaxar Kmandamenti lil Mosè fuq il-Muntanja Sinaj, ħamsin jum wara li ħarġu mill-Eġittu. (Eżodu 20, 1-10). It-Talmud għamel dan il-kalkolu tal-ġranet skont ma hemm miktub fil-Ktieb tal-Levitiku 23, 15-21.

### Il-Festa ta' Pentekoste Għalina l-Insara

Għalina l-Insara, il-festa ta' Pentekoste, ħamsin jum mill-Qawmien tal-Mulej, hija l-jum li fih l-Ispirtu Santu niżel fuq l-appostli u fuq dawk kollha li kienu magħhom fiċ-ċenaklu jitolbu.

**Il-Għid il-Kbir huwa jum il-fidi** għaliex kif jiktbilna San Pawl, "...jekk Kristu ma qamx mill-imwiet, fiergħa hi l-predikazzjoni tagħna, u fiergħa wkoll il-fidi tagħna." (ara 1 Kor. 15: 14). **Pentekoste huwa jum it-tama** għaliex l-Ispirtu Santu meta niżel fuq l-appostli u fuq il-ġemgħa kollha, imliehom bil-kuraġġ sabiex ixandru lil

Ġesù Kristu lil kulħadd. F'Pentekoste, l-appostli flimkien mal-komunità żgħira tal-Insara rebħu l-biża' tagħhom u ħarġu lkoll flimkien ixandru l-Aħbar it-Tajba ta' Ġesù. Hekk, il-Knisja żgħira li bdiet tifforma ruħha, marret hi sabiex tiltaqa' man-nies li kienu ġejjin minn pajjiżi differenti. Dakinhar, il-Knisja bdiet turi li hi Knisja missjunarja.

### SFIDA

Fil-ġranet li ġejjin, agħmel ħiltek li titlob lill-Ispirtu s-Santu biex jgħinek tkun persuna aktar sensittiva u inklussiva lejn l-oħrajn, speċjalment lejn dawk li inti tarahom differenti minnek.



# Djarju

Ikteb jew pinġi mumenti fejn kont persuna kuraġġjuża, mimlija rispett, u inklussività lejn l-oħrajn.

## KATEKEŻI FAMILJA
## KELLHOM KOLLOX FLIMKIEN

> *"Il-kotra kbira ta' dawk li emmnu kienu qalb waħda u ruħ waħda. Ħadd minnhom ma kien jgħid li l-ġid li kellu kien tiegħu, iżda kellhom kollox flimkien. B'qawwa kbira l-appostli kienu jagħtu xhieda tal-qawmien tal-Mulej Ġesù, u kulħadd kien iġibhom ħafna. Ħadd minnhom ma kien jonqsu xejn; għax kull min kellu oqsma jew djar kien ibigħhom, u l-flus li jdaħħal minnhom kien imur iqegħedhom f'riġlejn l-appostli. Imbagħad kien jitqassam kollox skont il-ħtieġa ta' kull wieħed. Hekk għamel il-levita Ġużeppi, minn Ċipru, li l-appostli kienu jsejħulu Barnaba, jiġifieri bin il-faraġ; dan kellu għalqa, biegħha, u l-flus li daħħal minnha mar iqegħedhom f'riġlejn l-appostli."*
>
> ATTI 4, 32-37

## NITOLBU FLIMKIEN BĦALA FAMILJA

Spirtu Santu
saħħaħna flimkien bħala familja.
Għin lil kull wieħed u waħda minna
sabiex inkunu sensittivi għal xulxin,
sabiex inkunu persuni
li nġibu l-paċi u l-għaqda.
Bħala familja żommna magħqudin
u mlielna lil qalbna bil-veru ferħ
li Inti biss taf tagħti.
Ammen.

IT-TIELET TEMA

# Nippartecipa fl-għażla tiegħi

Min igerger, jagħmel dan jew għaliex iħobb igerger jew għaliex ma jkollux informazzjoni biżżejjed. Persuna hekk, tippreferi tgerger milli tinforma ruħha. Dan l-aħħar, spiss qed tinstema' t-tgergira: "Għammduni bla ma staqsewni". Din it-tgergira hija stedina sabiex niskopru għaliex ġejna mgħammdin mingħajr ma staqsewna.

## 3.1 IT-TGERGIRA KONTEMPORANJA: GĦAMMDUNI BLA MA STAQSEWNI!

STORJA:

Elena daħlet id-dar wara l-iskola, b'nervi liema bħalhom. Fejn is-soltu kienet tmur tiġri fuq in-nanna u tistaqsiha x'kienet sajret tajjeb, dakinhar bilkemm kellmitha. "X'seta' ġara?" staqsiet in-nanna f'qalbha. "Tibżax... daqt inkun naf. Ħalli tibda tiekol." Hekk ġara. Kif Elena bdiet tiekol, mill-ewwel daret fuq nannitha u qaltilha b'vuċi ftit għolja: "Nanna, mhux *fair* li intom għammidtuni mingħajr ma staqsejtuni. Forsi..."

In-nanna, ta' mara mimlija bl-esperjenza, qagħdet tismagħha. Hallietha tgħid dak kollu li kellha f'moħħha u f'qalbha. Imbagħad weġbitha: "Elena, kieku inti jkollok xi ħaġa tassew għal qalbek li jiena nagħtihielek rigal – qed ngħidu rigal prezzjuz bħal xi ċurkett li jqum il-flus – inti tkun tixtieq li dan tgħożżu sabiex meta jekk Alla jrid ikollok it-tfal, tħallihulhom bħala tifkira tal-familja u b'hekk,

bil-mod il-mod isir wirt fi ħdan il-familja. Elena, mill-ewwel qabżet u qalet: "Kieku sewwa Nann! Hekk, jiena nibqa' niftakar lilek u uliedi jiftakru lili u lilek." "Inti taħseb li t-tfal tiegħek igergru għaliex ħallejtilhom dak ir-rigal?" Elena, pronta, pronta wieġbet, "Żgur li le!" In-nanna kienet mara intelliġenti u kompliet tistaqsi, "Allura, suppost li wieħed mit-tfal ikun irid ibiegħ dan iċ-ċurkett? X'taħseb dwar dan?" Elena, weġbitha, "Kieku nkun għadni ħajja, naħseb jiddispjaċi. Imma la nkun tajthulu, ikun jista' jagħmel bih li jrid. Wara kollox, kull bniedem hu liberu."

"Mela, għażiża, ejja ħalli nieħdu din l-istorja, li faċilment tista' tiġri u permezz tagħha nippruvaw nifhmu aħjar għaliex il-ġenituri tiegħek marru jitolbu lill-kappillan sabiex jgħammdek. Tinsiex li jiena u n-nannu l-ieħor, missier missierek, aħna l-parrini tiegħek. Bħala parrini għandna r-responsabbiltà li nieħdu ħsiebek, mhux fl-ikel u fl-ilbies u f'xi rigal biss, imma wkoll f'ruħek.'

Elena, wara li spiċċat mill-ikel, qagħdet tisma' b'kurżità kbira għaliex il-ġenituri tagħha kienu għammduha mingħajr ma staqsewha.

**VIDEO CLIP:**
Issa Elena se taqsam dak li tgħallmet mingħand in-nanna magħkom. Isimgħu din l-istorja għax hi interessanti ħafna.





## NAĦSBU FTIT:

Tieħu gost tisma' adolexxenti bħalkom jiddiskutu l-fatt li għammduhom mingħajr ma staqsewhom. Din mhix bilfors tkun tgergira imma tista' wkoll tkun turija ta' interess biex jifhmu aktar.

Meta xi ħadd ikollu xi ħaġa għal qalbu u li jemmen fiha, xi ħaġa li lil ħajtu tkun qed tagħmillu ħafna ġid, ikun irid jgħaddiha lil dawk li huwa jħobb tassew għaliex jaf li din il-ħaġa se tkun ta' ġid għal ħajjithom ukoll – sintendi jekk dawn jibqgħu jieħdu ħsiebha.

Ejjew nieħdu eżempju prattiku. Jekk ġenitur jemmen li l-ikel bnin u sustanzjuż flimkien mal-eżerċizzju fiżiku huma tajbin, immela dan se jrawwem lit-tfal tiegħu biex jemmnu f'dan huma wkoll.

## 3.2 NIFHMU FTIT IT-TGERGIRA: ĠEJTU MGĦAMMDA MINGĦAJR MA STQSEWKOM

Ejjew inkomplu naħsbu ftit ieħor:

- Qabel ma twelidtu ġejtu mistoqsija mill-ġenituri tagħkom f'liema pajjiż tixtiequ titwieldu?
- Staqsewkom x'kulur tixtiequ xagħarkom jew għajnejkom?
- Staqsewkom biex tagħżlu l-ġenituri li tixtiequ titwieldu minnhom?
- Xi ħadd staqsiekom b'liema lingwa tixtiequ tibdew titkellmu meta tiftħu fommkom ?
- Xi ħadd staqsiekom f'liema raħal u għand liema familja tixtiequ titwieldu?
- Xi ħadd staqsiekom sabiex tagħżlu t-talenti li tixtiequ titwieldu bihom ?

## 3.3 INĦOSSUNA AKTAR RESPONSABBLI TAL-GĦAJXIEN TAL-FIDI TAGĦNA:

Ir-realtà hi, li bħalma l-ġenituri fi mħabbithom, b'mod bijoloġiku, flimkien ma' Alla taw ħajja lit-tarbija tagħhom, ħasbu wkoll sabiex bi mħabba jagħtuha reliġjon għaliex emmnu li r-reliġjon hija importanti u meħtieġa għall-bniedem fl-iżvilupp sħiħ tiegħu.

> Kull bniedem ifittex f'ħajtu li jkollu xi ħaġa ikbar minnu, ikbar mill-bnedmin, li jemmen fiha.



Il-ġenituri raw, li mingħajr fidi u allura mingħajr trobbija reliġjuża – jiġifieri għajnuniet sabiex jitgħallem dwar il-fidi u l-prattika tagħha – l-edukazzjoni ta' wliedhom ma tkunx sħiħa.

Fil-verità, il-ġenituri għax iħobbukom tawkom dan ir-rigal - li għammdukom bħala Kristjani Kattoliċi. Hekk ġejtu mgħammda fil-fidi Kristjana li tiġi pprattikata u mgħallma fir-reliġjon Kristjana Kattolika. Ta' dan ir-rigal, għandkom tirringrazzjaw lill-ġenituri. Bħalma meta twelidtu bdiet il-ħajja naturali tagħkom, meta għammdukom bdiet il-ħajja tal-fidi – il-ħajja reliġjuża tagħkom.

Mhux biss, imma l-ġenturi għażlulkom parrini li jistgħu jieħdu ħsiebkom sabiex tgħixu ħajja tajba kemm fl-affarijiet tar-ruħ u kemm f'dawk tal-ġisem.

Għalhekk, **Jum il-Magħmudija** tagħkom huwa jum importanti ħafna li għandkom tiftakruh, għaliex huwa l-jum tal-***birthday*** tagħkom bħala Kristjani Kattoliċi.

Barra minn dan, il-ġenituri, sa minn meta kontu żgħar għallmukom b'diversi modi speċjalment bl-esperjenza fil-ħajja ta' kuljum kif tgħixu din il-fidi tagħkom. Huma ħadukom u bagħtukom sabiex tkomplu titgħallmu fuq il-fidi flimkien ma' tfal oħra li huma wkoll parti mill-komunità tal-Insara. Hekk bdejtu taraw u taqsmu flimkien ma' tfal tamparkom f'min nemmnu bħala persuni Nsara u kif nistgħu ngħixu dak li nitgħallmu fil-ħajja ta' kuljum. Fuq kollox bdejtu titgħallmu kif titolbu ħalli b'hekk tibdew relazzjoni sabiħa ma' Ġesù Kristu.

Issa qed tikbru u diġà tinsabu fuq l-għatba tal-adolexxenza. Għalhekk, se tibdew tkunu ftit jew wisq responsabbli ta' dan ir-rigal hekk sabiħ. Se jiġi żmien meta jkollkom ħafna mistoqsijiet dwar il-fidi tagħkom u dwar il-prattika reliġjuża. Tinkwetawx. L-Importanti hu li ssibu persuni kompetenti u li jixtiqulkom il-ġid sabiex taqsmu magħhom dawn il-mistoqsjiet u tiċċaraw magħhom id-dubji li jkollkom.





Jekk meta tikbru, sempliċiment għall-gost jew minħabba xi ideat li tkunu smajtu jew inkella għax sħabkom ikunu għamlu hekk u allura intom tkunu tridu tagħmlu bħalhom, tkunu se tbiddlu r-reliġjon tagħkom, aħsbuha sew qabel tagħmlu dan.

Bħalma fl-edukazzjoni kollox jimxi pass wara l-ieħor u nikbru u nimmaturaw fl-għarfien, hekk ukoll fil-fidi: it-tagħlim, il-prattika, l-esperjenzi tal-ħajja, il-ħajja tat-talb, jgħinuna sabiex nikbru, sabiex nimmaturaw fil-fidi.

Issa li intom adolexxenti, se tibdew aktar minn qabel tkunu responsabbli tal-prattika reliġjuża tal-fidi tagħkom, jiġifieri mhux biss se tibdew tgħidu li temmnu f'Ġesù imma se tibdew tagħmlu ħilitkom biex tgħixu dak li Hu jgħallem; se tibdew tagħmlu ħilitkom biex permezz tat-talb speċjalment talb personali, tibnu relazzjoni ma' Ġesù; sabiex permezz tas-sagramenti speċjalment tal-qrar u tat-tqarbin tkomplu ssaħħu l-ħajja tagħkom bħala membri tal-komunità Nisranija.

Biex issaħħu aktar il-fidi u l-prattika reliġjuża tagħkom, ibqgħu fittxu ħbiberiji tajbin.

## MILL-KELMA T'ALLA,
## MIT-TIENI ITTRA TA' SAN PAWL LIL TIMOTJU

> *"Inrodd ħajr lil Alla, li lilu nqim b'kuxjenza safja bħal missirijieti, hekk kif niftakar fik bla heda fit-talb tiegħi lejl u nhar. Meta niftakar fid-dmugħ tiegħek għalija, tiġini x-xewqa li narak, biex nimtela bil-ferħ. Niftakar fil-fidi vera tiegħek, fidi li l-ewwel kienet ta' nanntek Lojd u mbagħad ta' ommok Ewniki, u li ma għandi ebda dubju li hi fik ukoll. Minħabba f'hekk infakkrek biex tqajjem fik id-don ta' Alla, li jinsab fik bit-tqegħid ta' jdejja."*
>
> 2 TIM 1, 1-6

### NOTA ŻGĦIRA:

Timotju kellu ommu Lhudja u missieru Grieg. Timotju kien minn Efesu li llum hija l-belt ta' Silcuk fil-Provinċja ta' Iżmir fit-Turkija. Huwa kien wieħed minn tal-ewwel li sar Kattoliku. Kien dixxiplu ta' San Pawl u kien jivvjaġġa miegħu meta kienu jmorru jxandru l-Evanġelju f'diversi postijiet.

## 3.4 NINVOLVI RUĦI FL-GĦAŻLA TIEGĦI

Issa li ġie deċiż, flimkien mal-ġenituri tiegħek jew ma' dawk li jieħdu ħsiebek li tirċievi s-Sagrament tal-Konfermazzjoni, tajjeb li tinvolvi ruħek f'dan il-pass hekk importanti fil-ħajja tiegħek.

**Punti ta' kif tista' tinvolvi lilek nnifsek:**

- Billi tifhem li dan is-Sagrament mhux xi *graduation*, jew sempliċiment *social event*. Għalhekk bħala persuna Nisranija fittex li tkompli titgħallem fuq din ir-reliġjon sabiex tissaħħaħ aktar fil-fidi tiegħek.

- Billi tifhem li tixtieq tirċievi s-Sagrament tal-Konfermazzjoni għaliex tixtieq tkompli tiskopri kif tgħix ta' Nisrani/ja b'mod sħiħ.

» Billi tifhem li ma tirċevix dan is-Sagrament sempliċiment sabiex aktar ’il quddiem tkun tista’ tiżżewweġ bil-Knisja. Tajjeb li tiftakar li mhux iż-żwieġ bil-Knisja jagħmel persuna Nisranija, imma għaliex il-persuni li ser jiżżewġu jkunu qed jagħmlu ħilithom sabiex jgħixu l-fidi Nisranija jixtiequ u jħossu l-bżonn li ż-żwieġ isir bil-Knisja.

» Billi tifhem li meta tiddeċiedi li tirċievi dan is-Sagrament tkun qed tgħid: **‘Iva, nixtieq li nkompli nimxi wara Ġesù,** nixtieq li nkompli niskopri minn Hu Ġesù Kristu u xi jrid minni fil-ħajja tiegħi.’

» Billi **tiddiskuti** mal-ġenituri jew ma’ dawk li qed irabbuk **l-għażla** tal-parrinu jew parrina addattat għalik sabiex jgħinek tikber f’persuna tajba. **Il-parrinu jew parrina** huma responsabbli li jgħinuk tikber mhux biss f’persuna Nisranija tajba, imma wkoll f’persuna umanament tajba- f’ċittadina Nisranija responsabbli. Dan jistgħu jagħmluh b’diversi modi: bil-kelma tagħhom, bl-eżempju tagħhom u b’pariri tajbin waqt li jakkumpanjawk f’ħajtek.



» Billi issa li diġà tinsab fuq l-għatba tal-adolexxenza, qrib dik taż-żgħożija, tibda tħossok xi ftit responsabbli aktar minn qabel għall-prattika tar-reliġjon tiegħek bħala persuna Kattolika. Dan ifisser li kemm jista’

jkun tmur għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa speċjalment nhar ta' Ħadd, li tersaq aktar spiss għas-sagramenti speċjalment tal-qrar (is-sagrament tar-rikonċiljazzjoni) u għat-tqarbin, li tħalli ħin għat-talb tiegħek personali u li tagħmel ħiltek sabiex titgħallem u tistaqsi dwar dak li tgħallem il-Knisja.



- Billi taqra aktar spiss il-Kelma t'Alla u tfittex li titgħallem kif tifhimha aħjar ħalli tkun tista' tgħixha aħjar.

- Billi matul il-ġimgħa tibda tidra tagħmel ftit minunti ta' volontarjat fl-istess ambjent tiegħek – fl-iskola, fil-post tal-katekiżmu, fl-attivitajiet l-oħra... dejjem hemm ċans fejn tista' tgħin lil ħaddieħor. B'hekk tkun qed tkun ta' servizz għal ħutek il-bnedmin.

- Billi tifhem li issa aktar minn qatt qabel, għandek ir-responsabbiltà li taqsam il-fidi tiegħek bħala Kristjan/a Kattoliku/a mal-oħrajn.

- Billi wara li tirċievi s-Sagrament tal-Konfermazzjoni tfittex grupp Nisrani li jkompli jgħinek tiskopri, titgħallem u tikber f'persuna Nisranija fis-soċjetà tal-lum u tagħmel ħiltek biex iżżomm ħbiberiji tajbin.

**SFIDA**

Matul din il-ġimgħa fittxu li tirringrazzjaw lil Alla għar-rigal tal-fidi, itolbu għall-ġenituri tagħkom jew għal dawk li qed irabbukom; ippruvaw agħmlu ħilitkom li fil-kliem u fl-imġiba tagħkom tiftakru fit-tagħlim ta' Ġesù u b'hekk tkunu qed tgħaddu dan ir-rigal tal-fidi lill-oħrajn u tgħixuh mal-oħrajn.

# Djarju

Ikteb id-data
li fiha ġejt
mgħammda.
Fittex min kienu
l-parrini tiegħek
tal-Magħmudija.
Imbagħad
ikteb jew
pinġi talba ta'
ringrazzjament
lil Alla u
lill-familja
tar-rigal
tal-ħajja, tal-fidi
u tar-reliġjon li
għaddewlek.

## KATEKEŻI FAMILJA
## QARI MILL-ITTRA TA' SAN PAWL LILL-KOLOSSIN

> **"Intom ilqajtu lil Kristu Ġesù**
> **l-Mulej; għixu mela**
> **magħqudin miegħu;**
> **niżżlu għeruqkom fih,**
> **u ibnu l-ħajja tagħkom fuqu;**
> **issaħħu fil-fidi,**
> **kif tgħallimtu,**
> **u mtlew**
> **bil-gratitudni."**
>
> KOL 2, 6-7



## TALBA MAL-FAMILJA:

Grazzi Mulej tar-rigal tal-fidi.
Għinna nissaħħu fil-fidi
u fl-għajxien tar-reliġjon tagħna.
Għinna nkomplu ngħinu lil xulxin
ħalli nkunu xhieda tal-fidi
bejnietna u mal-oħrajn.
Ammen.

IT-TIENI KAPITLU

# 2 L-Ispirtu s-santu fil-Ħajja Tagħna



L-EWWEL TEMA

# Esperjenzi dejjem ġodda

## ID-DONI TAL-ISPIRTU S-SANTU: KUMPANJI MATUL IL-ĦAJJA

Il-kelma 'don' tfisser rigal. Id-doni tal-Ispirtu s-Santu huma seba' rigali li tirċievu mingħand l-Ispirtu s-Santu. Dawn ikomplu jsaħħu fikom dak li rċevejtu fil-Magħmudija. Dawn id-doni jakkumpanjawkom matul il-ħajja tagħkom kollha.

### 1.1 ID-DONI TAL-ISPIRTU S-SANTU U L-VIRTUJIET

Id-doni tal-Ispirtu s-Santu li nirċievu fis-Sagrament tal-Konfermazzjoni jkomplu jsaħħu fikom il-preżenza tal-Ispirtu s-Santu li rċevejtu fil-Magħmudija. Dawn id-doni huma:

*L-Għerf,*
*il-Fehma,*
*il-Kunsill,*
*il-Qawwa,*
*ix-Xjenza,*
*il-Pjetà,*
*il-Biża' ta' Alla.*

Meta tirċievu s-Sagrament tal-Konfermazzjoni, dawn id-doni jkomplu jsaħħu fikom il-preżenza tal-Ispirtu s-Santu li rċevejtu fil-Magħmudija. Dawn id-doni jgħinukom sabiex tagħżlu li tkomplu timxu wara Ġesù Kristu u t-tagħlim Tiegħu u sabiex tkunu xhieda Tiegħu fil-ħajja tagħkom.

Minbarra dan, fil-ħajja ta' kuljum, dawn id-doni jgħinukom issaħħu fikom il-virtujiet jiġifieri dawk l-affarijiet tajbin li permezz tagħhom tgħixu ħajja tajba bħala Nsara kemm għalikom infuskom u kemm għall-oħrajn u mal-oħrajn.

**AĦSEB**

Uħud minn dawn il-virtujiet huma: is-sinċerità, l-onestà, ir-rispett, il-ġenerożità, l-għaqal/il-prudenza; il-kuraġġ/il-qawwa; il-ġustizzja; il-kontroll fuqkom infuskom, il-fidi, it-tama, l-imħabba.

F'kull bniedem hemm affarijiet tajbin u hemm affarijiet li hemm bżonn jaħdem aktar fuqhom sabiex ikunu aħjar fihom. Biex nieħdu eżempju: xi ħadd onest, hemm bżonn li matul ħajtu jibqa' jkun onest; issib ukoll min jixtieq li jkun aktar sinċier għaliex xi kultant jigdeb. Gidba hi dejjem gidba u jekk il-gideb ma jiġix kkontrollat jista' jinqala' ħafna inkwiet. Persuna li taf li tigdeb, hemm bżonn taħdem sabiex issir aktar sinċiera.



San Tumas t'Akwinu u l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jgħidulna li d-doni tal-Ispirtu s-Santu huma importanti ħafna għall-bnedmin għaliex:

» Jgħinukom **ittejbu l-karattru tagħhom u b'hekk issiru Nsara aktar responsabbli** tagħkom infuskom u tal-oħrajn speċjalment fl-għażliet li tagħmlu u fl-imġiba tagħkom;

» Permezz ta' dawn id-doni ssiru aktar **midħla tal-Ispirtu s-Santu**. Hekk issiru tapprezzawh aktar, tibdew titolbuh aktar u tħalluh isir aktar parti mill-ħajja tagħkom.

## 1.2 ID-DONI TAL-ISPIRTU S-SANTU FIL-BIBBJA ID-DONI TAL-ISPIRTU S-SANTU FIT-TESTMENT IL-QADIM

Mill-Ktieb tal-Profeta Iżaija

> *Għad toħroġ fergħa*
> *miz-zokk ta' Ġesse,*
> *għad tinbet rimja minn għeruqu:*
> *fuqu jistrieħ l-ispirtu tal-Mulej,*
> *l-ispirtu tal-għerf u d-dehen,*
> *l-ispirtu tal-għaqal u l-qawwa,*
> *l-ispirtu tal-għerf u l-biża' tal-Mulej,*
> *u l-għaxqa tiegħu fil-biża' tal-Mulej.'*
>
> Iż 11, 1-2

Fit-Testment il-Qadim, fil-Ktieb tal-Profeta Iżaija, jissemmew is-seba' doni – is-seba' rigali tal-Ispirtu s-Santu. Il-profeta Iżaija kien jgħix madwar tmien mitt sena qabel Ġesù Kristu. F'dan il-qari, il-Profeta qed jgħidilna diversi affarijiet: Ġesse kien missier ir-Re David; għalhekk meta

l-Profeta Iżaija kiteb li għad toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġesse, il-Profeta kien qed iħabbar il-miġja ta' Ġesù li kien ser ikun mir-razza ta' David.

Fl-aħħar vers: "il-għaxqa tiegħu fil-biża' tal-Mulej", il-kelma biża' tfisser rispett u mħabba. Immela Ġesù bħala bniedem kien jirrispetta lil Alla Missieru.

Naqraw ukoll: "Fuqu jistrieħ l-Ispirtu tal-Mulej", dan ifisser li Ġesù bħala bniedem kien mimli bl-Ispirtu s-Santu u li dawn id-doni kollha nsibuhom f'Ġesù.



Għalhekk, il-Kristjani, kull darba li jirċievu xi Sagrament, permezz ta' dawn id-doni tal-Ispirtu s-Santu jkomplu jissaħħu fil-ħajja tagħhom u jgħinuhom sabiex jgħixu ħajja tajba bħala Kristjani.

## ID-DONI TAL-ISPIRTU S-SANTU FIL-ĦAJJA TAGĦNA TA' KULJUM

### L-Għerf

Id-don tal-Għerf jgħallimkom li l-aktar ħaġa importanti fil-ħajja tagħkom hu Alla. Jista' jkollkom ħafna flus, ħafna ġid u ħafna affarijiet oħra, imma jekk ma jkollkomx lil Alla, kemm qalbkom u kemm il-ħajja tagħkom ikunu vojta.

Dan id-don jgħinkom tifhmu kemm hu importanti li fil-ħajja tagħkom ta' kuljum tħallu spazju għal Alla; kemm hu importanti li temmnu f'Alla u li temmnu li jkollkom bżonnu. Għalhekk, id-don tal-Għerf jgħinkom sabiex tagħrfu, tapprezzaw u ssaħħu l-fidi tagħkom f'Alla u l-fiduċja tagħkom fih.

Tidħqux bikom infuskom, jew tħallu min jidħaq bikom meta jgħidulkom li lil Alla m'għandkomx bżonnu. Il-bniedem għaref jaf li Alla jeżisti u li Hu importanti għall-ħajja tal-bniedem. Id-don tal-għerf jimliekom b'fidi soda f'Alla u fikom infuskom, jimliekom b'fiduċja f'Alla u b'paċi kbira li Alla biss jaf jagħti.

**MILL-KTIEB TAL-PROVERBJI**

"... għax l-għerf aħjar mill-qroll aħmar, mhu xejn ħdejh il-ħaġar prezzjuż. Jien, l-għerf, ngħix mal-għaqal, u nimxi bil-ħsieb u l-qies."

PROV 8, 11-12



## Il-Fehma

Id-don tal-Fehma jgħallimkom kif tkunu aktar lesti li tiftħu qalbkom u moħħkom għall-Kelma ta' Alla. Jgħinkom tifhmu aħjar il-messaġġ li Alla jrid iwasslilkom bil-Kelma Tiegħu u permezz tal-Knisja bit-tagħlim tagħha.

### MILL-KTIEB TAL-PROVERBJI

"Jiena għandi l-fehma u l-għaqal, jiena għandi d-dehen u l-qawwa. Bil-ħila tiegħi jsaltnu s-slaten, u l-mexxejja jagħmlu liġijiet tajba. Bil-ħila tiegħi jaħkmu l-ħakkiema, u l-kbarat imexxu l-art."

PROV 8, 15-16

Id-don tal-fehma jgħinkom tifhmu l-importanza li tagħtu lil Alla l-post li jixraqlu f'ħajjitkom; jgħinkom tifhmu wkoll li Alla jħobbkom. Jgħinkom ukoll sabiex waqt li intom timmaturaw fl-età u fl-esperjenza, issiru aktar sensittivi għalikom infuskom u għal dawk ta' madwarkom, hekk li fid-dawl tal-Kelma ta' Alla u f'dak li tgħallem il-Knisja tifhmu aktar lilkom infuskom u lill-oħrajn, tagħrfu tagħdru, tħennu, tħobbu, taċċettaw u tiddjalogaw mal-oħrajn.

### Il-Kunsill

Id-don tal-kunsill għandu x'jaqsam ħafna ma' li tagħmlu ġudizzju sabiex tagħżlu t-tajjeb mill-ħażin fil-ħajja tagħkom u li taħarbu d-dnub. It-tentazzjonijiet jiġu dejjem. X'tagħmlu bihom hija għażla tagħkom. Taqgħu għalihom jew tagħmlu ħilitkom sabiex taħarbuhom?

Dan id-don jikkumplimenta ħafna lil dawk ta' qablu u lil dak tax-xjenza, filli mhux biss tifhmu t-tagħlim u tagħmlu għażliet tajbin, imma li bil-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu tagħrfu ħaġa tajba minn dik ħażina u tagħrfu r-raġuni tal-ġudizzju u tal-għażla tagħkom.

Dan id-don jgħinkom ukoll sabiex tiddefendu l-veritajiet li nsibu fit-twemmin u fir-reliġjon tagħna bħala Nsara Kattoliċi.

#### MILL-KTIEB TAL-PROVERBJI

"Min hu bla moħħ jifraħ bil-bluha; min hu bilgħaqal jimxi sewwa. Tifsil ta' xogħol bla ħsieb jisfa fix-xejn, imma bil-pariri ta' ħafna jmur tajjeb. Jifraħ min jaf jagħti tweġiba tajba; kelma f'waqtha, kemm hi sabiħa!"

PROV 15:, 21-23

### Il-Qawwa

L-Ispirtu s-Santu, permezz tad-don tal-qawwa jimliekom bil-kuraġġ, bil-qawwa u b'ħafna *self-confidence* sabiex tegħlbu l-biżgħat tagħkom u taffaċċjaw l-isfidi tal-ħajja.

Dan id-don jgħinkom ukoll sabiex tkunu lesti li tiddefendu dak li hu tajjeb u ġust kemm skont ix-xewqa t'Alla skont dak li nsibu fit-tagħlim tal-Knisja li hu mfassal u maħsub għall-ġid ta' kulħadd.

#### MILL-KTIEB TAL-EŻODU

"Qawwieti u għanjieti l-Mulej: għalija sar is-salvazzjoni. Dan hu Alla tiegħi, u lilu nfaħħar..."

EŻ 15, 2-3



## MILL-KTIEB TAL-PROVERBJI

"Tgħallmu, ċkejknin, l-għaqal; nies bla moħħ, ifhmu daqsxejn. Isimgħu, għax ħwejjeġ kbar se ngħidilkom, kliem is-sewwa se joħroġ minn fommi; għax fommi jitkellem is-sewwa; u xufftejja jistmellu l-gideb. Kliem fommi hu kollu sewwa, ma fih ebda tidwir jew tagħwiġ."

PROV 8, 5-8

### Ix-Xjenza

Bl-Ingliż, dan id-don insejħulu *knowledge*. Dan id-don bħall-oħrajn huwa ta' siwi kbir fil-ħajja tagħkom għaliex permezz tiegħu l-Ispirtu s-Santu jgħinkom tagħżlu u tiżnu sewwa t-tagħlim u l-informazzjoni li tirċievu. Dan kollu jgħinkom fl-għażliet li jkollkom bżonn tagħmlu f'ħajjitkom. F'soċjetà fejn bil-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali naraw, insibu u għandna aċċess għal ħafna informazzjoni li mhux dejjem tkun ta' ġid għall-bniedem, dan id-don jgħinkom sabiex tagħżlu x'taraw, x'tisimgħu u x'temmnu.

Aktar ma jkollkom informazzjoni tajba u tagħlim tajjeb u korrett li jkun ta' ġid għalikom u għall-oħrajn, aktar tagħmlu għażliet tajbin.

## Il-Pjetà

Id-don tal-pjetà jgħinkom sabiex titolbu aħjar, sabiex tkabbru fikom rispett kbir u sinċier lejn Alla. Dan id-don jgħinkom sabiex tagħrfu taduraw lil Alla u ħadd u xejn ma jkun alla tagħkom ħliefu.

Dan id-don għandu x'jaqsam ħafna mal-prattiċi tal-reliġjon tagħna. Għalhekk, il-mistoqsija hi: Turu rispett lejn Alla speċjalment waqt it-talb u waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi bħall-quddiesa u l-funzjonijiet l-oħra?

### MILL-EVANĠELJU SKONT SAN MATTEW:

*"Qisu li l-għemil tajjeb tagħkom ma tagħmluhx għal wiċċ in-nies biex tidhru quddiemhom, għax inkella ma jkollkomx ħlas mingħand Missierkom li hu fis-smewwiet."*

MT 6, 1



Dan id-don joffrilna wkoll l-isfida li dak kollu li nagħmlu nagħmluh biex infaħħru lil Alla u mhux għal wiċċ in-nies.

Ma tistgħux tgħidu li tħobbu lil Alla imma mbagħad ma jkollkomx rispett lejn il-Knisja u lejn il-komunità tal-Insara li intom stess tagħmlu parti minnha.

Bħala Kattoliċi, mhux biss intom membri ħajjin tal-komunità imma jeħtieġ li titolbu mal-komunità u għall-komunità speċjalment fil-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd u filli tipparteċipaw fl-attivitajiet anki soċjoreliġjużi li torganizza l-komunità tal-Insara.



## Il-Biża' t'Alla

Hawnhekk il-kliem 'biża' t'Alla' mhuwiex qed jgħidilna li Alla huwa tal-biża'. Alla mhuwiex xi ħadd li dejjem lest biex jikkastigakom. Xejn minn dan. Alla huwa mħabba u huwa ġust, jiġifieri filwaqt li jħobbkom, huwa ġust – it-tajjeb huwa tajjeb u l-ħażin huwa ħażin.

Hawnhekk, il-frażi 'biża' t'Alla' tfisser rispett u mħabba sinċiera lejn Alla. Meta intom tirrispettaw lil xi ħadd toqogħdu attenti kemm tistgħu li ma toffenduhx, li ma tweġġgħulux qalbu. L-istess ma' Alla; dan id-don jgħinkom sabiex dejjem u kullimkien speċjalment fid-deċiżjonijiet u fl-għażliet tagħkom, tagħrfu li Alla huwa qawwi, ħanin, mimli mħabba u ġust u għalhekk jixraqlu kull rispett u mħabba.

Dan id-don jgħinkom tissaħħu fit-tama. It-tama hija importanti ħafna għall-ħajja tal-bniedem. Meta din it-tama tkun ibbażata fuq Alla, tkun tama mimlija fidi. Għalhekk hija ssaħħaħ ħajjet il-bniedem fl-aspetti kollha tagħha.

### MILL-KTIEB TAL-PROVERBJI

"Il-biża' tal-Mulej jobgħod il-ħażen. Kburija, ksuħat, għemejjel ħżiena, kliem ta' ħsara jien [Alla] nobgħodhom."

PROV 8, 13

### SFIDA

Matul din il-ġimgħa agħmel ħiltek li titlob lill-Ispirtu s-Santu sabiex jgħinek tiftakar u tipprattika kemm jista' jkun id-doni fil-ħajja tiegħek ta' kuljum.

# Djarju

Ikteb jew pinġi kif qed tipprattika xi wieħed jew aktar minn dawn id-doni tal-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tiegħek ta' kuljum.

## KATEKEŻI FAMILJA
## TALBA FLIMKIEN BĦALA FAMILJA

Missier etern Alla,
f'isem Ġesù Kristu, Ibnek,
u għall-interċessjoni
tal-Verġni Marija Immakulata,
ibgħat fija l-Ispirtu Qaddis.
Spirtu qaddis,
imħabba bla tmiem,
ejja fina bil-ħeġġa tiegħek,
ejja kebbes 'il-qlub tagħna.



IT-TIENI TEMA

# Nikber ftit, ftit kuljum: Il-Frott tal-Ispirtu

Il-frott tal-Ispirtu s-Santu huma virtujiet li jikbru mal-mixja tal-formazzjoni umana u Kristjana tagħkom. Huma għandhom x'jaqsmu ħafna mal-bini tal-karattru tagħkom. Il-mudell ta' dawn il-virtujiet huwa Ġesù Kristu.



## 2.1 IL- FROTT TAL-ISPIRTU S-SANTU

Il-frott tal-Ispirtu s-Santu jikber fil-ġewwieni tagħkom, fil-qalb tagħkom. Aktar ma jkollkom relazzjoni tajba ma' Alla, aktar tikbru fil-frott tal-Ispirtu s-Santu. Jissejjaħ frott għaliex dan jgħinukom tiffurmaw il-karattru tagħkom. Għalhekk, bil-mod il-mod, intom stess tibdew taraw u tgawdu minn karattru ffurmat tajjeb. Sintendi, minbarra intom stess, igawdu wkoll dawk ta' madwarkom.

Bħalma l-bidwi jaħdem u jistinka sabiex ikabbar frott tajjeb, hekk ukoll intom, taħdmu ma' Alla sabiex tkabbru fikom valuri tajbin li jsiru attitudnijiet, li mbagħad isiru prinċipji u li minn prinċipji jiżviluppaw f'virtujiet. Dan ma jsirx f'daqqa; huwa xogħol li jibqa' sejjer matul il-ħajja kollha tal-bniedem. Tibdew bil-mod, il-mod u aktar ma tikbru aktar tissodaw u timmaturaw. L-imġiba tajba li toħroġ minn dan kollu hija l-frott jiġifieri għażliet tajbin u mġiba tajba.

Hija realtà li meta persuna tipprova tgħix dawn il-virtujiet, anki dawk ta' madwarha jammirawha. Forsi hi taħseb li sħabha se jarawha stramba u differenti minnhom, imma f'qalbhom ikunu qed jammirawha u jkunu jixtiequ li jkunu bħalha.



Meta tirċievu s-Sagrament tal-Konfermazzjoni, intom tidħlu fir-responsabbilità li tagħtu xhieda ta' Ġesù Kristu,

bil-kliem u bl-eżempju. Il-frott tal-Ispirtu s-Santu huwa mezz sabiex tkomplu tinbnew tajjeb fi Nsara b'karattru tajjeb; imbagħad tkunu tistgħu tagħtu xhieda ta' Ġesù fil-ħajja ta'kuljum.

Kulħadd jieħu gost b'adolexxenti jew b'żgħażagħ b'karattru tajjeb. Immela agħmlu ħilitkom li tibqgħu f'relazzjoni tajba ma' Ġesù Kristu u ppruvaw ibnu karattru Nisrani tajjeb.

Karattru Nisrani tajjeb jinbena u jissaħħaħ permezz:

» Tal-qari tal-Kelma t'Alla, speċjalment tal-Evanġelju,
» Tat-talb pesonali u tat-talb flimkien mal-komunità Nisranija speċjalment waqt il-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd,
» Tas-Sagramenti speċjalment tal-qrar u tat-tqarbin,
» Tal-eżempji tajba ta' diversi persuni inkluż tal-qaddisin.
» Tal-fatt li tkomplu tieħdu formazzjoni Nisranija u b'hekk tkunu tistgħu tkomplu titgħallmu u tipprattikaw kif tkunu Nsara tajbin.



## 2.2 NISKOPRU L-FROTT TAL-ISPIRTU S-SANTU

### L-IMĦABBA

Fiż-żminijiet tal-lum il-kelma mħabba saret kelma komuni, imma li tkun kapaċi tħobb tassew mhix komuni, anzi hija ħaġa rari. Kull bniedem hu maħluq biex iħobb. Kieku kelli nistaqsikom xi tfisser għalikom l-imħabba, ikun hawn diversi ideat u opinjonijiet, u dan bir-raġun. L-imħabba hija l-aktar ħaġa mixtieqa minn kull bniedem.



Ħasra li mhux kulħadd jaf iħobb fil-verità. Żgur li l-imħabba ma tistgħux iżżommuha magħluqa ġo qalbkom imma tridu taqsmuha ma' xi ħadd, inkella ma tkunx imħabba u tkun biss egoiżmu.

L-imħabba vera mhix kwistjoni ta' *feelings* biss, imma tissarraf ukoll f'azzjonijiet tajbin li xi kultant jitolbu sagrifiċċju mill-persuna. Il-vera mħabba ma tħallikx tara d-difetti biss tal-oħrajn imma tgħinek tara t-tajjeb ukoll. Il-vera mħabba tgħinkom taqsmu mal-oħrajn mhux is-sabiħ biss imma wkoll

l-isfidi u l-uġigħ li l-ħajja ġġib magħha. Il-persuna li tħobb tassew ma tħobbx kif jaqblilha u meta jaqblilha, imma tħobb dejjem u tibqa' tħobb għal dejjem; ir-relazzjoni tista' tinbidel, imma tibqa' tħobb u tixtieq il-ġid lill-oħrajn. Min tassew iħobb jixtieq il-ġid lill-oħrajn u ma jgħirx għaliex jara lill-oħrajn aħjar minnu. Min tassew iħobb, l-ewwel jaħseb fl-oħrajn.

M'hemmx imħabba mingħajr sagrifiċċju. Dan narawh biċ-ċar f'Ġesù Kristu li għax iħobbna ried isalvana u biex jagħmel dan, tana kollox; tana lilu nnifsu u ried li jibqa' magħna fl-Ewkaristija.

**FITTEX**

Sib l-Innu tal-Imħabba li kiteb San Pawl fl-Ewwel Ittra lill-Korintin, kap 13, versi minn 1 sa 8 u vers 13.

Hemm diversi attitudnijiet u mġibiet li joħorġu mill-imħabba. Impossibbli li nsemmuhom kollha, imma San Pawl, fl-innu tal-imħabba tiegħu li nsibu fl-ewwel ittra lill-Korintin, ġabar x'inhu l-qofol tal-imħabba.

Aktar ma temmnu li Alla jħobbkom, aktar tkunu tistgħu tħobbu lil ħaddieħor.





## IL-FERĦ / L-HENA

Il-ferħ (*joy*) huwa differenti mill-kuntentizza (*happiness*). Tista' tkun ferħan u kuntent imma tista' wkoll tkun kuntent u mhux ferħan. Il-kuntentizza tiġi minn barra - takkwistaha minn affarijiet. Pereżempju, persuna tkun kuntenta meta tixtri xi ħaġa li tkun ilha tixtieqha, jew meta tixtri jew taqla' xi ħaġa li hi għal qalbha, jew meta tgħaddi minn xi eżamijiet jew tirnexxi f'biċċa xogħol.

Il-bniedem jista' jkun ferħan anki jekk ma jkollux dan kollu għaliex il-ferħ ma jiddependix minn kemm għandek affarijiet imma minn kemm inti għandek relazzjoni tajba m'Alla. Il-ferħ joktor ġo fik aktar kemm tipprova tgħix ħajtek mill-aħjar li tista' u aktar kemm tipprova tagħmel il-ġid lill-oħrajn anki b'affarijiet żgħar. Il-ferħ jiġi mill-ġewwieni tal-bniedem.

Il-ferħ huwa *feeling* li tesperjenzawh. Aktar ma tifirħu bil-ġid tal-oħrajn aktar tħossukom ferħanin; għalhekk fejn hemm l-għira m'hemmx ferħ. Aktar ma tużaw it-talenti u l-kapaċitajiet tagħkom għall-ġid tal-oħrajn, aktar tkunu ferħanin.

## IL-PAĊI / IS-SLIEM

Il-paċi tal-moħħ, fil-qalb u f'ruħkom, tiġi minn relazzjoni tajba m'Alla. Fejn hemm il-ġustizzja hemm il-paċi. Il-ġustizzja u l-paċi ma jinfirdu qatt. Aktar ma titgħallmu tafdaw lil Alla, aktar tħossukom fil-paċi.

STORJA:

Sean, adolexxent kellu ħabib. Kienu ilhom ħbieb mill-*kindergarten*. Darba minnhom, Kenneth, dak li Sean kien iqisu ta' ħabib, beda jxerred ħafna affarijiet kontra Sean. Sean sema'. Iddispjaċih ħafna. Inkedd ħafna, u beka wkoll. Sean għamel ħafna mistoqsijiet f'moħħu u f'qalbu x'seta' ġara, imma tweġibiet ma sabx.

Darba minnhom ħassu fil-bżonn li jitkellem m'Alla dwar din is-sitwazzjoni u lil Ġesù qallu: "Ġesù ma nafx x'qed jiġri, naf biss li nħossni mweġġa'. Issa jiena se nħalli din is-sitwazzjoni f'idejk." Sean beda jinduna li minkejja li kien f'sitwazzjoni iebsa, f'qalbu kellu paċi kbira, għaliex ma kienx hu li kien qala' dan l-inkwiet kollu.

Wara xi sitt xhur, ġie Kenneth fuqu u talbu skuża. Ir-relazzjoni ta' bejniethom tbiddlet imma l-inkwiet naqas sewwa. Sean baqa' fil-paċi, u rringrazzja lil Ġesù tal-għajnuna li tah. Sean tgħallem kemm hu importanti li wieħed jitkellem



u jafda lil Ġesù. Tgħallem li aktar ma tafda lil Ġesù aktar tikber fik il-paċi u aktar iġġib paċi kull fejn tkun. Fejn hemm is-suppervja m'hemmx post għall-paċi, la fil-moħħ, la fil-qalb u wisq inqas madwarkom.

## IS-SABAR / IL-PAĊENZJA

Is-sabar u l-paċenzja huma relatati u fl-istess waqt huma ftit differenti minn xulxin. Għall-età tagħkom se nitkellmu aktar dwar il-paċenzja. Spiss nisimgħu l-espressjoni: "kulħadd sar bla paċenzja" jew "kulħadd mgħaġġel u ħadd m'għandu paċenzja għal ħadd u għal xejn!" Lanqas paċenzja magħna nfusna m'għandna.

Li jkollkom il-paċenzja magħkom infuskom hija importanti ħafna għaliex inkella timtlew bin-nervi u b'ħafna aspettattivi li forsi diffiċli

taslu għalihom. Kulħadd għandu x-xewqat u l-ħolm tiegħu imma hemm bżonn li nagħrfu l-limitazzjonijiet tagħna wkoll. Jekk nistgħu negħlbuhom ikun aħjar imma fejn ma nistgħux, hemm bżonn li naċċettawhom u nieħdu ftit paċenzja bina nfusna.

Fil-ħajja ma jistax ikollna kollox; lanqas ma nistgħu nikbru f'salt... kollox bil-mod, kollox għandu l-pass tiegħu. Sfortunatament ninsabu f'kultura tal-*push-button*, fejn nistennew li kollox jasal għandna kif nagħfsu buttuna elettronika. Imma l-ħajja hija wisq differenti minn hekk.

Meta tħossukom bla paċenzja, jew tħossukom se titilfu l-paċenzja, ftakru kemm Alla jieħu paċenzja bikom u bil-bnedmin kollha kull ħin u kull mument. Ftakru ftit: kemm-il darba wegħidtuh li se tirranġaw xi affarijiet fi kliemkom, fl-imġiba tagħkom, fil-ħajja tagħkom u m'għamiltux dan? Alla jieħu paċenzja b'kulħadd. Fejn hemm l-imħabba vera hemm il-paċenzja.



Mhix faċli li tkun bniedem paċenzjuż. Irid ikollok ħafna mħabba u ħafna *self-control;* imma dan mhux impossibbli.

Meta tkunu ftit weħidkom ftakru f'dan: jekk Alla jieħu daqshekk paċenzja bija, jiena għaliex m'għandix nieħu ftit paċenzja bija nnifsi u bl-oħrajn? Taħsbu intom li ħaddieħor ma jiħux paċenzja bikom ukoll? Aħsbu ftit: Mhux aħjar jekk tnaqqsu l-inkwiet u r-rabja, u titgħallmu tkunu paċenzjużi?

## IL-ĦNIENA

Il-Papa Franġisku ddedika sena sħiħa għall-ħniena sabiex kull wieħed minna nagħrfu kemm Alla jħenn għalina. Aktar ma nagħrfu dan, aktar nikbru fil-ħniena. Li tħennu ma jfissirx li titħassru lill-oħrajn jew lilkom infuskom. Li tħennu jfisser li filwaqt li tafdaw f'Alla, tagħmlu ħilitkom sabiex tirranġaw ħajjitkom għall-aħjar u tgħinu lil ħaddieħor biex jirranġa ħajtu għall-aħjar.

STORJA:

> Kien hemm wieħed fqir li kien joqgħod viċin xmara. Kien tant fqir li kien kuljum jitlob l-ikel. Kulħadd kien jafu u bosta kienu jagħtuh xi ħaġa tal-ikel. Imma darba waħda għadda wieħed li kien sejjer jistad. Dan kellu żewġ qasbiet. Sejjaħ lil dak il-fqir u staqsieh: "Inti taf tistad?" Dak wieġbu: "Le!" Dak ir-raġel qal lill-fqir: "Ejja ħalli ngħallmek. Hekk ma jkollokx għaliex tittallab il-karità għaliex ikollok ikel kemm trid u tista' wkoll tibda tbigħ. Hekk tkun qed tibni ħajtek ukoll." Dak tgħidx kemm feraħ. Tgħallem u ħajtu nbidlet ħafna. Wara xi ftit xhur, dak ir-raġel reġa' għadda minn hemm, u ra li dak li kien fqir jistad, issa kien liebes aħjar u kien jidher tajjeb. Sellmu lil xulxin, u r-raġel qallu: "Issa li ħajtek sejra għall-aħjar, ħenn għall-oħrajn ukoll. Tinsiex."

Din l-istorja tista' tiġri f'kuntesti differenti fil-ħajja ta' kuljum.

Il-ħniena hija wkoll marbuta mal-maħfra. Meta niftakru kemm Alla jħenn għalina , għaliex m'għandniex inħennu aħna wkoll għall-oħrajn? Għaliex għandna niġġieldu fuq kull ħaġa? Għaliex m'għandniex naħfru? Għaliex m'għandniex ngħallmu lill-oħrajn sabiex ħajjithom tkun aħjar

milli hi? L-għira, is-suppervja u s-sens tat-tpattija jitfu l-ħniena. Jekk tridu li ħaddieħor ikun ħanin magħkom, ħennu għall-oħrajn. Aktar ma tiftakru kemm Alla huwa ħanin magħkom, aktar tistgħu tħennu għall-oħrajn.

Il-ħniena u l-maħfra jixbhu ħafna lil xulxin. Il-Papa Franġisku spiss nisimgħuh ifakkarna li Alla huwa dejjem lest biex jaħfrilna. Alla dejjem qed jistenniena biex jaħfrilna. Aħsbu ftit: meta taħfru, mhux qed tiċħdu dak li ġara. L-affarijiet li ġraw mhux se jinbidlu. Li taħfru mhix deċiżjoni faċli imma meta taħfru bil-verità tiksbu paċi kbira għalikom innfuskom. Din ir-realtà tagħtikom ħajja aktar fil-paċi. Ġieli tlabtu maħfra u xi ħadd ħafrilkom? Kif ħassejtukom?

**MILL-ITTRA TA' SAN PAWL LILL-EFESIN:**

"Kunu twajba ma' xulxin, ħennu għal xulxin, aħfru lil xulxin, bħalma Alla ħafer lilkom fi Kristu."

EF 4, 32

Barra minn dan, importanti li l-ewwel nett titgħallmu taħfru lilkom infuskom u titgħallmu mill-iżbalji li tagħmlu. Ħennu għalikom infuskom, imbagħad tkunu tistgħu tħennu u taħfru lill-oħrajn b'aktar kalma u paċi. Tistgħu taslu għal dan kollu bil-għajnuna t'Alla.



## IT-TJIEBA / IT-TJUBIJA

Aktar ma tkun persuna tajba, aktar tiżra' t-tajjeb madwarek. Li tkun persuna tajba ma jfissirx li tħalli lil kulħadd jagħmel li jrid bik. Bniedem twajjeb ma jfissirx li huwa persuna dgħajfa. Anzi, bil-kuntrarju ta' dan. Li tkun tajjeb, ifisser li jkollok karattru sod u b'saħħtu.

Sabiex timmaturaw f'żgħażagħ u adulti tajbin u ġentili hemm bżonn li żżommu relazzjoni tajba m'Alla spċjalment bit-talb, billi taqraw il-Kelma t'Alla, billi tersqu spiss għas-sagramenti speċjalment tal-Qrar u tat-Tqarbin u billi tkunu midħla ta' adolexxenti tajbin.

L-għażla tal-ħbieb hija importanti ħafna. Daqskemm jistgħu jgħinukom, daqstant ieħor jistgħu jfixklukom! Żommu qalbkom, għajnejkom u widnejkom indaf milli taraw u tisimgħu affarijiet vjolenti. Agħmlu t-tajjeb u t-tajjeb jirritorna lejkom. Fittxu li dejjem tagħmlu t-tajjeb.

### MINN SALM 34

"Tbiegħed mill-ħażen u agħmel it-tajjeb, fittex is-sliem u imxi warajh."

SALM 34, 15

## IL-FEDELTÁ / IL-LEALTÀ

Li tkun leali jfisser li tkun bniedem fidil (*faithful*). Din hija ħaġa ta' min jammiraha. Il-lealtà trid tkun l-ewwel nett lejkom infuskom u mbagħad lejn l-oħrajn. Din titfisser kemm fl-imġiba sħiħa fir-relazzjonijiet ta' bejnietkom u kemm f'dak li tagħmlu u tgħidu. Mhix ħaġa impossibbli imma żgur li teħtieġ karattru sod.

Illum il-ġurnata, il-fedeltà, speċjalment bejn il-ħbieb, hija ħaġa rari. Meta ssibu ħabib/a leali

fidil/a lejkom, ħabib/a li tistgħu tafdaw, dan ikun teżor kbir u għandkom tgħożżuh. L-ewwel nett kunu intom fidili u leali lejkom infuskom. Dan tagħmluh billi tkunu onesti magħkom infuskom.

Pereżempju, jekk intom żbaljajtu, aċċettaw li għamiltu dan, skużaw ruħkom, tgħallmu mill-iżball u ibqgħu mexjin fil-ħajja tagħkom. Jekk dnibtu, morru qerru u mill-ġdid issiru ħbieb m'Alla. Jekk għamiltu xi żball ma' xi ħadd, ippruvaw irranġaw l-affarijiet. Hekk tkunu onesti magħkom infuskom u mal-oħrajn. Anki fit-talenti tagħkom, jekk għandkom talent jew kapaċità f'xi ħaġa, użawh. Alla takom dak ir-rigal għalikom infuskom u għall-oħrajn. Li tkun persuna leali jfisser ukoll li tkun kapaċi tgħaddi kumpliment sinċier u mhux tidħaq b'dak li jkun.

Kunu leali, fidili u onesti lejn l-oħrajn. B'dan il-mod, sħabkom jemmnu fikom u jkunu jistgħu jafdawkom. Fejn hemm il-gideb, m'hemmx onestà u wisq inqas fedeltà.

Il-fedeltà tgħinkom tikbru f'ċittadini Nsara onesti, persuni li kulħadd jista' jafda, persuni li taħdmu għall-ġid tas-soċjetà u tal-Knisja. Santa Tereża ta' Kalkutta tgħid: "Tfittxux li tkunu persuni ta' suċċess, imma li tkunu persuni fidili." Dan ifisser li tkunu persuni leali.

**MILL-KTIEB TAL-PROVERBJI**

"Bniedem onest ikollu barka bil-kotra..."

PROV 28, 20

Tinsewx, Alla hu dejjem fidil magħna l-bnedmin. Alla qatt mhu se jidħaq bikom. Li tkunu persuni leali/fidili lejn Alla jfisser li lil Alla tatuh il-post li jixraqlu fil-qalb tagħkom u mhux tfittxuh biss meta jkollkom bżonnu.



## IL-ĦLEWWA / IL-ĠENTILEZZA

Persuna li għandha karattru sod turi dan daqskemm tkun ġentili fil-ħsieb, fil-kliem u fl-imġiba. Il-proverbju Malti jgħid: "Bil-kelma t-tajba toħroġ il-far mit-toqba". Il-persuna goffa, inkwiet iġġib. Il-bniedem goff ħafna drabi jkun il-bniedem beżżiegħi u insigur imma l-bniedem ġentili huwa bniedem b'karattru sod u edukat u juri dan fi kliemu u fl-imġiba tiegħu mal-oħrajn.

Il-persuna ġentili tqis kliemha u tqis ukoll il-ġesti li tagħmel għaliex dawn ukoll jistgħu jfissru ħafna. Kull wieħed u waħda minna hu fraġli. Mela bħalma tridu li ħaddieħor ikun ġentili magħkom, tajjeb ukoll li intom tkunu ġentili mal-oħrajn.

### MILL-KTIEB TAL-PROVERBJI

"Tweġiba ħelwa ttaffi l-korla, kelma iebsa tqajjem l-għadab."

PROV 15, 1

## MILL-ITTRA TA' SAN PAWL LIL TITU

"Fakkarhom biex ... ma jkasbru 'l ħadd, jaħarbu t-tilwim, ikunu umli, jimxu bil-ħlewwa ma' kulħadd."

TITU 3, 2B

Min hu ġentili miegħu nnifsu jirrispetta lilu nnifsu, u anki lill-oħrajn kull fejn ikun u bla ebda distinzjoni. Il-ġentilezza titlob ħafna kontroll fuq l-emozzjonijiet tal-persuna speċjalment f'mumenti diffiċli. Il-persuna li tkun goffa fil-kliem u fl-imġiba, anki jekk ikollha raġun, hi dejjem telliefa. Il-persuna li tuża l-ħlewwa hi dejjem rebbieħa.

## IR-RAŻAN / IT-TEMPERANZA

Bl-Ingliż nużaw il-kelma *self-control*. Immaġina persuna sportiva. Biex tasal għall-għan tagħha trid tagħmel ħafna sagrifiċċji. Trid tittrenja kuljum. Irid ikollha ħafna dixxiplina fuq diversi affarijiet. Trid tkun persuna li jkollha ħafna *self-control*, jiġifieri ħafna rażan fil-ħajja tagħha.



Dan ma jgħoddx għall-isportivi biss. Jgħodd għal kulħadd. Li trażżan lilek innifsek ifisser li tkun kapaċi tgħid le meta għandek tgħid le, speċjalment meta fin-nofs hemm ir-rispett lejk innifsek u lejn l-oħrajn.

Ġieli jiġri li bniedem jibda jagħmel xi ħaġa bi ħsieb tajjeb imma fil-proċess jiġri xi ħaġa u l-affarijiet ma jimxux sewwa. Hawn min iwebbes rasu u jkompli miexi; hawn min hu bil-għaqal u jieqaf. Il-kapaċità li tagħraf tieqaf meta ħaġa mhix tajba la għalik u lanqas għall-oħrajn turi maturità kbira u turi rażan (*self-control*) kbir.

Anki meta tkun qed tagħmel ħaġa tajba, ġieli jkun meħtieġ ir-rażan. Jista' jkun li dik il-ħaġa hi tajba għalik imma biha jista' jkun li qed iddejjaq lil ħaddieħor. Pereżempju, wieħed jixtieq jiċċelebra



billi joqgħod jisma' l-mużika. Dan ma fih xejn ħażin imma trid tqis li l-mużika tismagħha inti biss u mhux biha tweġġa' ras jew qalb ħaddieħor li forsi ma jistax jiċċelebra bħalek.

Minbarra dan, niftakru li r-rażan (*self-control*) ibegħidkom minn kull forma ta' *addiction.* Jekk ħaġa tkun kapaċi tikkontrollaha mill-bidu, qatt ma ssir *addicted* għaliha. Dan jgħodd kemm jekk tkun ħaġa tajba u kemm jekk tkun xi ħaġa li bdiet b'intenzjoni tajba imma l-proċess u l-konsegwenzi aħħarin ikunu ħżiena.



## FTIT IDEAT SABIEX WIEĦED JIKBER FIR-RAŻAN (*SELF-CONTROL*)

» Ara sew xi trid fil-ħajja tiegħek.

» Agħmel sett ta' regolamenti/valuri/prinċipji tajbin sabiex jgħinuk f'ħajtek. Żommhom bħala l-mappa – il-*guidelines* ta' ħajtek,.

» Kun kapaċi tisfida lilek innifsek. Fejn hemm bżonn tgħid le, għid le. Agħmel dan mhux b'suppervja, imma b'sens ta' kontroll.

» Aħseb ftit fil-konsegwenzi jekk inti ma tikkontrollax lilek innifsek, pereżempju, jekk ma tikkontrollax ilsienek jew ir-rabja tiegħek jew xi emozzjonijiet oħra. x'jista' jiġri? X'konsegwenzi jista' jkun hemm?

» Ipprattika kemm tista' r-rażan f'ħajtek.

» Itlob lil Alla jgħinek.

Dan kollu joffri garanzija ċara li ħajtek u l-ambjent ta' madwarek jinbidlu għall-aħjar.

***Jekk tixtieq aktar imħabba, aktar ħniena, aktar tjubija, aktar ħlewwa u ġentilezza… jekk tixtieq dan kollu flimkien ma' doża tajba ta' paċenzja u tkun persuna li verament tixtieq is-sliem, u l-paċi… jeħtieġ li jkollok ir-rażan fuqek innifsek.***

### MILL-KTIEB TAL-PROVERBJI

Min irażżan fommu u lsienu, iħares mill-għawġ lilu nnifsu.

PROV 12, 23

### SFIDA

Matul din il-ġimgħa sibu wieħed jew aktar minn dan il-frott tal-Ispirtu u pprattikawh kemm tistgħu magħkom infuskom u mal-oħrajn.

# Djarju

Ikteb jew pinġi liema wieħed minn dan il-frott tal-Ispirtu tixtieq tipprattikah aktar. Jekk hemm xi frott tal-Ispirtu li diġà qed tipprattikah ħafna, ikteb jew pinġi kif dan qed isir u kif ħajtek qed issir aħjar għax qed tipprattikah.

## KATEKEŻI FAMILJA
## ĠESÙ HU D-DIELJA VERA

> *"Jiena d-dielja vera*
> *u Missieri l-bidwi.*
> *Kull fergħa fija*
> *li ma tagħmilx frott jaqtagħha;*
> *u kull waħda li tagħmel il-frott*
> *jiżborha u jnaddafha,*
> *biex tagħmel frott aktar.*
> *Intom ġa ndaf*
> *minħabba l-kelma li għedtilkom.*
> *Ibqgħu fija, u jiena nibqa' fikom.*
> *Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott*
> *minnha nnifisha*
> *jekk ma tibqax fid-dielja,*
> *hekk anqas intom*
> *jekk ma tibqgħux fija."*
>
> ĠW 15, 1-3

## NITOLBU FLIMKIEN BĦALA FAMILJA

Mulej Ġesù,
bierek lill-familja tagħna.
Għinna nibqgħu nżommu lilek
bħala l-aqwa ħabib tagħna.
Marija Omm Ġesù,
ħu ħsieb 'il-familja tagħna.
Ammen.



IT-TIELET TEMA

# Il-karizmi tal-Ispirtu s-santu għas-servizz tal-Umanità

## IT-TIFSIRA TAL-KELMA KARIŻMA

Il-kelma **'kariżma'** nistgħu nqabbluha mal-kelma talent – rigal li l-Ispirtu Qaddis ta' Alla, jagħti lil kull bniedem sabiex jużah għas-servizz tal-oħrajn, jiġifieri għall-komunità u għall-ħolqien kollu.



## 3.1 IL-KONNESSJONI BEJN ID-DONI, IL-FROTT U L-KARIŻMI TAL-ISPIRTU S-SANTU

### TLIET PILASTRI IMPORTANTI F'ĦAJJITKOM

- **Id-doni** tal-Ispirtu s-Santu huma bħal **kumpanni li jimxu magħkom matul ħajjitkom** kollha. Huma jagħtukom l-enerġija umana u Nisranija li għandkom bżonn sabiex tgħixu ħajjitkom bis-sħiħ.

- **Il-frott** tal-Ispirtu s-Santu **jgħinkom biex tibnu l-karattru tagħkom** sabiex tgħixu ħajja umana u Nisranija kif inhu xieraq. Il-frott tal-Ispirtu s-Santu huwa mmudellat fuq il-ħajja, il-karattru, il-valuri u l-attitudnijiet ta' Ġesù Kristu.

- **Il-kariżmi** tal-Ispirtu s-Santu huma rigali mogħtija lil kull bnidem **għas-servizz tal-komunità.** Kull bniedem għandu waħda jew aktar minn dawn il-kariżmi. Kull persuna hija msejħa sabiex tagħti servizz lill-umanità. Għan-Nisrani li jemmen, dan is-servizz jiġi mogħti fi Kristu, bi Kristu u ma' Kristu

Għalhekk:

- **Id-Doni** jgħinukom tgħixu ħajja tajba f'relazzjoni ma' Alla u mal-bnedmin.

### MILL-ITTRA TA' SAN PAWL LIR-RUMANI

"Aħna għandna doni differenti skont il-grazzja li Alla tana; jekk għandna d-don tal-profezija, ħa nħaddmuh skont il-qjies tal-fidi; jekk għandna d-don tal-ministeru, ħa nservu; min għandu d-don tat-tagħlim, ħa jgħallem; min id-don tat-tħeġġiġ, ħa jħeġġeġ; min id-don tat-tqassim, ħa jqassam b'idejh miftuħa; min għandu l-awtorità fuq l-oħrajn, ħa jmexxi bil-ħerqa; min id-don tal-opri tal-ħniena, ħa jagħmel dan bil-ferħ."

RUM 12, 6-8

» **Il-Frott tal-Ispirtu** għandu x'jaqsam mal-bini tal-karattru tagħkom.

» **Il-Kariżmi** huma għas-servizz tal-komunità u tal-ħolqien kollu.

## 3.2 NISKOPRU DAWN IL-KARIŻMI U KIF NISTGĦU NUŻAWHOM GĦALL-ĠID TAL-KOMUNITÀ U TAS-SOĊJETÀ

### Il-Kariżma tal-Profezija

Li tkun profeta ma jfissirx li tara l-futur. Il-profeta mhux saħħar. Il-profeta huwa dak li jara s-sitwazzjoni kif tkun fil-preżent, jitlob l-għajnuna t'Alla sabiex jurih x'għandu jagħmel dwarha u mbagħad, dak li jiddeċiedi li jagħmel irid ikun ta' ġid għalih u għall-komunità. Il-profeta qatt mhu persuna egoista li taħseb għaliha biss; anzi, il-profeta huwa dak li jaħseb ħafna fl-oħrajn.

### Il-Kariżma tal-Ministeru

Din il-kariżma tfisser persuna li hija dejjem lesta li taqdi lill-oħrajn. Fil-ħajja ta' kuljum, dan jista' jintwera b'diversi modi u manjieri. Pereżempju b'kelma tajba, kelma li turi li qed taċċetta lill-oħrajn. Jintwera wkoll bi mġiba li wieħed jaċċetta lill-oħrajn, li jinkludihom f'dak li jkun qed jagħmel, li jagħtihom l-għajnuna meħtieġa bħal meta adolexxent jew żagħżugħ u anki adult mhux biss imur jara lil xi anzjan, imma joqgħod ftit ħdejh ikellmu, jisimgħu u jidħol f'konverżazzjoni li tgħin lill-anzjan iħossu *welcomed*. Imma dan m'għandux isir biss mal-anzjani imma wkoll bħala adolexxenti bejnietkom. Li xi ħadd iħossu aċċettat, stmat u integrat fl-affarijiet, huwa sinjal ta' qadi kbir bejn xulxin. Anki meta tgħaddu kumpliment sinċier

lil xulxin, tkunu qed taqdu lil xulxin, tkunu qed turu rispett u mħabba. Bħal dawn hemm diversi affarijiet li bħala adolexxenti tistgħu tagħmluhom b'modi u b'manjieri diversi inkluż billi titolbu mal-oħrajn u għall-oħrajn ta' kull età, razza u kultura. Min tassew ifittex li jaqdi lill-oħrajn ma jfittixx li jkun moqdi hu l-ewwel; anzi, ħafna drabi jaqdi lill-oħrajn u jinsa lilu nnifsu.

### Il-Karizma ta' Għalliem

Kulħadd jista' jgħallem bil-kliem u bl-eżempju. Imma biex tkun għalliem tassew trid tkun taf tħobb u tħobb lil kulħadd bla ebda distinzjoni. Il-kariżma ta' għalliem tintwera meta dak li jgħallem ikun bniedem umli. Min hu supperv u jaħseb li jaf kollox, ma jistax jgħallem lill-oħrajn. Il-kariżma li tah l-Ispirtu Qaddis t'Alla ma jkunx qed jużaha tajjeb għaliex ikun supperv. Ftit jew wisq kull imgħammed għandu din





il-kariżma għaliex kulħadd għandu xi ħaġa x'jgħallem lill-oħrajn. Imma mbagħad insibu persuni li flimkien mal-kariżma għandhom kapaċità kbira li jgħallmu lill-oħrajn. Dawn il-persuni jagħtu servizz kbir lis-soċjetà u lill-Knisja.

**Il-Kariżma li Wieħed Iħeġġeġ lill-Oħrajn.**
Din il-kariżma toffri servizz importanti ħafna għall-komunità għaliex din toffri ħafna tama u inkoraġġiment lill-oħrajn speċjalment meta xi ħadd ikun għaddej minn żmien diffiċli. Hawn min jaf jaqta' qalb in-nies u fortunatament hawn min bl-għajnuna t'Alla kapaċi jagħmlilhom ħafna kuraġġ u jgħin persuni oħra meta jkunu għaddejjin minn xi żmien diffiċli. Nies bħal dawn huma rigal mill-Mulej. Meta wieħed ikollu l-kariżma tat-tħeġġiġ, tindunaw biha għaliex ikun bniedem li jaf jifhem is-sitwazzjoni u jaf jagħder, imma fl-istess waqt jagħmillek kuraġġ, jitlob

għalik u jimxi miegħek sabiex fil-ħajja inti tkompli miexi bla ma taqta' qalbek. Ħafna drabi, dawn il-persuni jkunu nies ta' talb u ta' fidi kbira.

### Il-Kariżma ta' Kontributur

Din il-kariżma titwettaq meta persuna tkun kapaċi tqassam il-karità u l-għajnuna lill-oħrajn. Dan ikun bniedem li jemmen li Alla jipprovdi lil kulħadd. Hawn ħafna li għandhom din il-kariżma; uħud huma magħrufin imma bosta oħrajn jaħdmu fis-skiet bla ma ħadd jaf bihom. Huma jagħmlu u jagħtu ħafna karità u jaraw minn fejn sa jġibu l-affarijiet sabiex iqassmuhom lill-oħrajn. Il-kontributur huwa bniedem li jafda f'Alla, kapaċi jikkomunika b'ħafna mħabba mal-oħrajn u huwa wkoll bniedem li lest li jagħmel kull sagrifiċċju għall-oħrajn. F'pajjiżna għandna ħafna minn dawn il-voluntiera f'kull qasam tas-soċjetà.

### Il-kariżma tal-*Leadership* – L-Awtorità fuq Oħrajn

Din il-kariżma għandha x'taqsam mal-*leadership.* Mhux kulħadd huwa msejjaħ biex ikun *leader.* *Il-leader* ta' veru għandu viżjoni, jaf jaqsamha mal-oħrajn u jaf li mingħajr in-nies ma jistax jaħdem. Il-*leader* ma jeskludi lil ħadd għax jaf li kull persuna tista' tkun utli għall-viżjoni li għandu. Il-*leader* Nisrani jfassal din il-viżjoni fuq it-tagħlim ta' Ġesù Kristu u meta jkun se jwettaqha mal-oħrajn, jibqa' jżomm il-valuri u t-tagħlim ta' Ġesù Kristu f'qalbu u fil-ħidma tiegħu. *Il-leader* tassew, l-ewwel irid jimxi hu wara Ġesù Kristu u mbagħad ikun jista' jmexxi lill-oħrajn. B'hekk ikun jista' jmexxi l-viżjoni li jkollu. Anki jekk din il-viżjoni ma tkunx reliġjuża, imma tkun soċjali, it-tagħlim u l-valuri ta' Ġesù Kristu jkunu minsuġin

fiha. Kemm għall-Knisja, kif ukoll għas-soċjetà, il-*leadership* huwa servizz kbir għall-komunità.

Is-suppervi u l-arroganti qatt ma jistgħu jkunu *leaders* tajbin għaliex huma jaħsbu li m'għandhom bżonn lil ħadd. *Leader* tajjeb jaf jaħdem mal-oħrajn u għall-oħrajn. *Leader* tajjeb jinkludi lill-oħrajn u jiddiskuti mal-oħrajn. Min ma jafx jisma' lill-oħrajn mhux *leader* tajjeb. *Leader* tajjeb ma jfittixx li hu jkun moqdi imma li jaqdi lill-oħrajn bħalma għamel Ġesù Kristu li huwa l-aqwa *leader.*

**Il-Kariżma tal-Ħniena: Bniedem li kapaċi jħenn (il-ħniena u l-maħfra jimxu flimkien)**
Din il-kariżma hija partikulari. Alla jagħtiha lil kulħadd imma mhux kulħadd kapaċi jużaha. Mhux kulħadd hu kapaċi li jħenn u li jaħfer u li



jagħmel dan bil-ferħ. Li kieku kien hekk, il-familja, il-komunità, is-soċjetà u d-dinja kienu jkunu ferm aħjar; id-dinja kienet tkun post ta' paċi u ferħ, kif jixtieqha li tkun il-Mulej. Il-kariżma tal-ħniena nistgħu nipprattikawha bis-sħiħ fis-seba' opri tal-ħniena – kemm dawk li jmissu lill-ġisem u anki dawk li jmissu lir-ruħ.

Kulħadd jixtieq li jirċevi ħniena u maħfra imma mhux kulħadd hu kapaċi li jagħtihom bil-ferħ. Dan il-ferħ jiġi biss minn relazzjoni tajba m'Alla. Għalhekk biex wieħed juża din il-kariżma irid ikun bniedem li kontinwament iżomm relazzjoni tajba m'Alla. Li persuna tħenn u taħfer, dan huwa servizz li juri mħabba fl-azzjoni.

**SFIDA**

Matul din il-ġimgħa fittex fik innifsek liema huma l-kariżmi li l-Ispirtu Qaddis t'Alla qiegħed jagħtik sabiex bihom taqdi lill-komunità. Ipprova użahom mill-aħjar li tista'. Itlob lil Alla jgħinek.



# Djarju

Ikteb jew pinġi
kif qed tuża
l-kariżmi li tak
Alla għall-ġid
tal-komunità.
Imbagħad ikteb
talba lill-Ispirtu
s-Santu sabiex
ikompli jgħinek
ħalli dawn
il-kariżmi
tużahom tajjeb
matul ħajtek.



# KATEKEŻI FAMILJA
## SILTIET MEĦUDIN MILL-AMORIS LAETITIA: IL-FERĦ TAL-IMĦABBA, TAL-PAPA FRANĠISKU (2016)

"Jekk naċċettaw
li l-imħabba ta' Alla
hi bla kundizzjonijiet,
li l-għożża li għandu
l-Missier għalina
la tinxtara u lanqas
tħallas għaliha,
allura nkunu nistgħu nħobbu
lil hemm minn kull ħaġa,
naħfru lill-oħrajn
imqar meta kienu
inġusti magħna."

PAR. 108

"Il-familja hi msejħa
biex taqsam flimkien
it-talb ta' kuljum,
il-qari tal-Kelma ta' Alla
u l-komunjoni Ewkaristika
biex tisseddaq fl-imħabba
u tinbidel dejjem iżjed
f'tempju fejn
jgħammar l-Ispirtu."

PAR. 29

IT-TIELET KAPITLU

# 3 Il-verità fl-imħabba L-imħabba bil-verità



L-EWWEL TEMA

# L-għejun tal-verità sabiex fuqhom infasslu l-imġiba tagħna

Meta nitkellmu minn morali Nisranija, nifhmu li l-imġiba tagħna u d-deċiżjonijiet li nagħmlu jkunu bbażati fuq veritajiet - fuq tagħlim li jiġi mwassal lilna minn sorsi (għejun) li nistgħu noqogħdu fuqhom – u mhux fuq dak li l-aktar huwa popolari, fuq dak li huwa l-aktar ħafif u li jaqbel lilna, fuq dak li huwa l-aktar sensazzjonali. Biex ngħixu ħajja morali tajba għandna ħafna bżonn tal-Ispirtu Qaddis t'Alla – l-Ispirtu s-Santu.

## IT-TIFSIRA TAL-KELMA MORALI

» Il-kelma 'morali' ġejja mill-kelma bil-Latin *moralis* li tfisser sett ta' prinċipji li jiggwidaw l-imġiba tal-persuna sabiex din tagħmel it-tajjeb.

» Għalhekk, il-morali hija relatata mal-karattru, mal-għażliet li persuna tagħmel u sintendi mal-imġiba tal-persuna.



## L-GĦEJUN TAL-VERITÀ MORALI

Importanti li nifhmu li **l-għajn ta' kull verità morali tinsab u tiġi minn Alla.** Għalhekk, aktar ma nżommu relazzjoni tajba m'Alla aktar nagħrfu l-verità kemm bir-raġuni tagħna u kemm fil-qalb tagħna.

Alla wassal din il-verità lilna permezz **tal-Iskrittura,** imbagħad permezz ta' **Ġesù Kristu** u permezz **tal-Knisja** jiġifieri permezz tat-Tagħlim tagħha li għadu jiġġedded sal-lum. F'dan it-tagħlim insibu wkoll miġbura aktar minn elfejn sena ta' Tradizzjoni – ta' tagħlim.

Dak li jgħallimna Alla permezz tal-liġi Tiegħu li nsibuha **fil-Kmandamenti,** dak li jgħallimna Ġesù Kristu li nsibuh **fl-Evanġelju** u dak li **tgħallimna l-Knisja** jgħinuna nibnu (jiġifieri niffurmaw u nżommu aġġornata) l-kuxjenza tagħna.

Niftakru li Ġesù, bit-Tagħlim Tiegħu ma ġiex biex iffarrak dak li nsibu, fit-Testment il-Qadim, imma ġie sabiex jipperfezzjonah – jiġifieri sabiex jgħinna

nifhmuh aħjar ħalli l-prijoritajiet, u l-għanijiet tagħna jkunu ċari. Pereżempju, fit-Testment il-Qadim insibu "Għajn għal għajn u sinna għal sinna", imma Ġesù jgħallimna: "Ħobb lil Alla u lil għajrek bħalek nnifsek. Dan huwa l-ewwel u l-aqwa kmandament" (Mt 5, 38-42). Ġesù jgħallimna li l-liġi mingħajr l-imħabba mhi xejn ħlief sett ta' regoli biss. Meta dawn ir-regoli u l-liġijiet ikunu miktubin u maħsubin sabiex ikunu ta' ġid għall-bndemin, in-nies josservawhom aħjar għaliex ikunu jafu li dawn huma għall-ġid tagħhom.



It-Tagħlim tal-Knisja Kattolika jasal għandna permezz tal-Maġisteru, jiġifieri permezz tal-Papa, u tal-Isqfijiet. Dan it-tagħlim jieħu ħafna snin ta' studju fejn bosta nies esperti, anki lajċi, jiġu kkonsultati sabiex jagħtu l-aħjar pariri ħalli dak li joħroġ ikun ibbażat fuq il-Kelma t'Alla, fuq it-Tagħlim ta' Ġesù Kristu, jirrispetta t-Tradizzjoni tal-Knisja u jirrispetta wkoll il-ħtiġijiet tal-bnedmin fil-kulturi u l-bżonnijiet tal-lum.

Flimkien ma' dan hemm dik li **nsejħulha l-Liġi Naturali.** San Tumas t'Akwinu kien Patri Dumnikan ta' għerf kbir u studjuż kbir speċjalment fit-teoloġija. Huwa twieled madwar is-sena 1225 u miet fis-7 ta' Marzu 1274. San Tumas kiteb dwar il-Liġi Naturali. Huwa jgħidilna li Alla poġġa fil-moħħ u fil-qalb tal-bniedem din il-Liġi Naturali sabiex kull bniedem jagħmel ħiltu biex jagħmel it-tajjeb, ifittex it-tajjeb u jevita l-ħażin. Huwa jgħidilna wkoll li minbarra l-Liġi Naturali, il-bniedem għandu bżonn ifittex għejun



oħra li jipprovdu l-verità ħalli jagħmel it-tajjeb u jevita l-ħażin. B'hekk ikun jista' jagħmel għażliet tajbin f'ħajtu. Din il-Liġi Naturali, Alla taha lill-bnedmin kollha ta' kull razza, reliġjon u kulur; hija ħaġa universali, mogħtija lil kulħadd.

Biex nifhmu aħjar dan li qed ngħidu, se nġibu żewġ eżempji:

» Tifel ċkejken li għadu ma bediex jitgħallem, meta jagħmel ħaġa tajba jagħraf li jkun



għamel hekk; l-istess meta jagħmel xi ħaġa li mhix daqstant tajba, ikun jaf ukoll.

» Persuni li jgħixu f'postijiet primittivi fejn m'hemmx tagħlim, bir-raġuni tagħhom u anki f'qalbhom, jagħrfu x'inhu t-tajjeb u x'inhu l-ħażin kemm għalihom nfushom u kif ukoll għan-nies ta' madwarhom.

Kemm fl-ewwel kif ukoll fit-tieni eżempju naraw il-Liġi Naturali li Alla jagħti lill-bnedmin kollha. Fl-ewwel eżempju naraw li t-tifel għadu żgħir biex jitgħallem u fit-tieni eżempju ninnotaw li dawn in-nies m'għandhomx fejn jitgħallmu. Minkejja dan, xorta jistgħu jagħmlu l-għażliet tagħhom.

Imma min għandu l-opportunità li jitgħallem, minbarra l-Liġi Naturali għandu għejun oħra minn

**MILL-EVANĠELJU SKONT SAN MATTEW:**

*"Smajtu x'intqal, 'Għajn b'għajn u sinna b'sinna.' Imma jiena ngħidilkom biex bniedem ħażin ma tiqfulux; anzi jekk xi ħadd jagħtik daqqa ta' ħarta fuq ħaddek tal-lemin, dawwarlu l-ieħor ukoll; u lil min ikun irid itellgħek il-qorti u jeħodlok il-libsa, ħallilu wkoll il-mantar. U jekk xi ħadd iġagħlek timxi miegħu mil wieħed, mur miegħu tnejn. Agħti lil min jitolbok u ddawwarx spallejk lil min ikun irid jissellef mingħandek."*

MT 5, 38-41

fejn jitgħallem il-verità, fejn jitgħallem jagħmel it-tajjeb u jevita l-ħażin; b'hekk ikun jista' jagħmel għażliet tajbin.

L-għejun tal-verità morali għalina l-Insara huma:

- Alla
- Il-Bibbja, li fiha nsibu l-Għaxar Kmandamenti
- Ġesù Kristu – fit-Tagħlim Tiegħu li nsibuh fl-Evanġelju
- It-Tagħlim tal-Knisja li huwa bbażat fuq l-Iskrittura u fuq it-Tradizzjoni inkluż l-ittri u l-kitbiet li nsibu fil-Ġdid Testment bħall-ittri ta' San Pawl, ta' San Ġakbu eċċ.
- Il-Liġi Naturali li Alla ta lil kull bniedem fil-qalb u fir-raġuni tiegħu.



Fil-ħajja ta' kuljum, insibu persuni importanti fil-ħajja tagħna li jgħinuna nifhmu aħjar dan it-tagħlim li nsibu f'dawn l-għejun ta' verità. Dawn il-persuni jinkludu lil nies fil-familja tagħna li juruna x'inhu t-tajjeb u x'inhu ħażin u għalhekk tajjeb li jikkoreġuna fejn hemm bżonn u li aħna naċċettaw din il-korrezzjoni għaliex hija ta' ġid għalina; hemm l-għalliema, il-katekisti u kif ukoll ħbieb tajbin li dawn, għax jixtiqulna l-ġid, juruna fejn inkunu qed niżbaljaw u jinkoraġġuna fit-tajjeb li nkunu qed nagħmlu. Hemm ukoll il-gruppi ta' formazzjoni Nisranija li jgħinuna nżommu relazzjoni tajba m'Alla u jgħinuna nifhmu t-tagħlim sabiex inkunu persuni Nsara aktar sħaħ.

Dawn l-għejun tal-verità jgħinuna niffurmaw u nżommu aġġornata l-kuxjenza tagħna.

It-talb personali u s-Sagramenti, speċjalment tal-Qrar u tat-Tqarbin, jgħinuna u jsostnuna ħafna sabiex ngħixu tajjeb il-ħajja morali tagħna Nisranija. Permezz tal-Qrar inkunu qed naraw fejn qed niżbaljaw sabiex nikkoreġuh u permezz tat-Tqarbin, Ġesù li nirċevuh ġewwa fina, jagħtina l-għajnuna kollha sabiex ngħixu ta' persuni Nsara fis-soċjetà tal-lum.

## SFIDA

Matul il-ġimgħa li ġejja agħmel ħiltek li ma tiħux għalik anzi li taċċetta l-korrezzjoni meta xi ħadd jikkoreġik minħabba xi ħaġa mhux daqstant tajba li tkun għamilt. Ftakar li min jikkoreġik jagħmel dan għaliex jixtieqlek il-ġid.



# Djarju

Ikteb jew pinġi kif tħossok meta inti tiġbed l-attenzjoni ta' xi ħadd mill-ħbieb tiegħek li jkunu qed jagħmlu xi ħaġa mhix daqstant tajba. Ikteb talba ta' ringrazzjament lil Ġesù talli f'ħajtek għandek nies li tant iħobbuk li jikkoreġuk.



## KATEKEŻI FAMILJA QARI MILL-KTIEB TAL-PROVERBJI

*“Ibni, ħares kliemi*
*u żomm ġo fik*
*il-kmandamenti tiegħi.*
*Ħares il-kmandamenti tiegħi*
*u jkollok il-ħajja.*
*Ibni, għożż tagħlimi*
*bħal ħabbet għajnek.*
*Min jikseb id-dehen*
*iħobb lilu nnifsu,*
*min jgħożż l-għaqal*
*ikollu r-risq.”*

PROV 7,2-3. 19,8

## TALBA FIL-FAMILJA:

Mulej, għinna
sabiex nagħrfu t-tajjeb mill-ħażin,
eħlisna mill-ħażen,
bierek lill-familja tagħna
u għinna nagħmlu t-tajjeb ma’ kulħadd.
Grazzi Mulej.
Ammen.

IT-TIENI TEMA

# Niskopru u nrawwmu l-kuxjenza

Il-kuxjenza hija l-aktar ħaġa sigrieta li għandu kull bniedem għaliex il-kuxjenza hija bejn il-bniedem u Alla biss. Alla jkellem lill-bniedem fil-kuxjenza tiegħu. Nistgħu ngħidu li **l-kuxjenza hija bħal dawl għal ħajjet il-persuna. Hija turih x'għandu jagħmel, turih x'inhu t-tajjeb sabiex jagħżlu u jagħmlu u turih il-ħażin sabiex jevitah, jiġifieri ma jagħmlux.**

## 2.1 IL-KUXJENZA

Fi kliem sempliċi nistgħu niddefinixxu l-kuxjenza bħala **l-vuċi ta' Alla li hemm ġo kull bniedem.** Il-kuxjenza mhix vuċi li tismagħha b'widnejk



bħalma tisma' l-vuċi tan-nies li jkellmuk. **Hija vuċi siekta li tismagħha ġewwa qalbek.**

Il-kuxjenza nistgħu nqabbluha mal-GPS li wieħed ikollu sabiex jivvjaġġa. Mingħajru, ftit li xejn tista' tasal fid-destinazzjoni li tixtieq. F'mumenti hekk, il-vjaġġatur iqis il-GPS bħala rigal, bħala kumpann. L-istess hija l-kuxjenza tagħna – rigal minn Alla li Huwa tana sabiex jurina fil-qalb tagħna x'inhu l-aħjar għalina. Bil-kuxjenza nindunaw li aħna m'aħniex waħdina, li Alla qiegħed magħna u li jixtiqilna l-ġid. Għalhekk tajjeb li nisimgħu u nagħtu kas tal-kuxjenza speċjalment meta nkunu rridu nagħmlu xi għażliet jew xi deċiżjonijiet.

## IL-KUXJENZA U R-RESPONSABBILITÀ TAGĦNA

Kull persuna hija responsabbli li tifforma u żżomm infurmata sewwa l-kuxjenza tagħha. Il-kuxjenza tiegħek twasslek sabiex tkun responsabbli ta' dak li inti tagħmel. Jekk għandek kuxjenza tajba se tagħmel it-tajjeb imma jekk





għandek kuxjenza żbaljata inti se tiżbalja. Inti responsabbli u trid terfa' l-konsegwenzi kemm jekk tagħmel it-tajjeb u kemm jekk tagħmel il-ħażin.

Meta nagħmlu xi żball jew xi ħaġa ħażina, jew nagħmlu għażliet mhux daqstant tajbin, inħossu l-kuxjenza tniggiżna, jiġifieri nħossuna skomdi. Dan huwa sinjal tajjeb, sinjal li l-kuxjenza għadha ħajja; għalhekk għandek tagħti ħafna kas tal-kuxjenza tiegħek. **Kuxjenza tajba turik it-tajjeb mill-ħażin.**

Min-naħa l-oħra, **kuxjenza żbaljata ma tqisx il-ġid tiegħek,** ma tniggżekx aktar meta tagħmel xi ħaġa ħażina, meta tagħmel xi żball. Dan mhux sinjal tajjeb. B'kuxjenza żbaljata wieħed jasal biex jagħmel ħafna żbalji li jinkludu dnubiet. Dan kollu, joffendi lil Alla u ma jagħmilx ġid, la lill-persuna nnifisha u lanqas lil dawk ta' madwarha.

## TIPI TA' KUXJENZA

### A. Kuxjenza Żbaljata

Din tiġi minn nuqqas ta' formazzjoni tajba jew meta wieħed irid iwebbes rasu fl-injoranza u jaħseb li hu jaf biżżejjed; allura ma jkunx irid ikompli jitgħallem, lanqas ma jkun irid jieħu pariri u jekk xi ħadd jagħtih xi parir, ma jagħtix kasu.

Bniedem bħal dan, ftit li xejn jitlob, ftit li xejn jersaq għas-Sagramenti speċjalment tal-Qrar u tat-Tqarbin. Barra minn dan, huwa wkoll bniedem li malajr jinfluwenza ruħu minn dawk li jissejħu ħbieb u ma jkunu ħbieb xejn. Huwa wkoll bniedem li faċilment jimla rasu b'ħafna informazzjoni żbaljata u wkoll jfittex dak li huwa l-aktar sensazzjonali u popolari. Flimkien ma' dan, jista' jkun bniedem li jaħli l-ħin jara, jaqra u jisma' affarijiet li aktar iħammġulu moħħu u qalbu milli jgħinuh jimmatura b' kuxjenza tajba. Jekk il-moħħ u l-qalb jimtlew b'affarijiet tajbin, il-persuna tkun influwenzata għat-tajjeb u tagħmel it-tajjeb mill-aħjar li tista'. Imma jekk timla moħħha u qalbha b'affarijiet xejn tajbin, ma tantx taħseb u tagħmel affarijiet tajbin li jgħinuha timmatura f'persuna Nisranija responsabbli.

### B. Kuxjenza Laxka

Din hija dik il-kuxjenza li għaliha xejn mhu xejn, kuxjenza li tirraġuna bla maturità u tagħmel l-affarijiet kif ġie ġie – fejn ħabat ħabat jew fejn laqat laqat – mingħajr ma tikkonsidra xejn, la rispett lejn Alla, la lejn il-persuna tagħha nnifisha u wisq inqas lejn l-oħrajn.

Din hi kuxjenza li għaliha kollox jgħaddi. Din il-kuxjenza tara biss *grey areas*, jiġifieri kuxjenza

li m'għandhiex prinċipji, kuxjenza li ftit li xejn għandha valuri tajbin. Hija kuxjenza li m'għandhiex *standards.* Kuxjenza bħal din ftit li xejn tista' tagħmel għażliet tajbin; kuxjenza bħal din, minħabba li ma tagħti kas ta' xejn, faċilment twassal sabiex nuqqasijiet żgħar isiru vizzji, jiġifieri drawwiet ħżiena u minn vizzji jikbru u jsiru dnubiet.

Inżidu ma' dan, tajjeb li tiftakru li ħaġa ħażina qatt ma twassal għal ħaġa tajba. Ħafna jaħsbu



li jagħmlu xi ħaġa ħażina biex minnha joħroġ it-tajjeb. Dan qatt ma jista' jkun.

## Ċ. Kuxjenza Skrupluża

Dan it-tip ta' kuxjenza jwassal lill-persuna biex tara kollox ħażin, tara kollox dnub. Hija kuxjenza li tara kollox *black and white* u xejn fin-nofs. Kuxjenza bħal din issibha diffiċli ħafna biex tagħmel għażliet tajbin. Ħafna drabi persuna b'kuxjenza skrupluża jkun ħafna diffiċli għaliha li tgħix kuntenta għaliex f'kull ħaġa tara dnub, dejjem tara l-ħażin. Din it-tip ta' persuna b'din il-kuxjenza, ikollha ħafna bżonn ta' għajnuna kemm spiritwali u kemm professjonali minn persuni kompetenti.

## D. Kuxjenza tajba

Kuxjenza tajba hija dik ibbilanċjata, jiġifieri kuxjenza li żomm ruħha infurmata u ffurmata sewwa b'tagħlim tajjeb, b'pariri mingħand persuni kompetenti u li tfittex *role models* tajbin li mill-eżempju tagħhom titgħallem ħafna.

**AĦSEB**

Għalhekk fejn tidħol il-kuxjenza ma nistgħux nimxu fuq li nħossu biss imma għandna bżonn ir-raġuni wkoll u din għandha tkun imdawla għat-tajjeb. Il-kuxjenza tajba turina li għandna nagħmlu t-tajjeb dejjem u ma' kulħadd u ma noqogħdux nistħu jew nibżgħu.



## MEZZI BIEX TIFFURMAW U ŻŻOMMU INFURMATA TAJJEB IL- KUXJENZA TAGĦKOM BĦALA NSARA

» Fittxu l-verità minn għejun (sorsi) tajba. Tippruvawx tfittxu l-verità minn affarijiet sensazzjonali jew minn persuni li joffru biss opinjoni popolari. Anzi, fittxu persuni li studjaw sewwa s-suġġett speċjalment meta jkollkom bżonn informazzjoni u formazzjoni dwar xi suġġett li tkunu tixtiequ tafu aktar dwaru.

» Ersqu sikwit għas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni (il-Qrar) u ppruvaw tqarbnu ta' spiss

» Aqraw, studjaw u itolbu aktar bil-Bibbja

» Agħmlu ħilitkom li żżommu ruħkom infurmati sew dwar it-tagħlim tal-Knisja Kattolika



- Irriflettu sewwa dwar l-għażliet li tagħmlu kuljum. Għażliet tajbin iwasslu għal drawwiet u attitudnijiet tajbin, filwaqt li dawk ħżiena jwasslu għall-vizzji u għal dnubiet kbar.



- L-Ingliżi jgħidu: "*garbage-in garbage-out*". Mela fittxu li taraw u li taqraw stejjer u affarijiet tajbin li jgħinukom tikbru f'persuni tajba. Jekk timtlew bit-tajjeb, tagħtu t-tajjeb imma jekk timlew moħħkom u qalbkom b'affarijiet xejn tajbin, l-imġiba tagħkom u l-għażliet li tagħmlu ma tantx ikunu tajbin skont ma jitlob minnkom Ġesù Kristu u t-tagħlim tal-Knisja Kattolika.

- Ippruvaw li kuljum titgħallmu mill-esperjenzi u mill-għażliet li tkunu għamiltu. It-tajjeb ibqgħu agħmluh imma dak li mhux daqstant

tajjeb, tgħallmu minnu u ppruvaw evitawh għal quddiem. Hija ħaġa tajba li f'xi ħin matul il-ġurnata tieqfu ftit mir-rutina u taraw t-tajjeb li tkunu għamiltu u tirringrazzjaw lil Alla tiegħu. Tajjeb ukoll li taraw dak li għamiltu mhux daqstant tajjeb u itolbu maħfra tiegħu lil Alla. Jekk tkunu nqastu lil xi ħadd ippruvaw irranġaw is-sitwazzjoni u tgħallmu mill-esperjenza.

» Matul il-ġurnata, speċjalment filgħaxija qabel ma torqdu, araw ftit l-għemil u l-għażliet tagħkom ta' matul il-ġurnata; b'hekk tkunu qed tagħmlu dak li jissejjaħ l-eżami tal-kuxjenza, jiġifieri tiċċekkjaw ftit il-ħsibijiet, ix-xewqat, l-għemil u l-għażliet tagħkom. L-eżami tal-kuxjenza jfisser li tirriflettu u tagħrfu aktar lilkom infuskom fuq il-ħsibijiet, il-kliem u l-imġiba tagħkom fid-dawl ta' Alla.

» Fittxu ħbieb tajbin li jkunu sinċieri, li kapaċi jgħidulkom kelma tajba u li kapaċi jiftħulkom għajnejkom meta tagħmlu xi ħaġa ħażina. Fittxu persuni f'ħajjitkom li jgħinukom tikbru f'persuni Nsara maturi u tajba.

Bħala adolexxenti, il-ħbieb huma fattur importanti ħafna fil-ħajja tagħkom. Żgur li kulħadd għandu bżonn il-ħbieb. Forsi bħala adolexxenti, l-akbar sfida hi kif tagħżlu ħbieb tajbin sabiex jgħinukom u jinfluwenzawkom għat-tajjeb.

## 2.2 IL-ĦBIEB, IL-ĦBIBERIJI U L-INFLUWENZA TAGĦHOM

Fi żmien l-adolexxenza, aktar minn żmien ieħor, il-ħbieb huma importanti ħafna. Ħafna drabi l-ħbieb isiru aktar importanti mill-ġenturi jew minn dawk li jrabbukom. Filwaqt li l-ħbieb huma importanti, dawn qatt ma għandhom jieħdu post l-adulti li qed irabbukom u dan għal diversi raġunijiet. Għalhekk huwa importanti kemm li tagħżlu ħbieb tajbin u anki li jkollkom relazzjoni tajba, ta' rispett u ta' fiduċja mal-adulti li qed irrabukom u ma' dawk li jixtiqulkom il-ġid fil-ħajja tagħkom.

Sfortunatament, hawn adolexxenti li lill-ħbieb iqisuhom bħala l-vuċi tal-kuxjenza tagħhom. Il-ħbieb jistgħu jinfluwenzawkom ħafna kemm għat-tajjeb u kif ukoll għal dak li huwa inqas tajjeb. Il-ħbieb jinfluwenzaw l-għażliet tagħkom,



id-deċiżjonijiet tagħkom, il-mod kif taħsbu, kif titkellmu u anki l-imġiba tagħkom. Għalhekk huwa importanti ħafna li f'ħajjitkom iżżommu relazzjoni tajba ma' adulti responsabbli għalikom, speċjalment mal-membri tal-familja tagħkom. Ftakru li meta xi ħadd ma jaqbilx magħkom f'kollox ma jfissirx li ma jirrispettakomx jew li ma jixtiqilkomx il-ġid. Għalhekk, aħsbu ftit sewwa qabel ma tafdaw, x'tafdaw u lil min tafdaw. Dan ma jfissirx li għandkom tibżgħu minn kulħadd imma tajjeb li tibdew tikbru fil-għaqal ukoll. Fil-familja tagħkom dejjem se ssibu lil xi ħadd li jifhimkom u li jirrispettakom.

Ħbiberija tajba hija rigal mill-Mulej. Ħbiberija tajba tridu taħdmu għaliha, kemm fuq livell personali u kif ukoll fil-grupp bejn il-ħbieb. Il-bażi ta' kull ħbiberija hija l-fiduċja u l-fedeltà lejn il-persuni u lejn ir-relazzjoni ta' bejn il-membri tal-grupp. Dan ifisser li huwa importanti li nirrispettaw lil kull pesuna u dak kollu li bħala



ħbieb taqsmu flimkien fil-grupp. Li tkunu fidili għar-relazzjoni ta' bejnietkom ifisser li ma toqogħdux tpaċpċu minn wara dahar xulxin.

Ħbiberija tajba tgħin lil kull persuna timmatura u timxi 'l quddiem fil-ħajja, filwaqt li dik ħażina twassal għar-rovina tal-persuni. Meta jkun hemm ħbiberija mhux tant tajba, tajjeb li wieħed joħroġ minnha kemm jista' jkun malajr, jitgħallem minn dik l-esperjenza u jibqa' miexi fil-ħajja.

Itolbu lil Ġesù sabiex isibilkom ħbieb tajbin. Ħbieb tajbin żommuhom għaliex dawn huma rari. Fuq kollox, aktar ma tikbru, aktar taraw li l-aqwa ħabib li jista' jkollkom, ħabib ta' veru, huwa Ġesù. Hu dejjem jifhimkom, Huwa jixtiqilkom il-ġid, u jekk titlobuh bis-serjetà fil-qalb tagħkom, tisimgħuh jurikom x'inhu tajjeb u x'mhux tajjeb għalikom.

**AĦSEB**

Fil-Bibbja, fil-Ktieb ta' Bin Sirak, f'kapitlu 6, versi 14-16, insibu li min isib ħabib li jista' jafdah, ikun sab teżor.





## MILL-KTIEB TAL-PROVERBJI

"Hemm ħbieb tal-isem biss; ħabib tassew jintrabat miegħek aktar minn ħuk."

PROV 18,24

## MILL-EVANĠELJU TA' SAN ĠWANN

"Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu."

ĠW 15,13

# FTIT IDEAT DWAR KIF TAGĦŻLU ĦBIEB TAJBIN

## Personalità u Karattru

Noqogħdu attenti li ma nitfixklux il-karattru mal-personalità. B'personalità nifhmu dak li jidher minn barra. B'karattru nifhmu dak li joħroġ mill-ġewwieni tal-bniedem. Għalhekk, il-karattru jieħu ħafna snin biex jiġi ffurmat. Hawn persuni li għandhom personalità sabiħa u li tiġbdek imma mbagħad, il-karattru tagħhom mhux daqshekk tajjeb. Hawn persuni li ma tantx għandhom personalità imma l-karattru tagħhom hu tajjeb ħafna. L-aqwa ħaġa hija meta kemm il-personalità u kemm il-karattru, it-tnejn ikunu sbieħ. Fl-Evanġelju insibu: "li skont is-siġra huwa l-frott tagħha" (Mt 7, 16). Għalhekk, persuna b'karattru tajjeb, taħseb tajjeb, kemm jista' jkun tgħid it-tajjeb u tipprova tagħmel ħilitha biex tagħmel għażliet tajbin u b'hekk tgħix tajjeb.

### Xi wħud mill-kwalitajiet ta' ħbieb ta' veru:

» Ħbieb ta' veru, minkejja d-diffetti tal-persuna, jibqgħu jħobbuha; anzi tant jixtiqulha ġid li jgħinuha tikkontrolla jew saħansitra tirbaħ id-difetti tagħha.

- Il-ħbieb ta' veru huma leali, ma jitkellmux kontrikom minn wara daharkom jew jikxfu dak li tkunu tkellimtu bejnietkom. Għalhekk, il-fedeltà hija importanti ħafna fil-ħbiberija.

- Il-ħbieb ta' veru mhumiex egoisti, imma jaqsmu dak li jkollhom magħkom; huma sinċieri u jixtiqulkom il-ġid.

- Il-ħbieb ta' veru jitolbu għal xulxin u jagħtu pariri tajba lil xulxin.

**Xi wħud mill-kwalitajiet ta' 'ħbieb' li mhumiex daqstant tajbin:**

- Jgħiru għalikom u ma jħallukomx tiżviluppaw it-talenti u l-kapaċitajiet tagħkom

- Jitkellmu minn wara daharkom mingħajr il-permess tagħkom

- Jinfluwenzawkom biex tigdbu speċjalment lil tal-familja u lil xi persuni fl-awtorità

- Mhumiex onesti u sinċieri la fi ħsibijiethom, la fi kliemhom u wisq inqas fl-għażliet u fl-imġiba tagħhom

- Ma jgħinukomx tersqu lejn il-Knisja, lejn is-sagramenti, biex titolbu jew sabiex tiffrekwentaw xi grupp li fih tistgħu tibqgħu titgħallmu dwar il-ħajja Nisranija tagħkom.

### MILL-KTIEB TAL-PROVERBJI

"Tkunx ħabib ta' min jinkorla, tagħmilhiex ma' min jisħon malajr, biex ma tidrax tagħmel bħalu, u ssib ruħek fil-għawġ."

PROV 22, 24-25

### MILL-EWWEL ITTRA TA' SAN PAWL LILL-KORINTIN

"La titqarrqux: il-ħbiberija ħażina tħassar id-drawwiet tajba."

1 KOR 15,33

### MILL-KTIEB TA' QOĦELET

"Tnejn min-nies aħjar minn wieħed waħdu, għax fejda akbar ikollu xogħolhom. Jekk jaqa' wieħed, l-ieħor jista' jqajmu, imma miskin hu min hu waħdu, għax m'għandux min iqajmu."

QOĦ 4,9-10

STORJA:
## IL-*HIKE*

Anna u Mariah kienu ilhom ħbieb għal ħafna snin. Fejn tmur waħda, tmur l-oħra. Tal-familja kienu ħafna kuntenti bil-ħbiberija tagħhom. Darba waħda, tal-iskola kienu ser jeħduhom *hike* b'għan edukattiv. Kollox kien lest biex imorru imma Mariah, filgħodu qamet ma tiflaħx u tad-dar qalulha li jkun aħjar li ma tmurx. Anna kif saret taf, iddeċidiet li hi wkoll ma tmurx imma Mariah ħeġġitha biex tmur. Anna hekk għamlet. Matul il-*hike*, Anna qagħdet ma' Josianne. Josianne ukoll kienet għal ħafna snin fl-istess klassi ma' Anna u ma' Mariah. Kienu jafu sewwa lil xulxin. Josianne dejjem xtaqet li Mariah u Anna jkunu l-ħbieb tagħha wkoll. Mariah u Anna kienu jkellmu lil Josianne u kienu jirrispettawha ħafna, imma qatt ma kienu ħassew li għandhom ikunu ħbieb tal-qalb.



Matul il-*hike*, Josianne, faħħret ħafna lil Mariah għax kienet tfajla grazzjuża u brava. Anna ħadet gost b'dan imma bdiet tinduna li kull meta Josianne bdiet tfaħħar lil Mariah, bdiet ukoll tgħid xi frażijiet li bdew iħawdu sew lil Anna, għaliex qatt qabel ma kienet innutathom. Josianne bdiet tgħid li Mariah hija brava fil-Matematika imma xi kultant tidher *show-off;* qaltilha ukoll li Mariah tgħid nofs kliem, qisha tkun qed taħbi x ħaġa. Anna baqgħet ma' Josianne matul il-*hike* kollu. Matul il-ġurnata bdiet tikkonnettja dak li qaltilha Josianne ma' xi esperjenzi li hi kellha ma' Mariah. Dak il-ħin, ħasset li Josianne kienet qed tgħidilha sabiex toqgħod attenta minn Mariah.

Filgħaxija, wara l-*hike*, Anna, ma marritx tara lil Mariah imma ċemplitilha biss. Hija ġabet l-iskuża li kienet għajjiena ħafna. Mariah emmnitha imma rat il-ħaġa stramba ħafna. Minn wara l-*hike*, il-ħbiberija ta' bejn Anna u Mariah qatt ma baqgħet l-istess.





STORJA:
## WIĊĊ IMB WIĊĊ MAR-REALTÀ

David, adolexxent ta' tnax-il sena beda jinduna li kellu problema bil-kontroll tal-ħin; ma kienx juża l-ħin sewwa. David kien jagħmel kif ifettillu u kollox x'ħin irid. Jekk fettillu jagħmel il-*homework*, għamlu. X'ħin ried hu, fettillu jaqbad jilgħab bil-*Play Station* jew imur għand ħbiebu (jew jiġu għandu) u jqattgħu sagħtejn sħaħ jilagħbu. Tal-familja ġieli staqsewh dwar il-*homework* u dwar l-istudju, u hu arah joħloq skuża wara l-oħra. Tgħallem jiżgiċċa sew minn bosta affarijiet permezz tal-iskużi. Il-ħbieb li kellu ma tantx kienu jinkoraġġuh biex jistudja; anzi kienu jippreferu jqattgħu l-ħin f'attivitajiet oħra. Il-membri tal-familja ta' David ma kienu jafu xejn dwar dan. Hu qatt ma qalilhom xejn imma f'qalbu kien qed iħossu skomdu ħafna.

Flimkien ma' dan, David, ma kienx jaf iqassam il-ħin; ma kellux *time-table* ta' kif iqassam il-ħin speċjalment wara li jiġi mill-iskola. David ma kellu ebda rispett lejn il-ħin. Kien jagħmel li jfettillu u jaħli l-ħin bl-addoċċ speċjalment ma' dawk li kien iqishom ħbiebu. Imbagħad, meta jkun qed jitkellem ma' tal-familja, erħilu jgerger li ma kellu ħin għal xejn.

Mhux l-ewwel darba li nesa' jagħmel xi proġett, u jġib l-iskuża li nesa l-*project file* d-dar. Dejjem kien jivvinta xi skuża.

Darba minnhom, David, ġie wiċċ imb wiċċ mar-realtà. Baqa' jilgħab bil-*Play Station* mal-ħbieb u tant intilef jilgħab, li nesa li l-għada kellu *test*. Kif daħal fil-klassi, inħasad waħda u tajba. Kulħadd kien ippreparat u hu lanqas biss ftakar jew ra d-*diary* tal-iskola! Wara xi jumejn, kompla jinħasad bir-riżultat li rċieva. Din l-esperejnza u bosta oħrajn ġabuh wiċċ imb wiċċ mar-realtà.

Meta kien id-dar, fil-kamra, waħdu fil-kwiet, iddeċieda li jgħid talba żgħira lil Ġesù. David ma tantx kien tifel ta' talb; kien jgħid xi talba biss meta kien ikollu bżonn xi ħaġa. Dik id-darba żgur li kien għamel waħda minn tiegħu. F'qalbu beda jħoss li l-affarijiet ma kinux mexjin sew. Ħass li kellu jiftaħ qalbu ma' Ġesù u jitolbu jgħinu. Fetaħ qalbu ma' Ġesù dwar din ir-realtà, mhux biss tal-ħin, imma li f'ħajtu kien qed jagħmel li jfettillu u meta jrid u li beda jrabbi fih kultura ta' ħafna skużi. Beda jinduna li f'ħajtu ma kien hemm kontroll ta' xejn. Jivvinta kemm jivvinta skużi ma setax jaħrab mir-realtà li kien qed iħoss ġo



fih. Il-kuxjenza ma kinitx qed tħallih bi kwietu. Xi ħaġa kellu jagħmel żgur.

David ħass li kellu jieħu tliet deċiżjonijiet kbar f'ħajtu: waħda li Ġesù jkun aktar f'ħajtu għaliex s'issa kien jitlob biss meta jkollu bżonn xi ħaġa; it-tieni li jqassam aħjar il-ħin tiegħu speċjalment wara l-iskola u fil-*weekend*; u t-tielet – li hija importanti ħafna – li jkun sinċier miegħu nnifsu u mal-oħrajn speċjalment mal-membri tal-familja dwar il-ħbieb u l-ħin li jgħaddu flimkien.

Tassew kienu deċiżjonijiet ebsin. Kellu ħafna sfidi. Sħabu ta' spiss kienu jċemplulu biex jilagħbu flimkien. Ma bediex jagħti kashom. Kien jgħidilhom li kellu ħafna x'jistudja. Kienu jwaqqgħuh għaċ-ċajt imma huwa ried jibda jieħu l-ħajja tiegħu bis-serjetà. Kellu jaffaċċja ħafna

affarijiet, fosthom li jagħżel ħbieb oħra. Ma kinitx faċli, anzi kienet iebsa ħafna u ħafna imma kellu jieħu deċiżjoni. Huwa ma qatax qalbu. Kompla jitlob lil Ġesù jgħinu. Għamel kuraġġ, u żamm sod fid-deċiżjonijiet tiegħu. Bil-mod, il-mod, l-affarijiet bdew ġejjin għall-aħjar.

Fi ftit xhur tella' l-marki fit-testijiet u fil-proġett. Mhux biss, iżda għamel ukoll ħbieb ġodda; magħhom sab ħin biex jistudja u anki ħin sabiex jilgħab bil-*Play Station*. Flimkien magħhom, sab ħin sabiex imur għal-laqgħat tal-katekeżi u sab ukoll ħin sabiex fil-*weekend* imur dawra bir-rota. Sab ħafna ħin biex jistudja, sab ħin sabiex jitlob, u wkoll ħin biex nhar ta' Ħadd imur il-quddies. Ħafna drabi kien imur ma' dawn il-ħbieb. Issa ma kellux għaliex jivvinta aktar skużi. Beda jieħu gost jgħid il-verità. Beda jħossu aktar komdu miegħu nnifsu u ma' tal-familja.

Ġesù sar parti minn ħajtu. Hu u Ġesù saru ħbieb sew. Kien jitolbu ħafna, kien jafdah ħafna, kien ta' spiss jiftaħ qalbu miegħu u ta' spiss kien jitolbu sabiex jgħinu jżomm id-deċiżjonijiet li ħa. David beda jikteb dak li jħoss f'qalbu fi djarju tiegħu personali. Ħassu aktar kalm meta beda jikteb għaliex filwaqt li jikteb, kien jaħseb u jirrifletti. David kien jaf li b'Ġesù f'ħajtu, minkejja li l-isfidi ma jonqsux, ħajtu kienet se tkun ferm aħjar u l-isfidi beda jaffaċċjahom b'aktar kalma.

## SFIDA

Fil-ġranet li ġejjin, qabel ma tispiċċa l-ġurnata, ippruvaw iċċekkjaw lilkom infuskom fuq dawk l-affarijiet tajbin li għamiltu u għidu grazzi lil Ġesù għalihom. Fuq dawk l-affarijiet li tixtiequ li kieku għamiltuhom aħjar, itolbu lil Ġesù jgħinkom ħalli jkollkom karattru sod li kemm jista' jkun tieħdu deċiżjoni li tirranġawhom u dan għall-aħjar tagħkom.

# Djarju

Ikteb jew pinġi l-kwalitajiet tajbin tal-ħbieb tiegħek. Ikteb jew pinġi kif il-ħbieb tiegħek qed jinfluwenzawk biex tkun adolexxent tajjeb. Fl-aħħar nett ikteb talba lil Ġesu sabiex jgħinek tkompli ssaħħaħ il-ħbiberija tiegħek Miegħu u ma ħbiebek l-adolexxenti.

## KATEKEŻI FAMILJA
## MILL-KTIEB TAL-PROVERBJI

> *"Min jagħmilha mal-għaref, isir għaref, min imur mal-boloh, jaqa' fil-hemm."*
>
> PROV 13, 20

## NITOLBU FLIMKIEN BĦALA FAMILJA

Mulej, għinna biex bħala familja
nkomplu nimxu
fuq it-tagħlim tiegħek
u tal-Knisja,
hekk li nżommu ħajja
l-kuxjenza tagħna.
Nitolbuk ukoll
sabiex tbierek lill-ħbieb tagħna.
Ħu ħsiebna lkoll
sabiex nibqgħu nkunu
ta' ġid għal xulxin.
Ammen.



IT-TIELET TEMA

# Ngħix, Inħobb u Naqdi

## INTRODUZZJONI GĦAT-TAGĦLIM SOĊJALI TAL-KNISJA

### L-ASPETT SOĊJALI TAL-IMĦABBA TA' ALLA U T-TAGĦLIM SOĊJALI TAL-KNISJA

Alla l-Missier għax iħobbna bagħat lil Ibnu Ġesù Kristu fostna sabiex jurina kemm Huwa jħobbna u sabiex isalvana. Permezz tal-missjoni tiegħu u tal-ħajja kollha tiegħu kemm dam fostna,



Ġesù wriena **l-aspett soċjali tal-imħabba ta' Alla.** Għalhekk, it-tagħlim kollu tiegħu jdur mal-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu. La aħna maħluqin xbieha ta' Alla u la Alla huwa mħabba, immela aħna maħluqin biex inħobbu b'mod universali.

## 3.1 IL-BAŻI TAT-TAGĦLIM SOĊJALI TAL-KNISJA

It-Tagħlim Soċjali tal-Knisja jirrifletti dak li Alla kkomunika magħna l-bnedmin b'diversi modi u manjieri matul iż-żminijiet, jiġifieri li Alla huwa Trinità, tliet persuni: il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. **Alla li huwa wieħed, huwa komunità ta' mħabba.**

Minħabba li aħna maħluqin xbieha t'Alla, aħna prezzjużi għal Alla. Ġesù Kristu bata, miet u qam mill-mewt għalina u salvana għaliex iħobbna. Kull bniedem hu prezzjuż għal Alla. Għalhekk **kull bniedem għandu d-dinjità tiegħu u din titlob li tiġi rrispettata dejjem u kullimkien. Ir-rispett lejn id-dinjità mhix ħaġa individwali biss, iżda hija soċjali wkoll.** Din l-imħabba, fost affarijiet oħra, tissarraf f'qadi lejn xulxin. L-ewwel nett dan jintwera billi nirrispettaw id-dinjità tal-ħolqien kollu, inkluż tal-bniedem. Hemm bżonn li kull forma ħajja tiġi ppreservata u rrispettata. **Dan kollu huwa l-bażi tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja.**

Fil-ktieb tal-Ġenesi, fl-ewwel kapitlu, f'versi 26-27, insibu li l-bniedem huwa maħluq xbieha ta' Alla. Dan ma jfissirx li wiċċna jixbah lil dak ta' Alla, imma dan ifisser li kull wieħed u waħda minna nirriflettu lil Alla. Dan nagħmluh billi **nkunu kreattivi,** billi ngħożżu u **nirrispettaw il-libertà li Alla tana, billi nirrispettaw il-libertà tal-oħrajn** u billi

ngħożżu u nħaddmu tajjeb **l-abbiltà li nħobbu.** Dan kollu, flimkien mal-għatx għall-ġustizzja, jagħti lill-bniedem id-dinjità tiegħu bħala persuna maħluqa xbieha ta' Alla.

Alla ħalaqna liberi. Id-dinjità ta' kull bniedem titlob li **l-libertà ġġorr magħha r-responsabbiltà.** Aktar ma jkun hemm libertà aktar għandu jkun hemm responsabbiltà fil-ħsieb, fil-kliem u fl-imġiba.

Nafu li sfortunatament, id-dinja mhix perfetta. Id-dnub oriġinali għamilna dgħajfin u għalhekk insibu min jagħżel li jagħmel il-ħażin minflok it-tajjeb. Minħabba f'hekk, fid-dinja jeżistu ħafna inġustizzji li jweġġgħu, li jbaxxu u li jfarrku d-dinjità tal-persuna.

Fil-Bibbja nsibu ħafna kitbiet li jirriflettu nuqqas ta' ġustizzja fost il-poplu. Il-Knisja Kattolika, imdawla mill-Kelma ta' Alla u mir-realtajiet



tal-bnedmin fid-dinja kollha, minn dejjem ħasbet sabiex tikteb, ixxandar, tgħallem u tpoġġi fil-prattika **t-Tagħlim Soċjali** tagħha.

Dan hu tagħlim li jdawwal l-imħuħ u l-qlub tal-bnedmin ta' kull razza, kulur, kultura u reliġjon sabiex fid-dinja jkun hawn aktar **għarfien tal-inġustizzji** u jkun hawn aktar għarfien tan-nuqqasijiet li qed isiru kontra d-dinjità tal-persuna.

Barra minn dan, it-Tagħlim Soċjali tal-Knisja li huwa għall-bnedmin tad-dinja kollha, joffri **ideat sabiex ikun hawn aktar ġustizzja fid-dinja, sabiex kemm id-dinjità tal-persuna kif ukoll il-ħolqien kollu jkunu rrispettati.**







## 3.2 IL-ĠUSTIZZJA HIJA L-PRINĊIPJU LI FUQHA HUWA MIBNI T-TAGĦLIM SOĊJALI TAL-KNISJA.

B'ġustizzja qed nifhmu *fairness*, li kull persuna tieħu dak li ħaqqha; li kulħadd jiġi ttrattat l-istess, li ma jkunx hemm preferenzi.

B'ġustizzja nifhmu li kulħadd ikollu skont il-bżonn tiegħu jew tagħha. Pereżempju, raġel jiekol aktar minn tifel. Dan ma jfissirx li jkun hemm preferenzi imma li nagħrfu li l-bżonnijiet huma differenti. L-importanti li t-tnejn jieklu.

B'ġustizzja nifhmu li dawk li huma f'xi tip ta' amministrazzjoni jimxu *fair* ma' kulħadd u jipprovdu għall-bżonnijiet umani, reliġjużi u spiritwali ta' kulħadd, speċjalment tal-foqra u ta' dawk li huma vulnerabbli.

Importanti li nifhmu li m'hemmx paċi mingħajr ġustizzja.

## KIF NISTGĦU NAĦDMU GĦALL-ĠUSTIZZJA?

Billi aħna stess **nieħdu azzjoni**, bħal pereżempju billi nagħmlu karità u billi aħna stess ngħinu lill-oħrajn, kif nistgħu, fil-bżonnijiet tagħhom.

Nistgħu wkoll naħdmu għall-ġustizzja **billi nagħmlu mistoqsijiet dwar x'qed jiġri, jiġifieri ninteressaw irwieħna mill-oħrajn. Dan juri x'tip ta' kuxjenza għandna u juri wkoll ir-responsabbilità soċjali tagħna. Minbarra dan, fejn nistgħu, għandna nagħtu s-suġġerimenti tagħna sabiex ikun hawn aktar ġustizzja fid-dinja.** Nistgħu pereżempju nistaqsu għaliex m'hawnx ikel jew ilma għal kulħadd u x'nistgħu nagħmlu dwar dan. Nistgħu wkoll niktbu u noffru s-suġġerimenti tagħna.

Kulħadd jista' jagħmel il-ġid. L-importanti li naħsbu f'xulxin u mhux inkunu indifferenti. Ejjew inkunu persuni li nagħtu kas tal-oħrajn.

Fit-Testment il-Qadim tal-Bibbja, fil-Ktieb tal-Profeta Mikea, insibu ċar xi jrid u x'qed jistenna minna l-Mulej.

> *“U x'jistenna minnek il-Mulej: li tagħmel dak li hu ġust, li tħobb u tkun ħanin, u li tkun umli fl-imġiba tiegħek ma' Alla tiegħek.”*
>
> **MIKEA 6, 8**

## 3.3 IL-TEMI TAT-TAGĦLIM SOĊJALI TAL-KNISJA

### DAWN IT-TEMI HUMA:

- Ir-rispett lejn id-dinjità u l-ħajja ta' kull persuna
- Imsejħin sabiex ngħixu u nipparteċipaw fil-familja u fil-komunità

- Li kull bniedem għandu d-drittijiet u r-responsabbilitajiet
- L-għażla preferenzjali u l-imħabba lejn il-foqra u lejn il-vulnerabbli
- Id-dinjità tax-xogħol u d-drittijiet u responsabbilitajiet tal-ħaddiema
- Is-solidarjetà ta' bejnietna
- Id-dmir u responsabbiltà li nieħdu ħsieb id-dar komuni tagħna – il-ħolqien.

## IR-RISPETT LEJN ID-DINJITÀ U L-ĦAJJA TA' KULL PERSUNA

Din it-tema titlob rispett lejn id-dinjità u l-ħajja ta' kull persuna, ta' kull razza, kulur, kultura, reliġjon u qagħda ekonomika, jiġifieri rispett lejn il-persuna kemm jekk din tkun sinjura, tal-klassi tan-nofs jew fqira. Kull persuna hi min hi u hi x'inhi, jistħoqqilha rispett. Kull bniedem għandu jiġi rrispettat għall-umanità tiegħu, għall-kultura tiegħu, għar-razza tiegħu u għar-reliġjon tiegħu.

In-nuqqas ta' rispett lejn id-dinjità u l-ħajja tal-persuna jinkludi meta ma jiġux ipprovduti l-bżonnijiet umani bħall-edukazzjoni, inkluż il-bżonnijiet spiritwali u reliġjużi; jinkludi meta l-persuna tal-bniedem tiġi mkasbra, pereżempju bil-*bullying*, bit-tagħjir, bil-gideb u anki mkasbra fiżikament, psikoloġikament u emozzjonalment.

Id-dinjità tagħna ma tiġix minn dak li għandna jew minn dak li nagħmlu imma tiġi mill-fatt li aħna maħluqin minn Alla.

## IMSEJĦIN SABIEX NGĦIXU U NIPPARTEĊIPAW FIL-FAMILJA U FIL-KOMUNITÀ

Il-bniedem mhux maħluq biex jgħix waħdu imma biex jgħix f'komunità. Huwa maħluq sabiex jgħix u

jipparteċipa f'familja, f'komunità; min- naħa l-oħra dawn għandhom jgħinuh jikber u jimmatura sabiex jilħaq l-għanijiet tiegħu b'responsabbiltà bħala ċittadin Nisrani għall-ġid tiegħu u tas-soċjetà

> "*Bħalma aħna għandna ħafna membri*
> *f'ġisem wieħed, iżda mhux il-membri*
> *kollha għandhom l-istess xogħol,*
> *hekk aħna ġisem wieħed fi Kristu*
> *u kull wieħed minna membru tal-ieħor."*
>
> **RUM 12, 4-5**



## LI KULL BNIEDEM GĦANDU DRITTIJIET U RESPONSABBILTAJIET

» Ir-rispett lejn id-dinjità tal-persuna u lejn il-ħajja jitlob li jkun hemm diversi drittijiet. Iċ-*charter* universali tad-drittijiet umani li ġie ffirmat f'Pariġi fl-10 ta' Diċembru, 1948 u li ġie tradott f'500 lingwa, jagħti valur lid-dinjità ta' kull persuna, hi min hi, hi minn fejn hi, hu x'inhu twemminha.

» Id-drittijiet biss mhumiex biżżejjed. Hemm id-dmirijiet ukoll, hemm ir-responsabbilitajiet ukoll. Ma nistgħux inkunu dejjem lesti sabiex nirċievu u ma nikkontribwixxu xejn lejn l-oħrajn, lejn il-membri tal-familja, lejn il-komunità tagħna u lejn is-soċjetà. Jekk tassew għandna għal qalbna l-ġid komuni, jeħtieġ li nittrawmu sew fir-responsabbilitajiet u fid-dmirijiet tagħna. Aktar ma nkunu responsabbli, aktar nagħrfu d-drittijiet tagħna u tal-oħrajn.



» Min jaħseb biss fid-drittijiet u ma jaħsibx fid-dmirijiet, jikber f'persuna egoista u individwalista. Aħna maħluqin sabiex ngħixu f'familja, f'komunità li timmatura bit-twettiq tar-responsabiltajiet lejn xulxin, mhux bid-drittijiet biss.

» Il-ħajja hija bbilanċjata bejn ir-responsabbilitajiet/id-dmirijiet u drittijiet. Il-bilanċ bejn ir-responsabbiltajiet/id-dmirijiet u d-drittijiet jgħinu sabiex il-bniedem, is-soċjetà u l-pajjiż ikunu aktar siguri. B'hekk tiġi eliminata kull forma ta' diskriminazzjoni u tiżdied il-ġustizzja.

» Il-Knisja Kattolika ilha tikteb, tgħallem, u xxandar dwar ir-responsabiltajiet u d-drittijiet tal-bniedem mill-bidu nett tagħha. Dan kollu tagħmlu għaliex hemm bħala bażi d-dinjità tal-persuna umana li hija maħluqa xbieha ta' Alla. Sa mill-1891, b'mod sistematiku, il-Papiet ippubblikaw bosta dokumenti importanti dwar it-Tagħlim Soċjali tal-Knisja.

## L-GĦAŻLA PREFERENZJALI U L-IMĦABBA LEJN IL-FOQRA U L-VULNERABBLI

» Fil-Bibbja kemm it-Testment il-Qadim u anki t-Testment il-Ġdid, jitolbuna nagħtu prijorità lill-bżonnijiet tal-foqra u tal-vulnerabbli.

### MILL-EWWEL ITTRA TA' SAN ĠWANN

"Mela jekk wieħed għandu biex jgħix fid-dinja u jara 'l ħuh fil-bżonn u jagħlaq qalbu għalih, kif tista' l-imħabba ta' Alla tgħammar fih?"

1 ĠW 3,17

### MILL-EVANĠELJU TA' SAN MATTEW

"Kont għeri u libbistuni, kont marid u ġejtu tarawni, kont fil-ħabs u ġejtu żżuruni.' Imbagħad iweġbuh il-ġusti, 'Mulej', jgħidulu, 'meta rajniek bil-ġuħ u tmajniek, jew bil-għatx u sqejniek? Meta rajniek barrani u lqajniek, jew għeri u libbisniek? Meta rajniek marid jew fil-ħabs u ġejna nżuruk?' U s-Sultan iweġibhom u jgħid, 'Tassew, ngħidilkom, kulma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi."

MT 25,36-40

» Il-Knisja Kattolika dejjem għallmet u ħadmet b'diversi modi u manjieri sabiex tgħin lill-foqra u lill-vulnerabbli. F'pajjiżna, il-Knisja kienet minn tal-ewwel li waqfet istituzzjonijiet sabiex tgħin lill-foqra u lill-vulnerabbli permezz ta' djar għat-tfal, għall-anzjani, permezz tal-Caritas, permezz taċ-ċentri għar-rijabilitazzjoni, permezz tad-Dar tal-Providenza u ta' diversi djar oħra bħal Dar Nażaret.

**MILL-KTIEB TAL-PROVERBJI**

"Min iħenn għall-fqir ikun qed jislef lill-Mulej, u hu jroddhulu bi ħlas tajjeb."

PROV 19, 17

» Fejn jidħol il-faqar, l-aħjar ħaġa hija li l-faqar jiġi eliminat. Sadanittant, Ġesù stess qalilna: "Il-foqra ssibuhom dejjem magħkom, u tistgħu tgħinuhom kull meta tridu" (Mk 14, 7).

» Li naħdmu favur il-foqra u l-vulnerabbli huwa dmir tagħna bħala persuni Nsara. Dan nagħmluh mhux għax nitħassruhom imma għaliex hekk titlob minna l-ġustizzja soċjali.



## ID-DINJITÀ TAX-XOGĦOL, ID-DRITTIJIET U R-RESPONSABBILTAJIET TAL-ĦADDIEMA

M'hemm ebda dritt mingħajr dmir, mingħajr responsabbiltà. Għalhekk, filwaqt li huwa fid-dmir tal-Istat li jipprovdi xogħol għan-nies, in-nies għandhom id-dmir u r-responsabbiltà li jagħmlu xogħolhom sewwa, jiġifieri li jmorru fil-ħin għax-xogħol, li ma jaħlux ħin fuq ix-xogħol, li jagħmlu x-xogħol mitlub minnhom f'ħinu, li jirrispettaw dak kollu li hu tax-xogħol – materjal u informazzjoni – u li juru rispett lejn l-awtorità u lejn il-kollegi.

Min-naħa l-oħra, min iħaddem għandu jħossu responsabbli tal-ħaddiema. Hu fid-dmir li jħallas lill-ħaddiema tiegħu skont il-ftehim, kif titlob il-liġi tal-pajjiż u jħallashom fil-ħin. Huwa fid-dmir li jieħu ħsieb tal-ħaddiema, li jara li huma rrispettati mill-awtorità li tħaddimhom, li jara li hemm rispett bejn il-kollegi, jara li hemm sigurtà fuq ix-xogħol u li jara li l-ħaddiema huma stmati.

Il-ħaddiema għandhom dritt li jissieħbu f'għaqdiet li jieħdu ħsiebhom bħala ħaddiema.

Dan kollu huwa parti mill-ġustizzja u r-rispett lejn id-dinjità u l-ħajja tal-persuni, kemm tal-ħaddiema u kemm tas-soċjetà inġenerali.

### MILL-KTIEB TAD-DEWTERONOMJU

"La żżommx il-ħlas tal-miskin u l-fqir, sew jekk ikun wieħed minn ħutek, sew jekk ikun wieħed mill-barranin, li jkun jgħammar fi bliet artek. Agħtih il-ħlas dakinhar stess, u tħallix ix-xemx tgħib minn fuqu, għax hu fqir u dan ikun jistenna."

DEWT 24, 14

### MILL-KTIEB TAL-ĠENESI

"U l-Mulej Alla ħa lill-bniedem u qiegħdu fil-ġnien tal-Għeden biex jaħdmu u jħarsu."

ĠEN 2,15

## IS-SOLIDARJETÀ TA' BEJNIETNA

Is-solidarjetà tfakkarna li aħna familja waħda, hi x'inhi n-nazzjonalità, il-kultura, ir-razza, il-kulur u t-twemmin tagħna. Aħna lkoll aħwa u għalhekk aħna fid-dmir li nieħdu ħsieb xulxin. Id-dinja saret raħal wieħed; għalhekk id-dmir li nieħdu ħsieb xulxin huwa neċessarju ħafna. Is-solidarjetà ta' bejnietna ma nagħmluhiex għaliex nitħassru lil xulxin imma għaliex hekk titlob il-ġustizzja u d-dinjità tal-persuna.

Fil-qalba tas-solidarjetà nsibu l-ħtieġa tal-ġustizzja u l-paċi. **Il-Papa Pawlu VI jgħidilna li jekk irridu l-paċi fid-dinja, hemm bżonn naħdmu għall-ġustizzja.** Ġesù, fl-Evanġelju, fil-Beatitudnijiet jgħallimna sabiex inkunu persuni li jġibu l-paċi, jiġifieri persuni ta' ġustizzja. Nistgħu ngħidu li **l-bażi Evanġelika tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja huma l-Beatitudnijiet.**



Bħala adolexxenti, is-solidarjetà ta' bejnietna fuq livell wiesa' nistgħu nuruha billi noffru flus u oġġetti bżonjużi għall-bniedem u billi nitolbu sabiex id-dinjità tal-persuna tkun dejjem irrispettata, sabiex fid-dinja jkun hawn aktar paċi u ġustizzja.

Nuru solidarjetà bejnietna mhux biss fuq livell ta' pajjiż u ta' dinja imma wkoll bejnietna fil-familja tagħna, ma' sħabna, ma' ħbiebna u mal-komunità jew soċjetà li ngħixu fiha. Hemm diversi modi li intom bħala adolexxenti tistgħu tagħmlu dan; il-flus mhux kollox, hemm wisq aktar modi u manjieri kif tistgħu turu solidarjetà mal-oħrajn.

## MILL-EWWEL ITTRA TA' SAN PAWL LILL-KORINTIN

"Issa l-ġisem mhuwiex membru wieħed, imma magħmul minn ħafna membri... jekk membru jbati, ibatu lkoll miegħu; jekk membru jingħata l-ġieħ, jifirħu lkoll miegħu. Intom il-ġisem ta' Kristu, u kull wieħed minnkom membru tiegħu."

1 KOR 12, 14.26.27



## MILL-KTIEB TAL-ĠENESI

"U qal Alla: "Ħa nagħmlu l-bniedem fuq is-sura u x-xbieha tagħna, u jaħkmu fuq il-ħut tal-baħar u fuq it-tajr tal-ajru, fuq il-bhejjem tad-dar u fuq il-bhejjem selvaġġi, u fuq il-ħlejjaq li jitkaxkru fuq l-art."

ĠEN 1,26

## ID-DMIR U R-RESPONSABBILTÀ LI NIEĦDU ĦSIEB ID-DAR KOMUNI TAGĦNA – IL-ĦOLQIEN

Il-Knisja, imdawla mill-kelma ta' Alla, ilha għal żmien twil tgħallem, ixxandar u tikteb li għandna nieħdu ħsieb il-ħolqien kollu. Bosta Papiet kitbu dwar dan imma huwa l-Papa Franġisku li saħaq ħafna fuq din il-ħtieġa u għalhekk ħareġ l-Enċiklika (ittra għad-dinja kollha) li jisimha *Laudato si.*

F'din l-Enċiklika, il-Papa jurina bl-aktar mod ċar li aħna fid-dmir li nieħdu ħsieb il-ħolqien kollu, inkluż il-baħar u dak li hemm f'qiegħ il-baħar.





Kollox huwa rigal minn Alla u aħna fid-dmir li nieħdu ħsiebu, mhux biss għalina nfusna imma wkoll għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin warajna.

Il-Papa Franġisku qalilna li f'dawn l-aħħar mitejn sena, għamilna ħafna ħsara lill-ħolqien; għalhekk hemm bżonn li nieħdu ħsieb il-ħolqien kollu b'aktar serjetà. Kull wieħed u waħda minna huwa responsabbli tal-ħolqien.

**SFIDA**

Matul din il-ġimgħa uru solidarjetà ma' xi ħadd. Ħossu r-responsabbiltà li tagħmlu dan bis-sħiħ, kemm għall-ġid tagħkom infuskom u għall-ġid tas-soċjetà. Agħmlu dan ma' sħabkom, mal-ħbieb, mal-familja u ma' xi ħadd li ma tantx għandkom grazzja miegħu/magħha. Agħmlu dan kullimkien speċjalment fl-iskola u waqt l-attivitajiet ekstrakurrikulari.

# Djarju

Ikteb jew inpinġi l-esperjenza tiegħek meta wrejt solidarjetà ma' xi ħadd. Ikteb x'ħassejt u x'tgħallimt minn din l-esperjenza.

## KATEKEŻI FAMILJA
## TALBA FLIMKIEN BĦALA FAMILJA

Mulej Ġesù,
nitolbuk sabiex tiftħilna qalbna
għall-bżonnijiet tal-oħrajn.
Agħtina l-kuraġġ u l-għajnuna
sabiex inkunu persuni
li mhux biss nemmnu
fid-dinjità tal-bniedem
imma li nirrispettawha
u nħabirku għaliha.
Nitolbuk tgħinna sabiex mhux biss
inħobbu u ngħożżu l-ġustizzja u l-paċi
imma naħdmu għalihom ukoll.
Marija, Omm Ġesù,
ħu ħsieb 'il-familja tagħna
u għinna nkunu
persuni ta' paċi.
Ammen



IR-RABA' KAPITLU

# 4 L-Ispirtu s-Santu Ħabib ta' Dejjem



L-EWWEL TEMA

# Nitolbu b'metodi u b'mezzi differenti

It-talb huwa bżonn fil-ħajja tal-bniedem; huwa parti mill-ħajja tal-bniedem. It-talb jgħin lill-bniedem jimmatura fid-dimensjonijiet kollha ta' ħajtu. It-talb jgħin lill-bniedem biex jaħseb fl-oħrajn.

It-talb jista' jsir b'metodi u b'mezzi differenti.

STORJA:

> Kien hemm raħeb eremita tad-deżert, jiġifieri raġel li jgħix bħal patri iżda waħdu fid-deżert. Kien jgħaddi l-ġurnata jitlob, isum u jagħmel ħafna sagrifiċċji. Kellu kamra fejn joqgħod, kellu wkoll kappella ċkejkna ħafna u biċċa raba' li kien jaħdimha sabiex ikollu l-ħaxix x'jiekol.
>
> Darba waħda mar għandu wieħed żagħżugħ u talbu sabiex jgħallmu jitlob. Il-raħeb qallu: "Meta tkun miexi fid-deżert, tippassiġġa f'dawn l-inħawi u kull meta tiltaqa' man-nies, għid f'qalbek: 'Mulej, kemm inti kbir sabiex għamilt dan il-ħolqien kollu'." Iż-żagħżugħ staqsieh: "Kemm-il darba ngħid dan kollu?" Ir-raħeb qallu: "Kull meta tieħu nifs". Iż-żagħżugħ hekk għamel. Bil-mod il-mod induna li aktar ma beda josserva l-ġmiel tal-ħolqien, aktar beda jfaħħar lil Alla, tant li din it-talba saret parti minn ħajtu. Hekk tgħallem jitkellem m'Alla u jfaħħru għall-ħolqien kollu inkluż għan-nies ta' ġo fih.

Wara sitt xhur, iż-żagħżugħ reġa' mar għand ir-raħeb u qallu: "Dik it-talba li għidtli biex ngħid saret parti minn ħajti. Tista' issa tgħallimni nitlob bil-Kelma t'Alla?" Ir-raħeb qallu: "Sib post għall-kwiet, ħu l-Bibbja f'idejk, sikket kemm tista' l-ħsibijiet tiegħek, u lil Alla itolbu: Mulej, urini xi trid tgħidli permezz tal-Kelma tiegħek. Wara iskot ħalli tisma', tara, u tosserva dak li jkun qed jiġri madwarek".

Iż-żagħżugħ qallu: "Kemm-il darba għandi nitlob dan?" Ir-raħeb wieġbu: "Ma' kull nifs li tieħu għaliex il-kliem li taqra fil-Bibbja jissarraf fil-mumenti kollha ta' matul il-jum sakemm il-bniedem ikun ħaj".

Dakinhar, iż-żagħżugħ beda jifhem li l-Kelma t'Alla ssaħħaħlu ħajtu kollha. Huwa fehem ukoll li hemm diversi modi kif wieħed jista' jitlob. Fehem li t-talb huwa parti mill-ħajja tal-bniedem, anzi li t-talb jagħti ħajja lill-bniedem.

## 1.1 X'JIĠIFIERI NITLOB?

Fit-talb tagħna, dejjem nibdew billi nroddu s-salib; b'hekk fit-talb tagħna nkunu qed nitolbu fl-isem tal-Missier, u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu u nsejħu l-għajnuna tagħhom.

L-Ispirtu s-Santu li huwa l-Ispirtu Qaddis tal-imħabba, jgħallimna sabiex waqt it-talb nafdaw lill-Mulej u nitolbu bl-imħabba safja kemm għalina nfusna u kemm għall-oħrajn.

## IT-TALB U L-ATTITUDNI LEJN IT-TALB

Biex nitolbu tassew, irridu nrawmu fina attitudni ta' talb. Meta nużaw it-talb, jiġifieri meta nitolbu biss għaliex ikun inqalgħalna xi ħaġa, jew nitolbu lil Alla għaliex ma nkunux nistgħu nagħmlu mod ieħor, inkella nitolbu biex jarawna n-nies, dan ma jissejjaħx talb imma drama!

It-talb huwa konverżazzjoni m'Alla – titkellem u tisma'. Lil Alla tista' tgħidlu li trid u xħin trid. Tista' tiftaħ qalbek miegħu fuq il-ferħ, fuq id-dwejjaq, fuq l-emozzjonijiet tiegħek, għaliex tħossok irrabjat, nervuż, anzjuz, tkellmu fuq il-biżgħat tiegħek u fuq ix-xewqat tiegħek. Titkellem Miegħu bħalma titkellem ma' ħabib. Anzi tista' titkellem u tiftaħ qalbek Miegħu aktar minn ħabib li tara għaliex minn Alla m'hemmx imniex tistħi. Huwa qatt mhu ser jittradik jew jidħaq bik. Kulma jrid Alla hu li tafdah. Aktar ma tafdah aktar turi li qed taċċetta mħabbtu.





Ħafna jistaqsu: "Jekk Alla jaf kollox, għaliex għandi noqgħod ngħidlu kollox?" It-tweġiba hija sempliċi: Għaliex meta qed tiftaħ qalbek, meta qed titkellem diġà tkun qed tistrieħ. Barra minn dan, il-bniedem jitkellem/ jiftaħ qalbu ma' min jemmen fih, ma' min jafda fih, u ma' min jaf li se jgħinu. Dan kollu jagħti ħafna serħan lill-qalb u lill-moħħ. Fit-talb, bħal fil-ħbiberiji, hemm mumenti fejn wieħed jitkellem u l-ieħor jisma'. Aktar ma' wieħed jisma', aktar juri li qed jemmen fil-persuna li lilha jkun qed ikellem.

## FANTASY TRIP FLIMKIEN

Nimmaġinaw żewġt iħbieb li kienu mexjin fi vjaġġ twil. Dawn iż-żewġt iħbieb kellhom xi ħaġa komuni bejniethom: il-mużika. It-tnejn kienu jħobbu l-istess stil ta' mużika. Kienet il-mużika li ressqithom lejn xulxin. Maż-żmien, żviluppat ħbiberija soda bejniethom. Bdew jemmnu f'xulxin. Bdew jafdaw lil xulxin. Żgur li bħala



ħbieb jitkellmu flimkien u jisimgħu lil xulxin. Għax huma ħbieb, jixtiequ l-ġid lil xulxin. Għax huma ħbieb, mhux se jabbandunaw lil xulxin u lanqas se jittradixxu lil xulxin. Għax huma ħbieb, ma jistħux jiftħu qalbhom b'dak kollu li hu sabiħ u ikrah. Għax huma ħbieb, ma jiddejqux jitolbu l-għajnuna lil xulxin. Għax huma ħbieb u jafu lil xulxin jaħsbu ħafna f'xulxin, u jagħmlu ħilithom sabiex ma jweġġgħux lil xulxin u jekk jiġri dan, jaħfru lil xulxin u jibqgħu mexjin. Għax huma ħbieb tassew, ma jiħdux lil xulxin *for granted*, anzi, jibżgħu għal xulxin u għar-relazzjoni ta' bejniethom.

Jekk dan isir bejn żewġt iħbieb tad-demm u l-laħam, kemm aktar għandu jsir dan bejnna u bejn Alla, speċjalment waqt it-talb?

It-talb isaħħaħ il-ħbiberija tagħna m'Alla matul il-ħajja kollha tagħna.

## NIMXU PASS PASS MAL-BŻONN TAT-TALB BILLI NISKOPRU SEWWA DAWN L-ERBA' MISTOQSIJIET

### Għaliex għandna nitolbu?

Nitolbu għaliex għandna bżonn u għaliex hawn ħafna bżonnijiet madwarna. Nitolbu għalina nfusna, nitolbu għall-oħrajn, nitolbu għal dawk li naraw u għal dawk li ma narawx imma li huma parti mill-umanità u nitolbu għall-ħolqien kollu. Importanti li nrawmu attitudni inklussiva fit-talb.

### Lil min għandna nitolbu?

Nitolbu lil Alla veru li jista' kollox. Nitolbu lil Alla li huwa missierna, li huwa l-aqwa ħabib li jista' jkollna – ħabib li qatt mhu se jittradina. Nitolbu lil Alla li huwa mħabba, li daqskemm huwa mħabba daqstant ieħor huwa ġust. Nitolbu lil Alla li huwa ħanin, li jaħfer u li dejjem lest li jipprovdi okkażjonijiet sabiex il-bniedem jersaq lejH.

### Kif għandna nitolbu?

Nitolbu bil-qalb u nitolbu dejjem mingħajr ma naqtgħu qalbna. Nitolbu bil-fidi u bl-umiltà. Nitolbu bi gratitudni, jiġifieri b'sens ta' ringrazzjament. Hija ħasra li sakemm ikollna bżonn xi ħaġa, lil Alla nitolbuh bil-qalb u b'ħafna insistenza; imbagħad meta naqilgħu l-grazzja, ninsew nirringrazzjawh.

### Nitolbu bil-qalb

Niftħu qalbna m'Alla u mhux nitolbu bl-amment bħala rutina mingħajr ma lanqas biss inkunu nafu u nifhmu x'qed ngħidu.

### Nitolbu dejjem mingħajr ma naqtgħu qalbna

Ir-relazzjoni m'Alla fit-talb hija bħar-relazzjoni bejn żewġt iħbieb. Ħbieb tassew ma jfittxux lil



xulxin fil-bżonn biss; din ma tkunx ħbiberija, imma jkunu qed jinqdew b'xulxin. L-istess m'Alla; ma nfittxuhx biss fil-bżonnijiet tagħna imma dejjem, kemm fis-sabiħ tal-ħajja u anki fl-ikrah u fid-diffikultajiet tagħna. Meta ma nkunux nistgħu nitolbu għaliex qalbna tkun muġugħa ħafna u kliem ma jkollniex x'ngħidu imma nħossuna li rridu nitkellmu ma' xi ħadd li Huwa aqwa minna – mal-Mulej – ma niddejqux inkellmuh. Il-Mulej jifhimna. Tingħalqux fikom infuskom. Ibqgħu tkellmu mal-Mulej. Fejn ma tistgħux titkellmu, għidu lill-Mulej b'dan. Madankollu, xorta waħda idħlu f'atmosfera ta' talb u isktu. Ħallu lil qalbkom titkellem fis-skiet mal-Mulej. Qatt taqtgħu qalbkom. Il-Mulej ma jidħaq b'ħadd.

Importanti li tiftakru li l-ħin ta' Alla mhux il-ħin tagħna. Alla jara aktar 'il bogħod minna. Hu jaf il-futur u għalhekk stennew u afdawh.



## Nitolbu bi gratitudni

Dan ifisser li nitolbu b'qalb u b'attitudni mimlija ringrazzjament għal dak kollu li Alla għamel magħna fil-passat, għal dak li qed jagħmel magħna fil-preżent u għal dak li għad jagħmel magħna fil-futur. Hemm ħafna affarijiet li jiġru f'ħajjitna għall-ġid tagħna bla ma aħna nkunu nafu. Alla jaf jieħu ħsiebna sew; għalhekk hemm bżonn nidraw ngħidu grazzi lill-Mulej.

## Nitolbu bil-fidi u bl-umiltà

L-importanti hu li nitgħallmu npoġġu kollox f'idejn Alla u nuruh li nafdawh. Waqt it-talb, ma nistgħux ngħidu lil Alla x'għandu jagħmel. Uruh li temmnu tassew fih, li tafdawh u li tafdawh b'kollox u mhux bil-biċċiet. Li temmen, li tħobb u li tafda, jimxu id f'id.

Is-supperv ma jitlobx għaliex jaħseb li hu alla, jaħseb li hu jista' kollox, jaħseb li bir-raġuni u bil-ġid materjali jista' kollox. L-umili jitlob għaliex jaf li hu limitat u jaf li għandu bżonn lil Alla. Min hu umli jaf li meta jitlob qed jemmen f'Alla li jista' kollox, f'Alla li jista' jafdah, f'Alla li jixtieqlu l-ġid.

**Għal xiex u għal min għandna nitolbu?**

Nitolbu għal kollox, għal kulħadd u għall-ħolqien kollu. Nitolbu kemm għal dawk li jħobbuna u jġibulna rispett u kemm għal dawk li ma jġibulniex rispett u ma jħobbuniex. Mhux faċli li nitolbu għal dawn tal-aħħar imma hemm bżonn li nitolbu għalihom sabiex dawn il-persuni jieqfu jagħmlu l-ħażen lilna u lill-oħrajn.

## 1.2 NITOLBU B'METODI U B'MEZZI DIFFERENTI

### A. NITOLBU BIS-SALMI

Fil-Bibbja, fil-Ktieb tas-Salmi nsibu 150 Salm. Il-poplu Lhudi jqis u jgħożż il-Ktieb tas-Salmi bħala l-ktieb tat-talb tiegħu. L-istudjużi tal-Bibbja jgħidulna li s-salmi ġew miktuba minn diversi nies. Ir-Re David jitqies bħala l-aktar wieħed li kiteb salmi. Is-salmi jesprimu kull xewqa, kull emozzjoni tal-bniedem – minn salmi ta' tifħir u ta' ringrazzjament għal salmi li jitolbu maħfra, li jitolbu għajnuna waqt it-tentazzjonijiet. Insibu salmi li jgħinuna meta nkunu se naqtgħu qalbna jew inkunu qed nibżgħu. Insibu salmi li jservuna ta' gwida fid-deċiżjonijiet jew fl-għażliet tagħna; oħrajn jgħinuna nfittxu l-għerf u oħrajn jagħmlulna kuraġġ.

Fis-salmi nsibu kliem li jesprimi kull kundizzjoni tal-qalb u tal-ħajja tal-bniedem. Fuq kollox, is-salmi

**EŻEMPJU**

Meta tħossok waħdek, aqra u itlob b'Salm 23 jew b'Salm 42.

### EŻEMPJI TA' SALMI GĦALL-OKKAŻJONIJIET DIFFERENTI FIL-ĦAJJA

Tixtieq titlob maħfra: **Salm 51**

Meta l-ħajja tiegħek tħossha iebsa u tixtieq titlob l-għajnuna t'Alla: **Salm 25, 1-8**

Biex titgħallem tfaħħar lil Alla u titlob il-Barka Tiegħu: **Salm 66, 1-7**

Biex tfaħħar l-imħabba u l-ħniena t'Alla: **Salm 103, 1-22**

Sabiex bħala adolexxent, tibqa' fit-triq it-tajba u tikber f'żagħżugħ/a tajba: **Salm 119, 9-16**

jgħallmuna li eluf ta' snin ilu, il-bniedem ħass il-bżonn li jiftaħ qalbu m'Alla. Kemm hi ħaġa sabiħa meta niftakru li tant snin ilu, is-salmisti kellhom ukoll l-istess emozzjonijiet u bżonnijiet bħalna u dawn ma beżgħux jesprimuhom bil-fomm u bil-kitba quddiem il-Mulej.

**Il-Metodu**

Sibu post ta' skiet – jista' jkun f'xi kappella, knisja jew f'post fis-skiet fid-dar tagħkom, jew qalb il-kampanja inkella ħdejn il-baħar.

Sibu Salm 23 mill-Bibbja – **Il-Mulej hu r-Ragħaj Tiegħi.** Itolbu lil Alla jgħinkom sabiex tifhmu b'qalbkom dan is-salm. Aqrawh kollu. Żommu s-skiet għal ftit ħin. Erġgħu aqrawh u araw liema kelma jew kliem l-aktar li jolqotkom.

Żommu dan il-kliem f'qalbkom u f'moħħkom u itolbu lill-Mulej biex jgħinkom tifhmuh. Iftħu qalbkom mal-Mulej b'dak kollu li qed tħossu u tixtiequ.

Bl-akbar fiduċja fil-Mulej, itolbuh ikompli jkun magħkom u jagħtikom dak kollu li tixtiequ jekk dan huwa tajjeb għalikom. Erġgħu aqraw is-Salm u rringrazzjaw lil Alla ta' kollox.

## B. NITOLBU PERMEZZ TA' SILTIET JEW PERSONAĠĠI BIBLIĊI

### 1. Iż-Żagħżugħ Daniel u l-Ħbieb Tiegħu

**Infittxu u niskopru** min kien Danjel, l-istorja u l-kuntest li għex fih. **Inżommu s-skiet u**

**nistiednu lill-Mulej** jgħinna sabiex nifhmu l-Kelma Tiegħu. **Naqraw** il-kapitlu 6 tal-Ktieb ta' Daniel (jekk dan isir fil-grupp, xi ħadd jaqra dan il-kapitlu).

### Il-Proċess ta' dan il-*Bible Sharing* għall-Adolexxenti:

1. **Qabel** ma jsir il-*Bible Sharing* kemm fuq livell ta' grupp, kif ukoll b'mod individwali, nagħmlu ftit riċerka dwar il-personaġġ u l-istorja, kif ukoll dwar il-kuntest li s-silta nkitbet fih. Tgħin ukoll riċerka dwar l-awtur, sew jekk ikun mill-Antik Testement u sew jekk ikun mill-Gdid Testment.

### EŻEMPJI TA' SILTIET GĦALL-BIBLE SHARING

**Mk 4, 35-41** – Ġesù jikkalma t-tempesta. Immaġinak wieħed mill-appostli fuq id-dgħajsa. X'kont tagħmel? X'tgħallimt minn din il-ġrajja?

**Rut 1, 6-16** – Il-ħbiberija ta' Rut ma' omm żewġha. Kieku inti kont minflok Rut x'kont tagħmel? X'tgħallimt minn din il-mara dwar il-ħbiberija vera?

**Ġożwe 1, 9** - Kif laqtek dan il-vers għall-ħajja tiegħek?



## EŻEMPJI TA' SILTIET GĦALL-BIBLE SHARING

**1 Tim 4, 12** - Xi sfida joffri dan il-kliem ta' San Pawl lil Timotju?

**Ġeremija 29, 11** - Bħala adolexxent jew adolexxenta x'taħseb dwar dan il-kliem tal-Mulej lil Ġeremija?

**Salm 55,17** - Nitolbu ta' spiss.

**Mt 5, 44** - Nitolbu għall-għedewwa tagħna.

**Mt 18, 19-20** - Nitolbu mal-oħrajn.

**Ġk 5, 13-14** - Nitolbu għall-morda u għal dawk li huma fil-bżonn.

**Lq 1, 39-45** - Marija hija mudell ta' karità.

**Ġw 19, 25** - Marija hija mudell ta' fedeltà għaliex kienet ma' Ġesù binha, matul il-ħajja kollha tiegħu. Kienet ħdejh anki meta kien mislub fuq is-salib.

2. **Inħejju** lilna nfusna sabiex nidħlu f'atmosfera ta' talb, u **nistiednu** lill-Mulej billi nitolbuh jgħinna nifhmu l-Kelma Tiegħu.

3. **Naqraw** it-test mill-Bibbja. Inżommu ftit minuti ta' skiet biex naħsbu fuq dak li nkunu qrajna.

4. ***Sharing*** bejn il-membri fil-grupp, fuq livell individwali – **nitkellmu** mal-Mulej dwar dak li jkun laqatna mill-qari Bibliku.

5. **Infittxu** x'nitgħallmu minn dan il-personaġġ (jista' tkun f'parabbola jew f'xi storja Biblika, jew f'xi versi Bibliċi); għalhekk nistaqsu lilna nfusna: **kieku kont jiena** minflok dan il-personaġġ x'kont nagħmel u kif kont inġib ruħi?

6. Minn dak li ħsibna, irriflettejna fuqu, **xi sfida joffrilna,** pereżempju dan il-personaġġ għall-ħajja tagħna? (tista' tkun parabbola, jew xi storja Biblika jew xi vrus Bibliċi). Nieħdu din l-isfida fuq livell personali għal matul il-ġimgħa li tkun ġejja.

7. **Nagħlqu b'talba** minn qalbna lill-Mulej.

## Ċ. NITOLBU PERMEZZ TA' KELMIET TA' XI GĦORRIEF SPIRITWALI

Niddiskutuhom waqt il-laqgħat tagħna f'atmosfera ta' talb. Inġibu ftit eżempji:



*"Tinsa qatt it-tliet għodod qawwija ħafna li tista' tuża meta trid. Dawn huma l-imħabba, it-talb u l-maħfra."*

H. JACKSON BROWN, JR.

*"Biex nibqgħu ħajjin, irridu nieħdu n-nifs; biex nkunu Kristjani tassew, irridu nitolbu ta' spiss."*

MARTHIN LUTHER

*"Għandna nitolbu aktar b'qalbna, milli bix-xufftejn biss."*

ADAM CLARKE

## D. NITOLBU PERMEZZ TA' DJARJU

Nistgħu nitolbu, jiġifieri niftħu qalbna mal-Mulej, anki permezz ta' djarju. Dan isir billi kuljum niktbu jew inpinġu dak kollu li nkunu nixtiequ ngħidu lil Ġesù: is-sabiħ, l-ikrah, l-isfidi tal-ġurnata eċċetra.

Ngħidulu – niktbu/inpinġu dwar l-emozzjonijiet tagħna quddiem diversi ċirkustranzi bħal pereżempju meta jinqala' xi diżgwid mal-ħbieb, jew meta tifraħ ma' xi ħadd, jew meta xi ħadd ifaħħrek għal dak li tkun għedt jew ktibt.

Ngħidulu kollox lil Ġesù u nirringrazzjawh ta' kollox. Ngħidulu wkoll biex jieħu ħsiebna u jieħu ħsieb l-oħrajn, speċjalment dawk li nafu bihom u li għandhom bżonn aktar minn oħrajn it-talb tagħna.

Fil-kitba tagħna nistgħu noffru kollox lil Ġesù u ngħidulu li aħna lesti li nħallu kollox f'idejh għaliex Hu biss jaf x'inhu l-aħjar għalina.

Dan ukoll huwa mod ieħor kif nistgħu nitolbu, ta' kif nistgħu nifthu qalbna ma' Ġesù bħala l-aqwa ħabib tagħna. Maż-żmien tindunaw li dan il-metodu ta' talb, jgħinkom ħafna mhux biss biex tiftħu qalbkom u tafdaw lill-Mulej, imma sabiex tikkalmaw aktar. Meta wara ċertu żmien terġgħu taqraw dak li tkunu ktibtu jew pinġejtu, taraw kemm bil-mod il-mod tkunu qed timmaturaw b'mod sħiħ, inkluż fil-mixja tagħkom ta' fidi u ta' fiduċja fil-Mulej.

## Nitolbu permezz ta' *Centering Prayer*

Meta ngħidu li nitolbu permezz tas-*Centering Prayer*, ifisser li matul il-ġurnata nirrepetu ta' spiss talba ċkejkna f'qalbna. Aktar ma nirrepetuha, aktar issir parti mill-ħajja tagħna.

Permezz t'hekk, nikbru aktar fil-ħbiberija tagħna ma' Ġesù għaliex f'qalbna nkunu qed naħsbu aktar f'Ġesù.

**Eżempji ta' *centering prayer*:**

Qalb ta' Ġesù, jiena nafda fik.
Ġesù, hu ħsiebna.
Ġesù, kun inti l-ferħ ta' qalbi.
Ġesù, inħobbok.
Għinni nħobb lill-oħrajn ukoll.
Oh Marija, ġilju pur,
lilek jixraq kull unur.

**SFIDA**

Matul din il-ġimgħa agħmel ħiltek li tgħaddi ftit ħin ta' talb personali, talb li jkun ħiereġ mill-qalb aktar milli bix-xufftejn biss.



# Djarju

Ikteb jew pinġi silta mill-Bibbja li tħobb u li laqtitek ħafna. Ikteb għaliex laqtitek u x'tgħallimt minnha.

## KATEKEŻI FAMILJA
## TALBA GĦALL-FAMILJA:

Mulej, nixtiequ nippreżentawlek
kull membru ta' din il-familja.
Berikna, ħu ħsiebna,
eħlisna mill-perikli
u tħallina qatt naqtgħu qalbna
quddiem id-diffikultajiet tal-ħajja.
Nitolbuk dan flimkien ma' Ommna Marija
li bħalna Hi wkoll kienet tgħix f'familja.
Grazzi Ġesù.
Ammen.



IT-TIENI TEMA

# Niskopru s-sagramenti

Is-Seba' Sagramenti nsibuhom biss fil-Knisja Kattolika u fil-Knisja Ortodossa. Dan ma jfissirx li 'ivvintathom' il-Knisja; anzi, il-bażi tas-sagramenti nsibuha fil-ħajja, fil-kliemu, fl-azzjonijiet li Ġesù għamel kemm dam fostna u wara li qam mill-mewt qabel ma tela' s-sema.

## 2.1 X'NIFHMU B'SAGRAMENTI ?

Is-sagramenti huma simboli viżibbli ta' affarijiet li ma jidhrux. Dawn l-affarijiet huma l-grazzji ta' Alla. Dawn is-simboli li nistgħu narawhom, nisimgħuhom, imissuhom, inxommuhom u



integħmuhom bis-sensi tagħna għandhom tifsira kbira warajhom. Is-simbolu hu xi ħaġa mill-ħajja ta' kuljum imma t-tifsira tiegħu hija profonda għall-bniedem. Pereżempju ċurkett nistgħu narawh u mmisuh; għal xi wħud jista' jfisser iċ-ċurkett taż-żwieġ, għal oħrajn, sinjal ta' ħbiberija jew għerusija.

**EŻEMPJU**

Nieħdu l-ħobż u l-inbid, dawn huma simboli li narawhom u ntegħmuhom ukoll, imma għall-kliem tas-saċerdot, b'miraklu li ma nistgħux nifhmu, dawn isiru l-ġisem u d-demm veru ta' Ġesù Kristu.

Permezz tas-sagramenti, aħna, bħala Knisja, jiġifieri bħala komunità ta' persuni Nsara, meta nirċevuhom u nipparteċipaw fihom, inkunu qed niċċelebraw l-imħabba t'Alla għalina. Meta ngħidu li nkunu qed nirċievu l-grazzji t'Alla, b'dan nifhmu l-preżenza mimlija mħabba ta' Alla fid-dinja. Dan kollu nirċevuh permezz ta' Ġesù Kristu li bata, miet u qam mill-mewt għalina biex isalvana. Ġesù Kristu huwa verament preżenti f'kull sagrament. Minbarra dan, is-sagramenti jgħinu lill-persuna Nisranija sabiex tasal għas-salvazzjoni.

**Is-sagramenti huma importanti fil-ħajja tan-Nisrani għaliex jgħinuh isir qaddis, jiġifieri persuna Nisranija aħjar milli hi.** Huma jgħinuh itejjeb lilu nnifsu u l-għajxien tiegħu kemm bħala individwu kif ukoll bħala persuna fil-komunità u fis-soċjetà.

## 2.2 ĠESÙ U S-SAGRAMENTI

Il-bażi tas-Sagramenti nsibuha fil-ħajja, fil-missjoni, fil-ħidma u fl-azzjonijiet ta' Ġesù. Is-Sagramenti, permezz tal-Knisja, ikomplu dak li Ġesù beda fil-ministeru, jiġifieri fil-ħidma jew

fil-missjoni tiegħu meta Huwa kien fostna, u anki wara li qam mil-mewt qabel ma tela' s-sema.

Wara li qam mill-mewt, Ġesù ħalla f'idejn l-appostli sabiex ikomplu l-missjoni tiegħu. Għalhekk, meta l-appostli rċevew l-Ispirtu s-Santu f'Penetkoste, huma setgħu jagħmlu kif kien għallimhom u wriehom Ġesù u b'hekk setgħu jkomplu l-missjoni u l-ordnijiet li Huwa kien tahom.

Flimkien ma' dan, l-Ispirtu s-Santu għenhom sabiex jifhmu u jinterpretaw sewwa l-kliem, il-ġesti, l-azzjonijiet u l-ħidma ta' Ġesù sabiex ikunu jistgħu jwassluhom lill-Insara li lkoll flimkien kienu l-ewwel komunità ta' Nsara.

Għalhekk, is-Sagramenti ma ġewx 'ivvintati' mill-Knisja. Il-Knisja hija biss strument sabiex tamministrahom, sabiex twassalhom lill-Insara. Mal-medda taż-żmien, wara ħafna talb u studju, il-Knisja strutturat aħjar is-Sagramenti sabiex l-Insara jagħrfu aktar xi jfissru, jagħrfu l-kobor tagħhom u jagħrfu l-bżonn tagħhom fil-ħajja tagħhom bħala persuni Nsara.



## 2.3 NISKOPRU L-IMPORTANZA TAS-SAGRAMENTI FIL-ĦAJJA TAN-NISRANI

### 1. IL-MAGĦMUDIJA

Permezz tal-Magħmudija, Ġesù jwassal lin-nies, kemm trabi u kif ukoll adulti, għal ħajja ġdida spiritwali fi ħdan il-Komunità Nisranija – il-Kristjani. Il-Magħmudija hija l-ewwel sagrament u għalhekk hija l-bieb għas-sagramenti l-oħra. Insibu referenzi ċari għall-Magħmudija fl-Evanġelju ta' San Mattew.

> *"Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missieru tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U ara, jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien."*
>
> MT 28, 19-20

### IL-MAGĦMUDIJA FIL-ĦAJJA TAN-NISRANI

Permezz tal-Magħmudija, kemm jekk tkun tarbija u kemm jekk tkun adulta, il-persuna:

» Titwieled mill-ġdid spiritwalment b'identità ġdida bħala waħda mill-aħwa ta' Ġesù Kristu.

» Tiġi milqugħa u tibda tagħmel parti mill-komunità ta' Ġesù Kristu – issir Kristjana.

» Tibda l-mixja spiritwali fil-fidi u fir-reliġjon Nisranija, liema mixja tgħinha sabiex aktar ma tikber u timmatura aktar taċċetta lil Alla u l-pjan Tiegħu fil-ħajja tagħha. Din il-mixja ttul il-ħajja kollha tal-bniedem.

- Tibda tieħu sehem u tidħol fir-responsabbiltà li tgħix u tgħin lil ħaddieħor biex jgħix it-tagħlim u l-missjoni ta' Ġesù Kristu, inkluż it-tagħlim tal-Knisja Kattolika.

- Tirċievi l-Ispirtu s-Santu li jimlieha bl-imħabba ħalli tagħraf aktar kemm Alla – il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu – jħobbha.

- Tista' tirċievi s-sagramenti l-oħra.

It-tliet sagramenti – il-Magħmudija, il-Konfermazzjoni u t-Tqarbin – huma t-tliet **sagramenti ta' inizjazzjoni.** Jissejħu hekk għaliex permezz tagħhom il-persuna ssir membru sħiħ fil-komunità Nisranija. Il-kelma inizjazzjoni tfisser li jagħtu bidu jew jibdew xi ħaġa. Fil-każ tagħna, il-persuni jibdew il-ħajja Nisranija tagħhom fi ħdan il-Knisja Kattolika.

Id-dħul fil-ħajja Nisranija jseħħ permezz ta' tliet sagramenti flimkien:

- ***Il-Magħmudija*** *li hija l-bidu ta' ħajja ġdida, u hemm insiru Kristjani.* ***We belong to Christ.***

- ***Il-Konfermazzjoni*** *twettaq u ssaħħaħ din il-ħajja. Nibdew insiru aktar responsabbli tal-fidi u tal-għajxien tagħna bħala Kristjani Kattoliċi.* ***We are confirmed in Christ.***

- ***L-Ewkaristija*** *tmantnina – tagħtina s-saħħa spiritwali bħala dixxipli ta' Kristu – bħala Kristjani sabiex inkunu nistgħu nsaħħu l-fidi u l-prattika reliġjuża tagħna bħala Kattoliċi.* ***We are strengthened in Christ and through Christ.***



## 2. IS-SAGRAMENT TAL-KONFERMAZZJONI (IL-ĠRIŻMA)

Il-kelma 'Griżma' tfisser dilka għax f'dan is-sagrament jintuża ż-żejt tal-Griżma. L-istess żejt huwa użat fis-Sagramenti tal-Magħmudija, tal-Konfermazzjoni u tal-Ordni Sagri. Dan iż-żejt jiġi kkonsagrat mill-isqof fil-quddiesa ta' filgħodu f'Ħamis ix-Xirka.

Is-Sagrament tal-Konfermazzjoni jfakkarna li Ġesù qasam mal-oħrajn il-qawwa tal-Ispirtu li kien hemm Fih.

> *"Imbagħad Ġesù tenna jgħidilhom: 'Is-sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom.' Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: 'Ħudu l-Ispirtu s-Santu'."*
>
> ĠW. 20:21-22

## IL-KONFERMAZZJONI FIL-ĦAJJA TAN-NISRANI

Is-Sagrament tal-Konfermazzjoni jgħin lill-persuna tkompli timmatura fil-ħajja umana u Nisranija tagħha. Għalhekk, meta l-persuna taċċetta li tirċievi s-sagrament tal-Konfermazzjoni, tkun qed tagħmel pass ieħor lejn il-maturità bħala persuna Nisranija.

Permezz tas-sagrament tal-Konfermazzjoni tidħlu f'aktar responsabbilità Nisranija, mhux biss għalikom infuskom imma wkoll għal ħutkom l-Insara u anki għal dawk li mhumiex Nsara. Dan għaliex mill-kliem u mill-imġiba tagħkom jagħrfu xi tfisser li tkun Nisrani tassew. Permezz tal-Konfermazzjoni tibdew tħossukom aktar responsabbli li intom Nsara. Għalhekk tibdew tistaqsu u tfittxu xi jfisser fil-verità li tkun Nisrani u li tgħix ta' Nisrani.

Hija ħasra u immaturità kbira jekk inħarsu lejn il-ħajja Nisranija bħala sett ta' liġijiet u affarijiet li rridu nemmnu biss. F'kull reliġjon hemm affarijiet ta' twemmin, regoli u prattiċi ta' talb flimkien u ta' attitudnijiet biex ngħixu dik ir-reliġjon bis-sħiħ.

- Is-sagrament tal-Konfermazzjoni jissejjaħ ukoll is-sagrament tal-Ispirtu s-Santu għaliex fih **tirċievu grazzji speċjali** mill-Ispirtu s-Santu, liema grazzji jgħinukom sabiex tkunu tistgħu tagħtu b'aktar responsabilità xhieda bil-kliem u bl-eżempju ta' Ġesù Kristu u ta' dak kollu li temmnu fih bħala Nsara.

- Is-Sagrament tal-Konfermazzjon **jgħinkom tikkonfermaw,** jiġifieri ssaħħu b'aktar responsabbilità dak li rċevejna

fil-magħmudija, jiġifieri t-twemmin tagħkom f'Ġesù.

» Permezz tas-Sagrament tal-Konfermazzjoni tkomplu s-saħħu r-rieda u x-xewqa tagħkom **li tkomplu timxu wara Ġesu Kristu,** u dan turuh bil-ħajja tagħkom, bi kliemkom u bl-eżempju t-tajjeb li tatu lill-oħrajn. Dan kollu jiġri fikom permezz tal-Ispirtu s-Santu.

» Meta kontu żgħar bdejtu titgħallmu u bdejtu tiskopru xi jfisser li tkun Nisrani; issa qed tikbru u timmaturaw. Diġa intom adolexxenti għalhekk tistgħu **tifhmu aħjar** xi jfisser li tkun Kristjan u **li tgħix ta' Kristjan** jiġifieri billi timxi fuq it-tagħlim ta' Ġesù.

Dan is-Sagrament nistgħu nirċevuh darba biss fil-ħajja tagħna.



## 3. IS-SAGRAMENT TAL-EWKARISTIJA - IT-TQARBIN

Fis-Sagrament tat-Tqarbin – fl-Ewkaristija – Ġesù jfakkarna li Huwa tana lilu nnifsu għaliex iħobbna.

Ir-rakkont tat-Twaqqif tal-Ewkaristija (li ġiet imwaqqfa fl-aħħar ċena) insibuh fl-Evanġelju skont San Mattew, skont San Mark u skont San Luqa, kif ukoll fl-Ewwel Ittra ta' San Pawl lill-Korintin. Hawnhekk qed inġibu r-rakkont skont San Luqa:

> *"Imbagħad ħa l-ħobż, radd il-ħajr, qasmu, newwilhulhom u qal: 'Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi.' Hekk ukoll wara l-ikla ħa l-kalċi u qal: 'Dan il-kalċi huwa l-Patt il-Ġdid b'demmi, id-demm li jixxerred għalikom'."*
>
> LQ 22, 19- 20



Fl-Evanġelju skont San Ġwann insibu l-kliem li qal Ġesù b'referenza għas-Sagrament tat-Tqarbin fejn naraw li Ġesù huwa verament preżenti fl-Ostja li nirċievu – hu l-Ħobż ħaj.

> *❝ Jiena hu l-ħobż il-ħaj, li niżel mis-sema. Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem. U l-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi għall-ħajja tad-dinja'."*
>
> ĠW 6, 51

## IS-SAGRAMENT TAT-TQARBIN FIL-ĦAJJA TAN-NISRANI

- Dan is-Sagrament tal-imħabba, huwa misteru tal-fidi. Bil-moħħ ċkejken tagħna ma nistgħux nifhmuh imma nistgħu nemmnuh. Kull darba li nirċievu lil Ġesù, Huwa jsir parti minna. Ġesù jixtieq minna li ngħixu dan is-sagrament billi nħobbu lil xulxin bil-verità. **Għalhekk waqt it-tqarbin, nitqarrbu lejn Ġesù u nitqarrbu lejn xulxin.**

Permezz ta' dan is-Sagrament tibdew taqsmu mill-Ikla tal-Mulej. L-Ewkaristija hija l-ikel li jsaħħaħkom spiritwalment ħalli tkunu tistgħu tgħixu ħajja tajba. Is-sagrament tal-Ewkaristija huwa rigal għalina li nirċevuh mingħand Ġesù. Il-Kelma Ewkaristija tfisser 'grazzi' – grazzi lil Ġesù li qiegħed fostna, grazzi li għoġbu jiġi ġo fina u grazzi tar-rigal Tiegħu nnifsu. Għalhekk, meta nirċievu l-Ewkaristija bħala komunità, ilkoll flimkien inkunu qed ngħidu GRAZZI lil Ġesù ta' dan kollu. L-Ewkaristija hija ċelebrazzjoni ta' gratitudni – ta' grazzi flimkien bħala komunità.

Iċ-ċentru tal-messaġġ ta' Ġesù huwa l-imħabba. Għalhekk, kull darba li titqarbnu jiġifieri kull darba li tirċievu lil Ġesù tkunu qed tirċievu s-Sagrament tal-Imħabba, għaliex Ġesù huwa verament preżenti fl-Ewkaristija li tirċievu. Huwa preżenti bil-ġisem, bid-demm, bir-ruħ u bid-divinità tiegħu. Ġesù, imħabba biss jaf jagħti; mela kull darba li nirċevuh huwa jimliena bl-imħabba u jixtieqna li naqsmu din l-imħabba mal-oħrajn.

Dan is-sagrament nistgħu nirċevuh ta' spiss, saħansitra kuljum.

## 4. IS-SAGRAMENT TAR-RIKONĊILJAZZJONI (IL-QRAR)

Is-sagrament tal-Qrar jew tar-Rikonċiljazzjoni jfakkarna kemm Alla huwa kbir fil-Ħniena. Alla qatt ma jegħja jaħfrilna. Naqraw fl-Evanġelju li kemm dam fostna Ġesù, huwa ħafer id-dnubiet tan-nies.

Diversi drabi Ġesù sejjaħ lill-midinbin għall-indiema, sabiex jikkonvertu. Din is-sejħa għall-indiema u t-turija ta' Ġesù li jista' jaħfer id-dnubiet, hija l-bażi tas-Sagrament tal-Qrar.

**ĠESÙ JFEJJAQ WIEĦED MIFLUĠ**
MK 2, 1-5; SILTIET OĦRA MT 9, 1-8; LQ 5, 17-26

"Meta wara xi ġranet daħal Kafarnahum, in-nies semgħet li kien id-dar. U nġabru bosta, hekk li ma kienx hemm fejn joqogħdu iżjed, anqas quddiem il-bieb. U qagħad ixandrilhom il-kelma. U marru ħadulu quddiemu wieħed mifluġ, merfugħ minn erbgħa min-nies. Billi ma setgħux jersqu sa ħdejh minħabba l-kotra, qalgħu s-saqaf ta' fuqu, fetħu toqba, u niżżlu minnha l-friex li fuqu kien mimdud il-mifluġ. Meta ra l-fidi tagħhom, Ġesù qal lill-mifluġ: 'Ibni, dnubietek maħfura'."

U wara l-qawmien mill-mewt, Ġesù qal lill-appostli:

> "Is-sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom." Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma."
>
> ĠW 20, 21

F'dan il-kliem ta' Ġesù lill-appostli naraw l-missjoni li Ġesù ta lill-appostli u allura lill-Knisja sabiex twassal l-imħabba t'Alla u l-maħfra tad-dnubiet.

## IS-SAGRAMENT TAR-RIKONĊILJAZZJONI FIL-ĦAJJA TAN-NISRANI

Ħafna jistaqsu: għaliex għandna mmorru nqerru għand is-saċerdot. Ma nistgħux inqerru billi nitkellmu direttament ma' Alla?

Fil-Knisja Kattolika, is-sagrament tal-Qrar huwa ċċelebrat permezz tas-saċerdot. Alla jaħfrilna permezz tas-saċerdot. Is-saċerdot huwa l-pont bejnna u bejn Alla. Huwa Alla li jaħfer permezz tas-saċerdot meta nisimgħu dawk il-kelmiet sbieħ: "Jiena naħfirlek fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu." B'dan il-kliem u f'dan il-mument, is-saċerdot ikun qed iwassal il-maħfra f'isem Alla.

Is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni huwa sagrament ta' **fejqan** f'kull aspett għaliex dak li kien itaqqal il-ħajja tagħna, issa nkunu stqarrejnieh mas-saċerdot u hu, bil-grazzja ta' Alla u bl-awtorità li tatu l-Knisja Kattolika, jaħfrilna.

Huwa sagrament ta' **ferħ** għaliex il-maħfra ġġedded ir-relazzjoni tagħna magħna nfusna, mal-Mulej u mal-oħrajn. Għalhekk, inħossuna ferħanin. Huwa importanti li nitgħallmu naħfru lilna nfusna. Alla dejjem jaħfrilna imma xi kultant insibuha bi tqila biex naħfru lilna nfusna. Meta naħfru lilna nfusna, il-ferħ tagħna jkun sħiħ.

**FTAKAR**

Tinsewx li anki s-saċerdot iqerr. Hu wkoll għandu bżonn il-maħfra, il-ħniena, l-imħabba, it-tama u jikber fil-fidi. Għalhekk m'għandkomx għal xiex tisthu tqerru.

Is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, huwa sagrament li jagħti ħafna **mħabba, tama u fidi** għaliex f'dan is-sagrament naraw kemm Alla jħobbna. Alla ma jegħjiex jaħfrilna. Huwa sagrament ta' tama għaliex Alla ma jridna qatt naqtgħu qalbna minħabba d-dnubiet tagħna. Huwa sagrament ta' fidi għaliex jgħinna nemmnu fl-imħabba u fil-ħniena kbira ta' Alla lejna li tasal għandna permezz tas-saċerdot.



## X'JIĠRI QABEL U WAQT IS-SAGRAMENT TAR-RIKONĊILJAZZJONI:

Preparazzjoni għal qrara tajba: **Aħseb dnubietek sewwa** jiġifieri ċċekkja sewwa l-kuxjenza tiegħek.

**Indem minn dnubietek, jiġifieri li għandu jiddispjaċik tassew li tkun wettaqt id-dnub.**

**Jiddispjaċik** l-ewwel nett għaliex tkun offendejt lil Alla, it-tieni għaliex tkun kissirt ir-relazzjoni tiegħek Miegħu u t-tielet għaliex tkun offendejt lill-oħrajn. Anki jekk mingħalik tkun għamilt dnub fil-privat fejn ħadd ma rak, billi aħna familja waħda, magħqudin spiritwalment ma' Kristu, spiritwalment tkun qtajt ir-relazzjoni minn ma' ħutek.

Meta tindmu tassew minn dnubietkom tkun qed tgħidu lilkom infuskom, u lill-Mulej: "Jiena ma rridx li nkompli nagħmel dawn id-dnubiet f'ħajti". Jekk terġgħu taqgħu fihom, erġgħu morru qerru għaliex il-bniedem jinsab f'mixja lejn il-maturità. Għandu jipprova joqgħod attent fuqu nnifsu u kemm jista' jkun ma jagħmilx l-istess żball/dnub ħafna drabi.

**Qerruhom kollha.** Tqerrux dak li jidhrilkom biss imma kunu sinċieri magħkom infuskom u għidu l-verità kollha.

Fis-Sagrament tal-Qrar turu tassew li jiddispjaċikom għad-dnubiet billi **tgħidu l-Att tal-Indiema.**

**Bl-assoluzzjoni,** is-saċerdot jaħfirlek id-dnubiet billi jgħid u jagħmel is-sinjal tas-salib waqt li jħares lejk u jgħidlek: "Jiena naħfirlek dnubietek fl-isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu."

**Agħmlu penitenza,** jiġifieri s-saċerdot jgħidlek sabiex titlob jew tagħmel xi sagrifiċċju żgħir ħalli dik l-imħabba li Alla wera miegħek meta ħafirlek, inti turiha lill-oħrajn ukoll.

Dan is-Sagrament nistgħu nirċevuh aktar minn darba, anzi tajjeb li nqerru spiss.



## 5. IS-SAGRAMENT TAD-DILKA TAL-MORDA

F'dan is-Sagrament niftakru kemm Ġesù fejjaq morda. Ġesù, fil-ħidma u fil-missjoni tiegħu fostna, diversi drabi fejjaq lill-morda. Din il-ħidma u l-azzjoni tiegħu huma l-bażi tas-Sagrament tad-Dilka tal-Morda.

> *"Ġesù dar l-ibliet kollha u l-irħula jgħallem fis-sinagogi, ixandar l-Evanġelju tas-Saltna, u jfejjaq kull xorta ta' mard..."*
>
> MT:9:35

Fil-Knisja tal-bidu, l-appostlu San Ġakbu fl-ittra tiegħu, fil-kapitlu 5, kompla jsaħħaħ u fisser biċ-ċar il-ħtieġa u l-kobor ta' dan is-sagrament.

> *"Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli dan isejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja, biex dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-Mulej; it-talba tal-fidi ssalva lill-marid, u l-Mulej iqajmu; u jekk ikun għamel xi dnubiet, jinħafrulu."*
>
> ĠAK 5, 14-15

## IS-SAGRAMENT TAD-DILKA TAL-MORDA FIL-ĦAJJA TAN-NISRANI

Il-Knisja Kattolika toffri dan is-Sagrament lill-morda, mhux neċessarjament lil dawk li jkunu waslu biex imutu biss. Sabiex jiġi amministrat dan is-Sagrament, il-persuni jridu jkunu għadhom ħajjin. Il-mejtin ma jirċevux is-sagrament tad-dilka tal-morda. Il-qassis jitlob fuqhom biss.

Tissejjaħ dilka tal-morda għaliex waqt dan is-sagrament, is-saċerdot jidlek f'postijiet indikati lill-marid biż-żejt tal-morda li jkun tbierek f'Ħamis ix-Xirka. Meta l-qassis ikun qed jidlek – jagħmel is-sinjal tas-salib biż-żejt fuq il-marid – huwa jitlob għall-fejqan spiritwali u uman ukoll.

Dan is-sagrament juri lin-Nisrani li:

» Alla jibqa' jħobbu anki meta huwa marid u qed isoffri.

» Alla jfejjaq 'l-ispirtu tal-persuna permezz tat-talb tal-qassis u ta' dawk li jkunu maġenbu għaliex jimlieh bil-kuraġġ, bil-paċi u bis-sabar

(paċenzja) sabiex dak li jkun għaddej minnu jgħixu b'attitudni Nisranija u mhux jiġġieled ma' Alla.

» Il-qawmien ta' Ġesù mill-mewt jimla lill-bniedem bit-tama li l-ħajja tagħna ma tispiċċax mal-mewt; anzi, wara l-mewt nibdew ħajja oħra fi Kristu. Wara din il-ħajja, hemm ħajja oħra. Fl-aħħar tad-dinja għad inqumu fi Kristu mhux b'dan il-ġisem li malajr jitħassar imma b'ġisem glorjuż li ma jitħassar qatt.

» Dan is-sagrament flimkien ma' dak tal-Qrar huwa sagrament tal-fejqan għaliex hawn ukoll jinħafru d-dnubiet.

Dan is-sagrament nistgħu nirċevuh ta' spiss, skont il-bżonn.

Mis-sagramenti tal-fejqan – il-qrar u d-dilka tal-morda – ngħaddu issa **għas-sagramenti tal-vokazzjoni.** Dawn is-Sagramenti huma **ż-Żwieġ u l-Ordni Sagri.** Permezz tagħhom, il-persuna tikkontribwixxi lis-soċjetà u lill-Knisja. Iż-żewġ sagramenti huma marbutin mal-vokazzjoni u mal-missjoni ta' kull persuna.

Fiż-żwieġ naraw li din il-missjoni titwettaq fir-relazzjoni ta' bejn xulxin bħala koppja u fil-frott tagħhom – li jrabbu l-ulied; f'każ li ma jkunx hemm ulied, jgħixu l-frott tal-imħabba tagħhom f'servizz bl-imħabba miftuħ aktar lejn l-oħrajn.

Fl-Ordni Sagri naraw din il-missjoni titwettaq fis-servizz bl-imħabba lejn kulħadd bla ebda distinzjoni.

## 6. IS-SAGRAMENT TAL-ORDNI SAGRI

F'dan is-sagrament niftakru f'Ġesù li ħa ħsieb lin-nies ta' madwaru speċjalment fl-affarijiet spiritwali. Ġesu waqqaf dan is-Sagrament meta qal dawn il-kelmiet:

> *"...Agħmlu dan b'tifkira tiegħi."*
>
> LQ 22,: 19



**L-isqof** huwa mxebbah mar-ragħaj li jieħu ħsieb lin-nagħaġ tiegħu – il-merħla tiegħu – li huma l-Insara. L-Isqof għandu wkoll il-missjoni li dawk kollha li mhumiex Insara jgħixu b'rispett u b'dinjità ta' bnedmin maħluqa minn Alla.

Fil-ktieb tal-Atti tal-Appostli nsibu din is-silta b'referenza għall-ħidma kemm tas-saċerdot kif ukoll tal-Isqof.

> *"Ħudu ħsieb tagħkom infuskom u tal-merħla kollha li l-Ispirtu s-Santu għamilkom għassiesa tagħha biex tirgħu l-Knisja ta' Alla li hu kiseb b'demmu stess."*
>
> ATTI 20, 28

## IS-SAGRAMENT TAL-ORDNI SAGRI FIL-ĦAJJA TAN-NISRANI

Bil-Magħmudija, aħna lkoll irċevejna dak li nsejħulu s-saċerdozju komuni għall-Imgħammdin, jiġifieri permezz tal-Magħmudija lkoll kemm aħna msejħin u għandna l-missjoni sabiex ngħinu

lin-nies **jitħabbu u jirrikonċiljaw m'Alla.** Dan nistgħu nagħmluh bil-kliem u bl-eżempju.

Flimkien ma' dan aħna lkoll nistgħu nkunu **profeti** jiġifieri nxandru l-verità dwar Alla u nxandru l-Aħbar t-Tajba ta' Ġesù Kristu. Aħna lkoll imsejħin sabiex inkunu **mexxejja li naqdu f'isem Alla** lill-ħolqien kollu. Li tkun mexxej ifisser li nippruvaw nagħmlu ħilitna kollha sabiex ngħixu ta' Kristjani kif jixtieqna Ġesù u ifisser li ħaddieħor ikun jista' jieħu eżempju tajjeb minna u jagħmel bħalna. Dawn it-tliet irwoli jissejħu l-ministeri (ħidmiet) tal-imgħammdin (tal-Kristjani) kollha. Niftakru li l-mexxej ma jikkmandax, imma jaqdi; għalhekk aħna l-Kristjani msejħin sabiex ngħixu u nagħtu servizz b'diversi modi lill-oħrajn bla ebda distinzjoni.

Meta nitkellmu minn Ordni Sagri nkunu qed nitkellmu minn sagrament li fih irġiel imsejħa minn Alla, jiġu kkonsagrati mill-Isqof. Dawn jiġu mogħnija b'qawwa qaddisa mogħtija lilhom minn Ġesù Kristu permezz tal-Knisja għall-qadi tal-poplu t'Alla, tal-Knisja kollha u tas-soċjetà.

Din l-aworità mogħtija lis-saċerdoti tmur lura għal żmien l-Apppostli fejn Ġesù stess għamilhom saċerdoti u isqfijiet fl-Aħħar Ċena. Fil-Knisja Kattolika u fil-Knejjes Ortodossi, l-Isqfijiet huma s-suċċessuri tal-Appostli; għalhekk huma biss jistgħu jordnaw – jikkonsagraw – lid-djakni, lis-saċerdoti u lill-isqfijiet il-ġodda.

Is-Sagrament tal-Ordni Sagri fih tliet tappi importanti: id-djakont, il-presbiterat (meta wieħed isir saċerdot) u l-episkopat (meta wieħed isir isqof).

**Il-ħidma tal-Isqof** prinċiplament hija:

» **li jieħu ħsieb u jmexxi l-funzjonijiet liturġiċi,** li jwassal lill-poplu t'Alla għal-liturġija u li jamministra s-sagramenti. F'dan naraw lill-Isqof **bħala saċerdot.**

» **Li jgħallem** lill-poplu t'Alla dwar il-verità ta' Alla u t-tagħlim tal-Knisja Kattolika u japplika dan kollu għaż-żminijiet li fihom ikun qed jgħix il-poplu t'Alla. F'dan naraw lill-Isqof **bħala profeta.**

» **Li jieħu ħsieb il-kura pastorali tal-poplu t'Alla.** Hawnhekk naraw lill-isqof bħala **mexxej li jaqdi.**

Barra dawn ir-rwoli, kull isqof jieħu ħsieb id-djoċesi tiegħu u jieħu ħsieb spiritwalment tal-komunità Nisranija fid-djoċesi tiegħu waqt li jiddaloga mas-soċjetà ċivili u ma' persuni ta' reliġjonijiet, kulturi u razez oħra. Djoċesi tkun magħmula minn numru ta' parroċċi. Parroċċa tkun magħmula minn numru ta' familji ġo belt jew raħal.





## IL-ĦIDMA TAS-SAĊERDOT

**Is-Saċerdoti** huma kollaboraturi tal-isqof u għalhekk flimkien mal-isqof għandhom ir-responsabbiltà li jmexxu l-liturġija u jamministraw is-Sagramenti (minbarra l-Ordni Sagri). Huma responsabbli li jgħallmu lill-Poplu t'Alla u li jaqdu fil-parroċċi. Jekk is-saċerdot ikun kappillan, ikollu r-responsabbilità li jmexxi u li jieħu ħsieb il-parroċċa u dak kollu li għandu x'jaqsam mal-parroċċa tiegħu.

## IL-ĦIDMA TAD-DJAKNI

**Id-Djakni** huma direttament magħquda mal-Isqof. Huma jgħinu billi jikkollaboraw mal-Isqof u mal-qassisin fil-ħidma tagħhom. Id-djakni jistgħu jxandru l-Evanġelju u jippritkaw, jassistu lis-saċerdot waqt il-quddiesa, imexxu funerali, jgħammdu, iżewġu, iqarbnu lill-morda, jaħdmu f'oqsma ta' karità u juru ħniena ma' kulħadd speċjalment mal-batuti. Id-djakni jagħmlu ħilithom li jaqdu lill-poplu t'Alla. Wieħed jista' jibqa' djaknu u ma jsirx saċerdot. Dan jissejjaħ djaknu permanenti.

## 7. IS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

Bħalma Ġesù kien leali/fidil (*faithful*) lejn Alla Missieru tant li sejjaħlu "Abba Missier", u kien leali/fidil lejn il-missjoni afdata f'idejH minn Alla, Ġesù, irid li dawk kollha li Hu jagħżel sabiex iħaddnu l-vokazzjoni għaż-żwieġ, ikunu leali/fidili lejn xulxin u lejn ir-relazzjoni tagħhom.

Dwar is-Sagrament taż-Żwieġ, San Pawl, fost il-ħafna kitbiet tiegħu kiteb:

> *"Intom, l-irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom, kif Kristu ħabb 'il-Knisja..."*
>
> EFES 5, 25

**NOTA ŻGĦIRA:**
Dan li San Pawl kiteb għall-irġiel jgħodd għan-nisa wkoll.

Ġesù Kristu ta ħajtu għall-Knisja. Hekk, il-koppja jagħtu ħajjithom lil xulxin fil-fedeltà tagħhom lejn xulxin u lejn ir-relazzjoni ta' bejniethom.

### IS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ FIL-ĦAJJA TAN-NISRANI

Nippruvaw nifhmu bl-aktar mod sempliċi billi nieħdu eżempju ta' kif tikber ħbiberija.



Ħafna drabi, żewġ persuni jsiru ħbieb għaliex ikun hemm xi ħaġa komuni bejniethom. Pereżempju t-tnejn li huma jkunu jħobbu l-istess stil ta' mużika jew it-tnejn ikunu jħobbu l-istess tim tal-futbol.

F'dan il-każ, il-mużika jew il-futbol, aktar minn kull ħaġa oħra, tgħaqqadhom flimkien. Anki jekk ikollhom xi jgħidu fuq xi ħaġa, hemm xi ħaġa li tibqa' tgħaqqadhom. Din ix-xi ħaġa komuni ġġegħilhom joħorġu mill-egoiżmu tagħhom sabiex jikkonċentraw aktar fuq dak li huwa komuni u permanenti bejniethom. Dak li huwa komuni u permanenti jagħtihom għan u saħħa sabiex iżommhom magħqudin u jkomplu jafdaw lil xulxin.

## MIXJA LEJN IŻ-ŻWIEĠ NISRANI

Żewġ persuni jħossu fihom li għandhom il-vokazzjoni għaż-żwieġ. It-tnejn iħobbu ħafna lil Alla u jitolbuh isibilhom persuna tajba u addattata għalihom sabiex magħha jkunu jistgħu jgħixu ta' miżżewġin.

Żewġ persuni b'mod l-aktar misterjuż jiltaqgħu, f'dik il-ġurnata u f'dak il-post. Jieħdu grazzja ma' xulxin. B'mod individwali, kull persuna tħobb u tgħożż lil Alla – mela l-element komuni u permanenti bejniethom huwa Alla. Aktar ma' Alla jibqa' l-element komuni bejniethom – Alla li hu mħabba – aktar jinġibdu lejn xulxin, aktar ifittxu li jiskopru lil xulxin, li jirrispettaw lil xulxin, li jibdew jinħabbu u li jafdaw lil xulxin. Bil-mod il-mod jaslu sabiex jissiġġillaw din l-imħabba bis-Sagrament taż-Żwieġ Nisrani. Diffikultajiet jinqalgħu għaliex il-bniedem jibqa' bniedem, imma sakemm Alla, li Huwa permanenti, hu komuni bejniethom u huma jibqgħu jgħożżuh f'ħajjithom kemm



bħala individwi u anki fiż-żwieġ tagħhom, l-isfidi li jinqalgħu, jippruvaw kemm jistgħu jaffaċċjawhom flimkien.

Aktar ma jżommu lil Alla preżenti f'ħajjithom, anki jekk ikun hemm xi diffikultajiet, aktar l-imħabba tagħhom tissaħħaħ.

Iż-Żwieġ Nisrani huwa **esperjenza umana u simbolu ta' fidi, ta' mħabba u ta' tama** tal-koppja lejn Alla, lejn xulxin u lejn is-soċjetà.

Fuq kollox, iż-żwieġ Nisrani huwa **patt** u mhux kuntratt bejn il-koppja. F'kuntratt hemm perjodu ta' żmien u hemm ħafna kundizzjonijiet sabiex il-ħaġa sseħħ u jekk wieħed mill-*partners* jiġrilu xi ħaġa, il-kuntratt jaqa'.



Il-Mudell taż-żwieġ Nisrani huwa l-patt ta' Alla mal-poplu tiegħu. Dan il-patt jissarraf:

a. **fl-għotja totali** ta' Alla f'Ibnu Ġesù Kristu għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha;

b. **fil-fedeltà** għax Alla jibqa' dejjem iħobb lill-poplu tiegħu;

ċ. fl-imħabba t'Alla **mogħtija bl-akbar libertà** għas-salvazzjoni ta' kulħadd;

d. fl-imħabba kbira ta' Alla li għax iħobb lill-poplu Tiegħu jibqa' miegħu sabiex jieħu ħsieb tiegħu nnifsu, **tal-ġenerazzjonijiet futuri u tal-ħolqien kollu.**

Fiż-żwieġ Nisrani l-imħabba tal-koppja lejn xulxin hija mixja f'dan il-patt ta' Alla mal-poplu Tiegħu. Għalhekk l-imħabba ta' bejniethom għandha tkun:

- **Totali:** bla biċċiet, imħabba ta' vera u mhux iqabblu fejn jaqblilhom;
- **Leali (Fedeltà):** leali lejn xulxin u lejn ir-relazzjoni ta' bejniethom; jiġifieri anki meta l-persuni ma jkunux preżenti, xorta jibqgħu jiġu rrispetatti;
- **Libera:** kemm iż-żwieġ u kemm ir-relazzjoni m'għandhomx ikunu kkundizzjonati minn minn xi ħaġa jew minn xi ħadd;
- **Tagħti frott:** l-ulied huma l-frott tal-imħabba ta' bejn il-koppja; fil-każ li ma jkunx hemm ulied, l-imħabba tista' tissarraf f'servizz lejn is-soċjetà u lejn il-Knisja. Il-vera mħabba ma tistax tingħalaq fiha nnifisha.

Dawn l-erba' tappi hekk importanti taż-żwieġ Nisrani, ikomplu jimmaturaw fil-għajxien tal-koppja flimkien u jiġu msaħħa bil-grazzja t'Alla mogħtija fis-sagrament taż-żwieġ Nisrani, bit-talb u bl-inkoraġġiment tal-komunità Nisranija.

Aktar ma l-koppja jżommu ħaj lil Alla fil-ħajja tagħhom bħala individwi u bħala koppja u aktar kemm iżommu ħaj lil Alla fil-familja tagħhom, speċjalment bit-talb flimkien u bil-frekwenza għas-sagramenti, minkejja d-diffikultajiet u l-ħafna sagriffiċji tal-ħajja, iż-żwieġ jibqa' sod u jissaħħaħ.

## 2.4 IS-SAGRAMENTI LI JĦALLU ‘KARATTRU’

Ġieli smajtu li hemm tliet sagramenti li jħallu karattru? Dawn is-sagramenti huma l-Magħmudija, il-Konfermazzjoni u l-Ordni Sagri.

**Karattru jew siġill spiritwali jfisser li dawn is-sagramenti b’mod speċjali, ilaqqmuna b’mod spiritwali f’Ġesù Kristu għal dejjem.** Huma wkoll jagħtuna sehem mill-ħidma u mill-missjoni ta’ Ġesù.

**Ebda dnub ma jista’ jħassar dan is-siġill.** Huwa siġill, karattru u marka li jibqgħu għal dejjem. Għalhekk in-Nisrani jista’ jirċievi dawn is-sagramenti **darba biss** fil-ħajja tiegħu jew tagħha.

### IL-MAGĦMUDIJA

Il-Magħmudija tissiġilla lin-Nisrani b’siġill spiritwali jew b’marka fir-ruħ li ma titħassar qatt (il-karattru) u li turi li **dik il-persuna hija ta’ Ġesù Kristu.**

Persuna mgħammda hija mgħammda darba għal dejjem. Anki jekk tgħix ħajja mhix tajba – ħajja fid-dnub – xorta tibqa’ persuna mgħammda. Ebda dnub ma jista’ jħassar il-karattru spiritwali li ġie mogħti lilha fil-Magħmudija. Il-persuna li titgħammed **issir ta’ Ġesù darba għal dejjem.** Jekk il-persuna tgħix ħajja ta’ dnub u **titbiegħed** minn Ġesù, Ġesu xorta jibqa’ jistennieha. Jekk trid tirritorna, tista’ tqerr u terġa’ tirritorna għall-ħajja Nisranija. Persuna titgħammed darba biss; ma tistax terġa’ titgħammed.

### IL-KONFERMAZZJONI

Permezz tal-Konfermazzjoni, dan il-karattru-siġill spiritwali jkompli jissaħħaħ u fl-istess waqt

isaħħaħ lill-persuna li tirċevih sabiex tkun tista' tkompli miexja wara Ġesù u tgħix il-ħajja tagħha ta' Nisranija b'aktar responsabbiltà, speċjalment bħala xhieda ta' Ġesù.

Jekk għal xi raġuni l-persuna li tkun irċeviet is-Sagrament tal-Konfermazzjoni ma tgħixx ħajja tajba, is-siġill – il-karattru – ma jitħassarx. Il-persuna xorta waħda tibqa' kkonfermata, jiġifieri mġedda f'Ġesù Kristu. Jekk din il-persuna tkun tixtieq terġa' lura biex tgħix il-ħajja Nisranija, tista' tqerr. Hija l-persuna li titlaq u tgħix ħajja mhix tajba. Ġesù dejjem jibqa' jistenna lill-persuna. Is-Sagrament tal-Konfermazzjoni ma jistax jiġi rrepetut; tistgħu tirċevuh darba biss.

## ORDNI SAGRI

Meta wieħed isir saċerdot, isir saċerdot għal dejjem. Dan is-sagrament, wieħed jista' jirċevih darba biss. Is-saċerdot huwa saċerdot għal dejjem.

Jekk għal xi raġuni huwa ma jibqax jiffunzjona, jiġifieri jaqdi d-dmiritijiet tiegħu ta' saċerdot, huwa xorta jibqa' saċerdot; ikun waqaf **biss mill-ħidma tiegħu ta' saċerdot.**

Inġibu eżempju. F'każ ta' emerġenza, bħal pereżempju, jekk ikun hemm inċident u jkun hemm dan il-bniedem li 'kien saċerdot', dan hu fid-dover li jmur u jassisti lil dik il-persuna; jista' jqarrha u jberikha. Dan jista' jsir f'każ ta' emerġenza biss.

### SFIDA

Matul din il-ġimgħa ersaq għas-sagramenti tal-qrar u tat-tqarbin. Tqarben b'aktar rispett. Agħmel ħiltek li tgħix it-tqarbina li tkun irċevejt billi tħobb bil-verità lill-proxxmu tiegħek.

# Djarju

Ikteb jew pinġi l-esperjenza tiegħek spiritwali wara li ersaqt għas-sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin.

## KATEKEŻI FAMILJA

> *"Għeżież,*
> *ejjew inħobbu 'l xulxin,*
> *għax l-imħabba ġejja minn Alla,*
> *u kull min iħobb*
> *hu mwieled minn Alla*
> *u jagħraf lil Alla."*
>
> 1 ĠW 4, 7

## NITOLBU FLIMKIEN BĦALA FAMILJA

Mulej, bierek
lil kull wieħed u waħda minna.
Għinna nħobbu lil xulxin
u naqsmu din l-imħabba mal-oħrajn
speċjalment ma' dawk fil-bżonn
u ma' dawk li m'għandhom lil ħadd
min iħobbhom.
Ammen



IT-TIELET TEMA

# Ejja Spirtu Qaddis

## NIXTIEQEK, IRRIDEK, GĦANDI BŻONNOK

Spirtu Qaddis, nixtieqek, irridek, għandi bżonnok. Ejja Spirtu Qaddis. Tħallix li din ix-xewqa u din it-talba tkun biss bi preparazzjoni għas-Sagrament tal-Konfermazzjoni imma tkun għal ħajti kollha. Għalhekk hu importanti li nifhem sewwa l-kobor u l-bżonn tas-Sagrament tal-Konfermazzjoni u tal-Ispirtu Qaddis t'Alla.



## 3.1 IR-RELAZZJONI BEJN IS-SAGRAMENT TAL-KONFERMAZZJONI U L-ADOLEXXENTI

Is-sagrament tal-Konfermazzjoni jista' jiġi **ċċelebrat mill-Isqof jew minn xi saċerdot** li jkun ġie ddelegat mill-Isqof.

L-azzjonijiet prinċipali, jiġifieri s-sinjali prinċipali li jsiru waqt ir-rit huma **t-tqegħid tal-idejn u d-dilka biż-żejt tas-Sagrament tal-Konfermazzjoni.** Dan iż-żejt, li ħafna drabi jissejjaħ 'iż-żejt tal-Griżma' (bl-ingliż '*chrism oil*') ikun ġie kkonsagrat f'Ħamis ix-Xirka, fil-quddiesa ċċelebrata filgħodu.

### IT-TQEGĦID TAL-IDEJN

meta l-Isqof jitlob sabiex l-Ispirtu s-Santu jinżel fuq kull adolexxent u adolexxenta biex jimliehom bid-doni tiegħu.

**It-Talba li jgħid is-saċerdot** jew l-Isqof waqt ir-rit (iċ-ċelebrazzjoni) tas-sagrament hija kollha kemm hi talba lil Alla sabiex l-Ispirtu s-Santu jsaħħaħ lill-adolexxenti fil-ħajja tagħhom bħala Kristjani. Din it-talba turi relazzjoni qawwija u profonda bejn Alla u l-adolexxenti.

**It-Talba:**

*Uliedi għeżież (jew ħuti għeżież)*
*nitolbu lil Alla l-Missier li jista' kollox*
*għal dawn l-ulied adottivi tiegħu,*
*li fil-Magħmudija*
*diġà twieldu mill-ġdid*
*għall-ħajja ta' dejjem:*
*nitolbuh biex, fit-tjieba tiegħu*
*jsawwab fuqhom l-Ispirtu s-Santu,*
*ħalli jwettaqhom bil-kotra tad-doni tiegħu*
*u, bid-dilka tiegħu jagħtihom xebh sħiħ*
*ma' Kristu, l-Iben ta' Alla.*

## ID-DILKA BIŻ-ŻEJT TAL-GRIŻMA

Meta l-Isqof (jew is-saċerdot) jagħmel is-sinjal tas-salib biż-żejt fuq ġbin il-kandidati li jkunu se jirċievu s-sagrament huwa jgħid: **"Ħu dan is-siġill."** Dan ifisser li issa l-persuna hija kompletament ta' Ġesù Kristu u hija mmarkata għal dejjem bħala xhud ta' Ġesù.

## IL-PARRINI

Ir-rwol tal-parrini huwa li jakkumpanjaw lill-adolexxent fil-ħajja tiegħu sabiex ikun jista' jgħix aħjar u fil-verità ħajtu, fid-dimensjonijiet kollha, kemm dik umana u speċjament dik bħala persuna Nisranija. Bil-għajnuna tal-parrini, dan l-adolexxent isir żagħżugħ u adult Nisrani tajjeb u ċittadin responsabbli.

**NOTA ŻGĦIRA:**
Il-parrinu jew parrina jista' jkun raġel għall-adolexxenta u mara għall-adolexxent.

Il-parrini jkunu x-xhieda meta l-adolexxent ikun qed jirċievi s-Sagrament tal-Konfermazzjoni, jiġifieri waqt li jkun qed iġedded il-wegħdiet tal-Magħmudija u waqt li l-Isqof jew saċerdot ikun qed jissiġġilla lill-adolexxent biż-żejt tal-Griżma, jiġifieri waqt li l-adolexxent ikun qed jiġi kkonfermat.

Il-parrini huma xhieda u jidħlu responsabbli tal-akkumpanjament tal-adolexxent speċjalment bl-għajxien tagħhom stess bħal persuni Nsara responsabbli.

## GĦALIEX JIĠU MĠEDDA L-WEGĦDIET TAL-MAGĦMUDIJA?

Għaliex hemm rabta bejn is-Sagrament tal-Magħmudija u dak tal-Konfermazzjoni. Bil-Magħmudija sirtu Kristjani u bil-Konfermazzjoni

b'għażla libera tagħkom flimkien ma' dik tal-ġenituri jew ta' dawk li jrabbukom, għażiltu u wrejtu x-xewqa li tiġu kkonfermati fil-fidi Kattolika.

Fis-Sagrament tal-Konfermazzjoni ġġeddu dak li ġie mwiegħed fil-Magħmudija, imma din id-darba, minflok ma jitkellmu l-parrinijiet u l-ġenituri għalikom, **titkellmu intom stess,** jiġifieri intom stess, b'mod individwali, iġġeddu l-wegħdiet tal-Magħmudija.



Dan juri li issa bħala adolexxenti, se tibdew tagħmlu ħilitkom biex tibdew tkunu xi ftit aktar responsabbli tal-mixja tagħkom wara Ġesù u ftit aktar responsabbli li tgħixu ta' ċittadini Nsara.

It-tiġdid ta' dawn il-wegħdiet isir meta l-Isqof jew is-saċerdot jistqasikom:

## IT-TIĠDID TAL-WEGĦDIET TAL-MAGĦMUDIJA

L-Isqof / is-saċerdot: Tiċħdu lix-xitan u l-għemil u l-qerq kollu tiegħu?
Twieġbu: **IVA NIĊĦAD.**

L-Isqof / is-saċerdot: Temmnu intom f'Alla l-Missier li jista' kollox li ħalaq is-sema u l-art?
Twieġbu: **IVA, NEMMEN.**

L-Isqof / is-saċerdot: Temmnu f'Ġesù Kristu, Ibnu l-waħdieni u Sidna li twieled minn Marija Verġini, bata u miet u difnuh,

qam minn bejn l-imwiet, u qiegħed fil-lemin tal-Missier?
Twieġbu: **IVA NEMMEN**

L-Isqof / is-saċerdot: Temmnu fl-Ispirtu s-Santu, Mulej li jagħti l-ħajja li b'mod speċjali llum ser jingħata lilkom bis-sagrament tal-Griżma, kif ingħata lill-Appostli nhar Għid il-Ħamsin?
Twieġbu: **IVA, NEMMEN.**

L-Isqof / is-saċerdot: Temmnu fil-Knisja Mqaddsa Kattolika, fix-xirka tal-qaddisin, fil-maħfra tad-dnubiet, fil-qawma mill-imwiet, u fil-ħajja ta' dejjem?
Twieġbu: **IVA, NEMMEN.**

Isqof / is-saċerdot**:** Din hi l-fidi tagħna. Din hi l-fidi tal-Knisja, li aħna niftaħru li nistqarru f'Ġesù Kristu Sidna.
Kulħadd iwieġeb: **Ammen.**

## IS-SAGRAMENT TAL-KONFERMAZZJONI JKOMPLI JSAĦĦAĦKOM SABIEX TAGĦTU XHIEDA TA' ĠESÙ

Is-Sagrament tal-Konfermazzjoni bl-inżul tal-Ispirtu s-Santu fuqkom, ikompli jsaħħaħkom bil-grazzji Tiegħu, sabiex tagħtu xhieda ta' Ġesù kull fejn tkunu . Dan ifisser li tagħmlu ħilitkom biex tgħixu ta' ċittadini Nsara tassew.

**Tagħtu xhieda ta' Ġesù jfisser:**
Li żżommu **relazzjoni tajba** ma' Ġesù speċjalment bit-talb, kemm fuq livell personali u kif ukoll b'mod komunitarju l-aktar bil-parteċpazzjoni ħajja (mhux bilqiegħda tosservaw biss) tal-Quddiesa tal-Ħadd.

Li tkomplu **l-formazzjoni Nisranija tagħkom** u tkomplu titgħallmu x'qed tgħallem il-Knisja Kattolika llum. Dan titgħallmuh sabiex l-ewwel nett tkunu tafu aħjar x'titlob ir-reliġjon Nisranija Kattolika u wkoll sabiex tkunu tistgħu titkellmu fuqha u dwarha mal-oħrajn speċjalment ma' dawk li jħaddnu reliġjon oħra. Ma tistgħux titkellmu jew tiddiskutu xi ħaġa jekk ma tkunux infurmati sew dwarha.

Li **tirrispettaw u tħobbu lil ħutkom il-bnedmin** kollha bħalma jħobb Ġesù u bħalma jitlob minna li nħobbu. Dan ifisser li tagħmlu ħilitkom li tħobbu lil kulħadd mingħajr ma tagħmlu distinzjoni ta' razza, kulur jew reliġjon għaliex aħna lkoll aħwa, ulied Missier wieħed - Alla.

Li tagħmlu ħilitkom li **tfittxu t-tajjeb fl-oħrajn u li tagħmlu l-ġid ma' kulħadd.** Hekk tkunu qed tgħixu waħda mill-attitudnijiet li kull Kattoliku għandu jrawwem fih. Tkunu qed tpoġġu wkoll fil-prattika kemm il-Kmandamenti u kif ukoll il-Beatitudnijiet.

**SFIDA**
Fil-ġranet li ġejjin, għidu ta' spiss talba lil Ommna Marija sabiex tgħinkom tħejju qalbkom għall-miġja tal-Ispirtu s-Santu fil-qalb tagħkom bħala adolexxenti.



# Djarju

Ikteb jew pinġi kif qed tħossok, bħala adolexxent, issa li qed tħejji ruħek sabiex tirċievi s-Sagrament tal-Konfermazzjoni. Ikteb xi jfisser dan il-pass Kristjan Kattoliku fil-ħajja tiegħek bħala adolexxent Nisrani.

## KATEKEŻI FAMILJA
## TALBA FLIMKIEN BĦALA FAMILJA

Spirtu qaddis,
imħabba bla tmiem,
ejja fina
bl-imħabba mħeġġa tiegħek,
ejja kebbes il-qlub tagħna.

Glorja lill-Missier u lill-Iben
u lill-Ispirtu s-Santu,
kif kien mill-bidu, issa u dejjem
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem.
Ammen.




segretarjat għall-katekeżi